# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2 \ Lm 0.86c

Jannar 2008 *** LEHEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA *** Nru. 894



# WIĊĊ ĊESARI NBIDEL...

## *imma 'mammona' baqgħet!*

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
donated by A.F.
n. 2/08
GAD 13/0/6










# GĦAL  FIX-XAHAR!




## IL-ĦAJJA f'Għawdex

## MINJIERA TA' TAGĦRIF U TAGĦLIM

### dwar Għawdex u l-Għawdxin

***Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (€2 il-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2008, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla din il-formola jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-***

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**








---

Isem ____________________________________________

Indirizz ____________________________________________

____________________________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2008* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari

☐ € 20 Abbonament Benefattur FIRMA ______________________

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 894***
***Jannar 2008***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 / Lm 4.30**
**Benefattur: € 20 / Lm 8.60**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Rapport ta' l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Kummentarju (2) • 13
Riflessi • 15
Kummentarju (3) • 16
L-Intervista • 18
Mill-Parlament • 20
Sfidi ta' Żmienna (3) • 21
Kotba minn Għawdex • 24
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (10) • 28
Snajja Qodma (6) • 30
Impressjonijiet fuq Għawdex (3) • 32
Leħen il-Missjunarji Għawdxin • 34
Għawdex Qabel ir-Ritratti (1) • 36
Għawdex 300 sena ilu (160) • 37
Passiġġata Biblika (32) • 38
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
San Lawrenz • 40
Xhieda Nisranija • 42
Kummentarju (4) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Tisliba Maltija Biblika (3) • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (6) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Joseph Vella, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *L-Ewro, collage.*





# *Dħalna... u Daħħalna l-Ewro*

*Issa żgur ħadd ma baqalu dubju li Malta tagħmel parti mill-Unjoni Ewropea. Issa kull ċittadin Malti jġorr fuqu biċċa Ewropa. Xejn daqs l-Ewro m'hu se jġibna konxji, ilkoll kemm aħna, li pajjiżna huwa tabilħaqq imsieħeb fl-U.E. u li jien u int ċittadini mhux biss Maltin imma wkoll Ewropej. Mill-ewwel ta' Jannar 'il quddiem l-ewro sar oġġett li jagħtik identità. Mhux daqs ir-ritratt tal-maħbub jew maħbuba fil-kartiera, għalkemm jaqsam miegħu l-istess spazju, imma ċertament fih is-sinifikat ta' appartenenza għal kategorija, ftit jew wisq bħad-distintiv mehmuż mal-pavru tal-ġlekk. Issa fil-għadd tal-flus u l-flejjes jeħtieġ li nidraw naħsbu bħall-Ewropej l-oħra. U dan hu xieraq u siewi. Attenti imma; dan ma jfissirx li għandna nibdew naħsbu bħalhom f'kollox (ara paġna 43).*

*Il-għaqda ta' pajjiżna fiż-żona ta' l-ewro u l-adozzjoni tal-munita hija bidla li mistennija ġġib benefiċċji ekonomiċi u soċjali. Hija wkoll bidla li jeħtieġ li tindara fostna. Għalkemm il-poplu kollu għadda minn kampanja sħiħa ta' tagħrif u tħejjija, il-bidu, bħal f'kull bidla oħra, qed jippreżenta xi diffikultajiet. Tinħtieġ kollaborazzjoni bejnietna fl-attività finanzjarja ta' kuljum; tinħtieġ rieda tajba minn kulħadd fil-bejgħ u x-xiri għax din l-attività hija att ta' fiduċja f'xulxin.*

*Huwa mument għall-bejjiegħa, mhux biss biex ma japprofittawx ruħhom mill-inċertezza ta' x'uħud mill-konsumaturi, iżda hu propju mument meta jistgħu jkattru jew jiksbu l-fiduċja tal-klijenti. Dan jistgħu jagħmluh billi jaqtgħu l-prezz "għad-dritt" inqas u jaħdmu offerti vantaġġjużi b'ċifri komdi li jniżżlu xi ftit il-prezzijiet. Min-naħa l-oħra, il-konsumatur għandu jagħraf ir-responsabbiltajiet li l-liġi għaddiet fuq il-bejjiegħ. Il-fatt li x-xerrej jista' jmur jixtri bil-liri u l-bejjiegħ huwa obbligat li jagħtih il-bqija bl-ewro seta' joħloq inkonvenjenzi kontinwi għal min ibigħ. Għaldaqstant, m'għandux, f'dawn il-jiem, xi konsumatur juża lill-ħanut bħallikieku kien il-bank, u minħabba mentalità ta' żmien żemżem jedha jagħmel ir-ronda tal-ħwienet, jixtri ċekċika minn hawn u xarbitella minn hemm, u jibdel, fil-munita l-ġdida, l-liri li kienu ilhom għal snin sħaħ maħżunin taħt il-maduma. Ikun ġest sabiħ u ta' inkuraġġiment jekk il-klijent jagħti lil tal-ħanut ammont li joqrob lejn il-prezz.*

*Il-kollaborazzjoni bejnietna fil-bejgħ u x-xiri u l-fiduċja f'xulxin f'dan il-qasam jirrendu din il-bidla suċċess mingħajr skossi u dispjaċiri. Din il-kollaborazzjoni hija wkoll mod kif "nagħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla".*

**Joseph W. Psaila**

www.dioceseofgozo.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



Mis-Seminarista Noel Debono

*Avvent*

Għaż-żmien liturġiku ta' l-Avvent id-djoċesi offriet numru ta' sussidji għall-animazzjoni liturġika u kateketika proprja ta' dan iż-żmien, fosthom tħabbira ta' l-Avvent, skema ta' omeliji għal nhar ta' Ħadd, xi proposti għan-novena tal-Milied u proposti pastorali oħrajn għal żmien il-Milied.

Kull nhar ta' Sibt, imbagħad, ġew organizzati sensiela ta' laqgħat għaż-żgħażagħ, fil-Knisja ta' San Ġakbu, r-Rabat. F'dawn il-laqgħat kienet tiġi mħabbra l-Kelma ta' Alla tal-liturġija tal-Hadd u ssir riflessjoni dwarha minn Mons. Isqof, ikun mument ta' *sharing* bejn dawk preżenti, kif ukoll ħin ta' skiet u talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

*Saċerdoti*

Nhar l-1 ta' Diċembru, is-saċerdoti tad-djoċesi tagħna attendew għal nofs ta' nhar irtir, fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat. L-irtir tmexxa minn patri Marcello Ghirlando ofm u beda permezz tar-reċita tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u introduzzjoni mill-Isqof.

Nhar il-Hadd, 2 ta' Diċembru, saret laqgħa għall-familjari tas-saċerdoti għawdxin li kienet tikkonsisti f'adorazzjoni u rużarju meditat immexxi minn Dun Karm Hili, ħsieb minn Mons. Isqof Mario Grech u wara mument soċjali bejn dawk preżenti. Din il-laqgħa sservi sabiex jiġi muri apprezzament lill-familjari tas-saċerdoti għall-kontribut tagħhom b'risq il-missjoni u l-ħidma tas-saċerdot, u fl-istess ħin isservi ta' formazzjoni għal dawn il-persuni.

Matul ix-xahar ta' Diċembru saru żewġ laqgħat tal-kappillani flimkien ma' l-Isqof. Kienu diversi l-punti diskussi matul dawn il-laqgħat, fosthom is-sena Pawlina, it-temi għall-eżerċizzi tar-Randan u ċerta formazzjoni li għandha tingħata lill-poplu nisrani dwar xi programmi tax-xandir li jmorru kontra l-prinċipji tal-Vanġelu u tal-morali nisranija. Qed issir ukoll ħidma sabiex fil-futur qrib ikun lest ktieb bit-talb tas-Salmi sabiex jiġi faċilitat it-talb tal-Liturġija tas-Sigħat fi ħdan il-komunitajiet parrokkjali.

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru, ġiet iċċelebrata quddiesa fit-tifkira tal-100 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Karm Cachia. Mons. Isqof ippresieda din l-Ewkaristija għal dan is-saċerdot miż-Żebbuġ, li kien konfessur ta' Karmni Grima u li miet f'fama ta' qdusija.

*Festi*

Kienu diversi l-festi li xi komunitajiet iċċelebraw fix-xahar ta' Diċembru. Il-parroċċa tal-Fontana ċċelebrat il-festa ta' Sant'Andrija, appostlu u martri, nhar il-Hadd, 2 ta' Diċembru. Imbagħad nhar it-8 ta' Diċembru, jum is-sollennità tal-Konċepiment immakulat ta' Marija, Mons. Isqof mexxa pontifikal il-Katidral, flimkien mal-kapitlu katidrali u wara ħa sehem fil-festi fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala, fejn f'din il-ġurnata jkunu mijiet l-Għawdxin li jżuru dan is-santwarju b'devozzjoni lejn Ommna Marija.



Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru l-komunità parrokkjali tal-Munxar iċċelebrat il-50 anniversarju tat-twaqqif tagħha. Fost id-diversi attivitajiet li ġew organizzati, saret quddiesa ta' radd il-ħajr f'dan il-jum, immexxija mill-kappillan ta' din il-parroċċa Dun Tonio Galea, u quddiesa oħra, nhar is-16 tax-xahar li mexxa Mons. Isqof Mario Grech, li ngħaqad ma' din il-komunità f'din l-okkażjoni importanti u ta' ferħ għaliha.

Il-komunità ta' Santa Luċija ġewwa Kerċem, wkoll tiċċelebra l-festa ad unur il-patruna tagħha, matul ix-xahar ta' Diċembru. Nhar it-13 tax-xahar, meta taħbat it-tifkira liturġika jkunu diversi dawk li jżuru 'l din il-knisja b'devozzjoni lejn din il-qaddisa. Imbagħad, nhar il-Hadd, 16 tax-xahar, Mons. Isqof mexxa pontifikal fl-okkażjoni ta' din il-festa.

*Milied*

Bi preparazzjoni għall-festi tal-Milied fil-parroċċi kollha jsiru diversi attivitajiet, l-aktar importanti fosthom tkun il-mixja tan-novena, bi tħejjija prossima għall-Milied.



Nhar is-17 tax-xahar Mons. Isqof Mario Grech ħa sehem fil-quddiesa tan-Novena fil-knisja tan-Nazzarenu, x-Xagħra u wara bierek grawnd/*playing field* ġdid fi Triq Mannar li ser jibda jintuża għar-rikreazzjoni tat-tfal u persuni oħra fil-komunità.

Fil-knisja tax-Xagħra mbagħad, nhar il-Hamis 20 ta' Diċembru Mons. Isqof mexxa l-quddiesa tan-Novena li kienet qed tfakkar il-mitt sena mill-Ordinazzjoni Episkopali u mill-mewt ta' l-Isqof Awżiljarju Rosario Farrugia mwieled ix-Xagħra, li miet biss ftit xhur wara l-ordinazzjoni episkopali tiegħu. Mons. Farrugia kien għal ħafna snin professur tat-teoloġija fl-Università ta' Malta u kanoniku fil-Katidral ta' l-Imdina, fejn il-fdalijiet tiegħu huma llum miżmuma.

Għall-festi tal-Milied Mons. Isqof Mario Grech wassal il-messaġġ u l-awguri tiegħu lill-poplu Malti u Għawdxi. F'dan il-messaġġ huwa tkellem b'mod partikulari dwar diversi persuni li għalihom żmien il-Milied iġib miegħu aktar tbatija u dieqa. Hu ħeġġeġ lill-poplu nisrani sabiex fil-festeġġjamenti

tiegħu ma jinsiex lill-persuni ta' madwaru li jistgħu jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli. Huwa fakkar ukoll kif Ġesù "ftaqar mhux biss biex ikun fqir bħall-foqra u mal-foqra, imma biex lill-foqra jgħinhom jirbħu l-"faqar" tagħhom!" Il-faqar u d-dgħufija tagħna tista' tgħinna nagħmlu esperjenza tal-ħelsien li jagħtina l-Feddej.

Mons. Isqof bagħat ukoll messaġġ lill-emigranti Maltin u Għawdxin, fejn barra li esprima x-xewqat sbieħ tiegħu għal dan iż-żmien qaddis heġġeġ sabiex jiġi mgħix il-veru spirtu tal-Milied. Hu fakkar kif Milied mingħajr Ġesù jitlef il-verità tiegħu. Hu saħaq ukoll dwar l-importanza tal-Kelma ta' Alla fil-ħajja tan-nisrani li kapaċi titrasforma lill-persuna 'f'aħbar tajba' għal dawk madwarha.

Nhar lejlet il-Milied Mons. Isqof ħa sehem fl-għasar tal-vġili flimkien mal-kapitlu u l-kleru tal-Katidral fejn mbagħad iċċelebra l-quddiesa sollenni ta' Nofs il-Lejl. Fl-omelija tiegħu l-Isqof Grech tkellem dwar id-diversi problemi li qegħdin niffaċċjaw fis-soċjetà tagħna u kif it-twelid tal-Mulej għandu jqarribna lejn tant persuni u kategoriji ta' nies li huma l-aktar maħkuma minn dawn il-problemi u kif it-twelid ta' Ġesù jista' jdawwal dawn is-sitwazzjonijiet fis-soċjetà ta' żmienna.

Imbagħad nhar il-Milied Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija fil-Katidral kif ukoll fil-parroċċa ta' San Ġorġ bħalma mbagħad sar fl-aħħar jum tas-sena fejn l-Isqof ippresieda l-pontifikal sollenni bil-kant tat-*Te Deum* fiż-żewġ parroċċi.

Fl-istess jum, Mons. Isqof għalaq is-sena 2007 b'quddiesa ċċelebrata fil-Bażilika ta' Marija Bambina, fil-parroċċa tax-Xagħra, fl-okkażjoni tal-Kwaranturi fil-parroċċa. Il-quddiesa bdiet fil-11.00pm u ntemmet fi sbiħ l-ewwel tas-sena l-ġdida. B'hekk il-poplu t'Alla miġbur madwar il-Kelma u l-Ewkaristija rringrazzja lis-Sinjur Alla għas-sena li kienet qed tintemm, u ntelaq f'idejH għas-sena l-ġdida, Hu li hu s-sid taż-żmien u ta' l-istorja. Wara l-quddiesa, dawk preżenti ltaqgħu fuq iz-zuntier tal-knisja biex jagħtu l-awguri lil xulxin u lill-Isqof, u jieħdu xi ħaġa flimkien.

***Seminarju***

Is-seminaristi tad-djoċesi tellgħu d-dramm bl-isem 'Raġġ ta' Dawl', b'messaġġ nisrani u vokazzjonali, liema dramm kien maqlub għall-Malti minn Mons. Salv Borg. Wara kull rappreżentazzjoni dawk preżenti kienu mistiedna jżuru s-seminarju fejn jgħammru u jiġu ffurmati s-saċerdoti ta' għada.

Nhar is-Sibt, 15 ta' Diċembru, fis-seminarju ġiet organizzata attività għall-abbatini u l-membri tal-vokazzjonijiet tal-parroċċi kollha tad-djoċesi, fl-okkażjoni tal-Milied. Barra riflessjoni ta' Mons. Isqof dwar is-sehem ta' l-abbati fil-liturġija, ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija u mbagħad sar logħob u *party* għat-tfal kollha preżenti.



Nhar il-Ħadd, 16 ta' Diċembru, Mons Isqof Mario Grech ta l-ministeru ta' l-Akkolitat lil tliet seminaristi tad-djoċesi tagħna: Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard Farrugia, it-tlieta mill-parroċċa tax-Xagħra. Iċ-ċerimonja saret waqt konċelebrazzjoni sollenni fil-5.00pm fl-istess parroċċa tax-Xagħra. Permezz ta' l-Akkolitat dawn it-tliet żgħażagħ fil-mixja tagħhom lejn is-saċerdozju ġew imsejħin u afdati bil-ministeru li jgħinu lid-djakni u lill-presbiteri fit-tqassim ta' l-Ewkaristija, sew fl-assemblea liturġika kif ukoll lill-morda fi djarhom, bħala ministri straordinarji tat-tqarbin.

***Pussess***

Nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru, Mons. Isqof Mario Grech ta l-pussess lil Mons. Ġużepp Attard bħala Arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral. Il-motto li Mons. Attard għażel bħala gwida fil-missjoni ġdida tiegħu kien 'Agħmlu dak li jgħidilkom Hu'.



F'messaġġ ta' l-okkażjoni hu tkellem dwar is-sejħa tar-ragħaj li jxandar dak li l-Mulej jgħallimna permezz tal-Kelma tiegħu u awgura li l-ħidma tiegħu fi ħdan din il-komunità parrokkjali tista' tgħin sabiex is-sliem, il-ferħ, l-għaqda u l-imħabba tal-Vanġelu jkunu dejjem aktar preżenti fi ħdanha.

***Santwarju Madonna ta' Pinu***

Nhar l-1 ta' Diċembru sar il-ftuħ tal-festi speċjali f'għeluq il-125 sena minn meta l-Madonna kelmet lil Karmni Grima u lill-Franġisk Portelli. Il-motto għal dawn il-festi huwa "Ejja... fi ħdan Marija ssib lil Ġesù". Matul is-sena ser ikunu diversi l-attivitajiet organizzati, fosthom *symposium* Marjan fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. Għal din is-sena, nhar it-22 ta' Ġunju, tifkira tal-Madonna ta' Pinu, il-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex ser jiċċelebraw dan il-jum bħala sollennità.

***Jum il-Persuni b'diżabbiltà***

Fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, nhar il-Ħadd, 2 ta' Diċembru ġiet iċċelebrata quddiesa f'Jum il-Persuni b'diżabbiltà. Fl-omelija tiegħu, mons. Isqof tkellem dwar l-impenn tal-Knisja favur il-ħajja u s-sehem li l-Knisja għandha tagħti fis-soċjetà u fid-diversi oqsma tagħha, mhux lanqas f'dak tal-bioetika u f'dak ta' l-etika sesswali. Huwa tkellem ukoll dwar id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jgħixu l-ħajja fil-milja tagħha. Għalhekk huwa dmir ta' kulħadd li jgħin lilhom u lill-familji tagħhom, mhux b'karità imma b'ġustizzja. Il-komunità nisranija għandha tkompli tagħmel il-parti tagħha sabiex tinħoloq kultura favur dawn ħutna b'diżabbiltà, sabiex tinqered xi indifferenza li tista' għadha teżisti lejhom u ħalli jkollhom aktar spazju fil-ħajja soċjali, politika u reliġjuża.

***Leġjun ta' Marija***

Fl-istess jum saret id-*December Function* tal-Leġjun ta' Marija, li għaliha jattendu l-membri ta' dan il-moviment fl-okkażjoni tal-Milied. Matul din l-attività saru kelmtejn lil dawk preżenti mill-president attwali tal-Leġjun f'Għawdex, is-sur Nenu Bajada u mill-Isqof Mario Grech u ġie ppreżentat *feature* dwar il-venerabbli Edel Quinn, Irlandiża li ħadmet għat-tixrid tal-Leġjun fl-Afrika.

# *Rapport dwar Mons. Isqof Mario Grech:*
# Il-Bidu tal-Missjoni Pastorali fi Brussels u Luxembourg



## *L-E.T. Mons. Mario Grech,Isqof ta' Għawdex, jippartecipa fil-COMECE*

Wara żmien ta' ħsieb u deċiżjonijiet, bejn l-20 u l-24 ta' Novembru, 2007 bdiet il-missjoni pastorali fi Brussels u Luxembourg. Il-ħtieġa ta' din il-missjoni bdiet tinħass aktar ma l-komunità Maltija bdiet tikber f'dawn l-ibliet minn meta Malta daħlet u bdiet tagħmel parti mill-Unjoni Ewropea. Illum bejn Brussels, Luxembourg u Strasbourg hemm komunità ta' madwar 600 persuna. Dan mhux bilfors jinkludi lil kulħadd. Dan in-numru jirrifletti n-numru ta' dawk il-persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet Ewropej u mhux dawk li huma impjegati ma' azjendi privati jew il-familjari ta' dawn.

Il-bidu ta' din il-missjoni ġie f'kumbinazzjoni mal-parteċipazzjoni ta' Mons. Isqof Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-konferenza tal-Isqfijiet li ġejjin mill-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, (*COMECE*). Din il-laqgħa ssir ta' kull sena. L-Isqof Mons. Grech, kien akkompanjat minn Dun Alfred Vella, delegat tal-konferenza tal-isqfijiet għall-ħidma fost dawk li huma migranti jew f'mixja minn post għall-ieħor għal xi raġuni jew oħra. F'din il-laqgħa ġie ttrattat fost l-oħrajn is-suġġett tar-refuġjati fil-gżejjer tagħna. Fl-intervent tiegħu l-Isqof Grech saħaq fuq il-fatt li aħna bħala proporzjon qegħdin nirċievu ħafna minn dawn in-nies u għalhekk il-konferenzi tal-isqfijiet ta' l-Ewropa għandhom jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet ċivili tal-pajjiżi rispettivi tagħhom biex jaqsmu dan il-piż magħna. Hu tkellem ukoll fuq il-fatt li l-Knisja tħoss ħafna għal dawk il-familji li minħabba li xi parti jkollha titlaq u tinfired mill-bqija, din il-familja tista' ssib ruħha fi kriżi u tisfaxxa l-għaqda li għandu jkun hemm. Għalhekk hu meħtieġ li kull min hu fl-awtorità jara li meta jiġu mgħejjuna dawn ir-refuġjati tingħata attenzjoni speċjali lill-għaqda tal-familja.

Il-missjoni mal-komunità Maltija kienet tikkonsisti l-aktar f'kuntatti ma' diversi familji li huma hemmhekk bit-tfal, u lil xi wħud saritilhom żjara. Saret ukoll vista lill-Istituzzjonijiet Ewropej bħal fejn jiltaqgħu l-Kummissjunarji, l-Parlament Ewropew, il-qorti Ewropew, u l-uffiċċju tal-awdituri għall-Unjoni Ewropea. Id-delegazzjoni kellha laqgħa kordjali ħafna mal-Kummissarju Malti għall-affarijiet tas-sajd, Dr Joe Borg, mal-membri parlamentari Maltin, kif ukoll mal-Ambaxxatur Malti għall-Belġju u Lussimburgu, Dr Bonnici, u mar-rappreżentant permanenti għal Malta, is-Sur Richard Cachia Caruana. Saret vista wkoll fl-iskejjel Ewropej kemm fi Brussell kif ukoll fil-Lussimburgu, fejn iltqajna mat-tfal Maltin u l-għalliema tal-Malti li hemm f'dawn l-iskejjel.

Il-qofol tal-bidu ta' din il-missjoni kienet iċ-ċelebrazzjoni ta' żewġ quddisiet li kienu ppreseduti mill-Isqof Mons. Mario Grech. L-ewwel li ġiet iċċelebrata kienet dik ta' Lussimburgu. Għaliha attendew mas-70 persuna. L-Isqof Grech waqt l-omelija żvolġa s-suġġett tax-xhieda. Hu tkellem fuq il-persuna ta' San Ġwann il-Battista li kien il-prekursur ta' Ġesù, dak li introduċa lil Ġesù lin-nies ta' żmienu. Hekk aħna lkoll fl-ambjenti li nkunu rridu nixhdu għal Ġesù, bl-għemil aktar milli bil-kliem. B'dan il-mod inkunu ngħinu fil-bini tas-saltna ta' Alla l-Missier li mhix saltna ta' setgħa u poter imma saltna ta' mħabba, ġustizzja u sliem.

Fi Brussell l-Isqof Grech tkellem fuq it-tema tad-djalogu, kemm hu importani li nidħlu fi djalogu magħna nfusna u mad-dinja ta' madwarna. Aħna nistgħu nsibu ruħna tant imħabbtin, tant għandna x'nagħmlu, li ftit insibu ħin għalina nfusna aħseb u ara għall-ħaddieħor. Ikun gwaj li aħna nintilfu f'din ir-rutina u hekk nitilfu l-identità tagħna nfusna u ma nkunux ta' għajnuna għall-oħrajn. Id-djalogu jiftaħna biex nifhmu dak li Alla jrid minna u kif nistgħu nkunu miftuħin għall-oħrajn. Fiż-żewġ okkażjonijiet Mons. Isqof feraħ lil Maltin li għalkemm huma f'artijiet daqshekk kbar, b'opportunitajiet immensi, għadhom iħossu l-bżonn ta' Alla f'ħajjithom, u hekk ifittxu li uliedhom jitgħallmu l-katekiżmu u jippreparaw ruħhom għas-sagramenti. Il-komunità kienet imħeġġa biex tibqa' titlob ħalli din il-missjoni li nbdiet, tkompli bil-kooperazzjoni ta' kulħadd, kemm tal-Knisja fil-gżejjer tagħna u kemm bl-appoġġ li huma lesti li jagħtu għall-attivitajiet li jkunu msejħa biex jattendu għalihom.

Minn naħa tagħhom il-Maltin urew li apprezzaw dan il-ġest min-naħa tal-Knisja fil-gżejjer tagħna u talbu li din il-missjoni tkompli speċjalment fil-ġranet importanti tal-kalendarju liturġiku, bħaż-żmien tal-Avvent u l-Milied, ir-Randan u l-Għid. Xtaqu li jkun hemm minn żmien għal żmien laqgħat ta' tħejjija għaż-żwieġ, għax għalkemm huma kollha jikkomunikaw b'diversi lingwi, madankollu jħossuhom aktar kunfidenti li jesprimu ruħhom bl-ilsien Malti f'suġġett daqstant importanti bħalma hu ż-żwieġ.

Il-komunità tal-Ġiżwiti, ta' *Foyer Europeneè*, għenet ħafna biex din il-missjoni setgħet tibda. Il-Patrijiet Frangiskani Minuri, Irlandiżi, fi Krinaam, villaġġ qrib iċ-ċentru ta' Brussell, kellhom kliem ta' tifħir għall-Maltin li jiffrekwentaw il-knisja parrokkjali ta' Sant'Antnin, u qalu li saħansitra waħda Maltija hi katekista f'dik il-parroċċa. Hi x-xewqa ta' kull parti li din il-missjoni tkompli u hemm tama kbira li joħroġ il-ġid mistenni.

*Kummentarju (1)*

# X'ifisser Tagħmel Irtir




***Silta mill-ktieb ġdid maqlub għall-Malti li l-"Lumen Christi Publications" ser toħroġ għar-Randan 2008. Il-ktieb oriġinali bl-Ingliż tal-Professur Fr. John Wijngaards, "Experiencing Jesus" ġie maqlub għall-Malti minn Carm C. Cachia, u se jġib it-titlu "Ġesù, l-isbaħ esperjenza f'ħajtek" u jkun għall-bejgħ mal-bidu tar-Randan. Hu ktieb famuż mad-dinja kollha.***



*minn* **FR. JOHN WIJNGAARDS**

Il-prattika tal-meditazzjoni ta' kuljum tissaħħaħ aktar jekk, xi drabi, ikollna l-opportunità li nagħmlu xi rtir. Ħafna nsara jafu, mill-esperjenza, xi jfisser irtir; ħafna oħrajn qatt ma għamlu rtir. Anke dawk li jafu u japprezzaw l-irtiri, jagħmlu tajjeb jekk jirriflettu għal darba oħra dwar l-importanza ta' l-irtir u kif dan jirnexxilu jilħaq l-iskop tiegħu f'ħajjithom.

L-essenza ta' rtir hi li aħna ninqatgħu għal xi żmien mill-ħajja ta' kuljum u minn dak kollu li din tinvolvi. Immorru għal xi ġranet f'xi post fejn ma jkollniex xi jtellifna mill-biċċa xogħol li nkunu rridu nagħmlu: dik li nġibu ftit ta' l-ordni f'ħajjitna quddiem Alla.

Aħna għandna nagħżlu dan il-post bil-għaqal. Irid ikun post fejn nistgħu ninqatgħu kompletament mix-xogħol tagħna, mill-familja tagħna, mill-aħbarijiet u minn kull ħaġa oħra li normalment tiġbed l-attenzjoni tagħna. Aħna għandna nirtiraw f'post fejn nistgħu nħossuna ħielsa milli nagħtu każ ta' affarijiet bħal dawn, mhux għaliex irridu naħarbu mir-responsabbiltà, imma għaliex nafu li, wara li nkunu saħħaħna mill-ġdid ir-relazzjoni tagħna ma' Alla, aħna nkunu nistgħu naqdu dmirijietna aħjar. Xi drabi, kunvent jew monasteru jkun post-ideali għal din il-ħaġa; drabi oħra nistgħu sempliċement noqogħdu ma' xi ħbieb li jwegħduna li jħalluna waħidna fil-kwiet u fil-paċi.

*Tipi ta' Rtiri*

F'xi pajjiżi, l-uniku tip ta' rtir magħruf hu l-irtir taħt direzzjoni. F'dan l-irtir, numru ta' nies normalment jiltaqgħu ġo dar speċjali għall-irtiri sabiex jassistu ta' kuljum għal programm ta' taħdidiet u eżerċizzji spiritwali. Il-vantaġġ ta' dan il-programm hu li jkun hemm direttur ta' l-irtiri b'esperjenza. Permezz tal-priedki tiegħu u ta' gwida personali dan id-direttur jista' jgħinna niffukaw l-attenzjoni tagħna fuq aspetti tal-ħajja spiritwali li, konxjament jew inkonxjament, inkunu ttraskurajna. Irtir ta' dan it-tip jipprovdi wkoll informazzjoni aġġornata li tkun ta' valur speċjali għal dawk in-nies li ftit għandhom opportunità li jżommu ruħhom informati dwar xi jkun jiġri fil-Knisja.

Madankollu dan it-tip ta' rtir għandu xi żvantaġġi wkoll. It-tagħlim spiritwali li jingħata jista' jkun wisq, bl-introduzzjoni ta' ħafna suġġetti u b'ħafna temi fil-programm. Hekk, l-irtir ikun fil-periklu li jinbidel f'seminar jew f'kors ta' taħriġ li, bla dubju, jħalli ġid imma ma jibqax "irtir". Billi l-programm ikun ippjanat għall-persuni normali u indirizzat lil gruppi, dan jista' ma jkunx addattat għall-bżonnijiet ta' individwu partikulari. Barra minn hekk ikun hemm fatturi oħra li jillimitaw l-effiċjenza ta' rtiri organizzati, bħal, ngħidu aħna, id-data, it-tqassim tal-ħin, l-akkomodazzjoni, eċċ, li jistgħu jillimitaw l-effett proprju ta' rtir.

Hu għal din ir-raġuni li nixtieq ngħid li l-irtir normali hu forsi l-aħjar għamla ta' rtir li nistgħu nagħmlu u wieħed li aħna stess nippjanaw. Li nieħdu ftit jiem mistrieħ għall-ħajja spiritwali tagħna għandu jkun possibbli u normali kważi għal kulħadd. Nofs seklu ilu li tieħu vaganza kienet xi ħaġa li lil ħafna mank biss kienet tgħaddilhom minn rashom. Kundizzjonijiet itjeb ta' xogħol u livell ogħla ta' għajxien għamlu dan possibbli għal ħafna nies. Hekk ukoll, bla ħafna inkonvenjenza, għandu jkun possibbli għal individwi jew koppji miżżewġa li jippjanaw "irtir" f'post addattat, weħidhom ma' Alla.

*It-Tul ta' Rtir*

Kemm għandu jdum irtir? M'għandniex xi ngħidu, m'hemm ebda regola dwar dan. Wieħed jista' jirċievi ħafna fi tlitt ijiem ta' silenzju u ta' ġabra. Imma personalment naqbel ma' rtir ta' sitta jew tmint ijiem, jekk ikun possibbli. L-esperjenza turina li għandna bżonn ta' jum jew tnejn biex inwarrbu dak li aħna involuti fih fil-ħajja ta' kuljum, jum jew tnejn biex bil-mod nieqfu ftit u nibdew induqu ħwejjeġ ogħla. Fil-ħajja hemm proċessi li ma nistgħux ngħaġġluhom u dan jidher li hu wieħed minnhom. Żiemel li għadu kif ħa sehem f'tiġrija jrid iż-żmien biex jerġa' jiġi f'tiegħu. Mingħajr ma nafu, aħna wkoll tant inkunu involuti, mentalment u emozzjonalment, f'affarijiet esterni li għandna bżonn ta' ftit jiem biex, bil-mod, inħallu ftit minn dan l-irbit.

F'irtir ta' sitt ijiem issoltu jkunu r-raba' u l-ħames ġurnata li jagħtuna l-aktar paċi u l-aktar kuntatt profond ma' Alla. Fl-aħħar ġurnata nkunu qegħdin nippreparaw ruħna biex nerġgħu lura lejn il-ħajja tas-soltu, għalkemm ma nippruvawx naħsbu dwar dan.

L-essenza ta' rtir hu dak li l-Benedittini kienu jsejħulu "Vacare Deo", jiġifieri li tiżvojta lilek innifsek għal Alla. M'għandniex inpoġġu lilna nfusna taħt xi pressjoni. Għandna nħossuna ħielsa u kuntenti. Ħafna mill-ħin tagħna għandna ngħadduh fil-mistrieħ, immorru xi passiġġata jew nagħmlu xi ħaġa oħra li sserrħilna moħħna. Meta nħossu li aħna lesti, nistgħu nagħtu lilna nfusna ftit ikel spiritwali, l-aħjar billi naqraw kemm siltiet mill-Iskrittura kif ukoll minn xi ktieb relevanti għalina. Ta' min jinnota li fuq l-Għolja tat-Trasfigurazzjoni, il-Liġi u l-Profeti kienu rrappreżentati mill-protagonisti tagħhom, Mosè u Elija.

### *Il-Qofol tal-Irtir*

Filwaqt li nħallu għalina nfusna kemm nistgħu ħin liberu, għandna, mill-bidu nett, inqegħdu lil Kristu fiċ-ċentru ta' l-irtir tagħna. Għandna nfakkru lilna nfusna kontinwament bil-preżenza tiegħu. Għandna niddeċiedu li ma rridu nagħmlu xejn mingħajru. Għandna nħossu l-ħajra li nsiru nafuh b'mod intimu. Għandna nitolbuh jiggwidana u jgħinna f'kull stadju ta' ħajjitna. Għandna naraw l-irtir kollu tagħna essenzjalment bħala talba, fis-sens wiesa' tal-kelma. Aħna għandna nifitħu ruħna bilmod għal dak kollu li hu Kristu. L-attitudni fundamentali tagħna tista' titfisser fi kliem li aħna nirrepetu minn ħin għall-ieħor:

> *"Għażiż Ġesù, jien ġejt biex insib tarf tal-konfużjoni li ninsab fiha. Jekk jogħġbok, aċċettani kif jien, bix-xewqat kontradittorji kollha tiegħi. L-aktar li nixtieq hu li nkun sinċier miegħi nnifsi, sinċier għal dak li Int tixtieq minni. Jien naf li l-għaqda miegħek tkun tfisser l-aqwa milja tiegħi. Jien nammirak, Ġesù, jien nadurak u naċċettak bħala l-uniku imgħallem tiegħi. Jekk jogħġbok, kun miegħi b'mod speċjali matul dawn il-jiem, kellimni u imla qalbi bil-preżenza tiegħek. Għinni nkun eqreb lejk matul dan l-irtir. B'qalbi kollha rrid insir nafek u nħobbok aħjar."*

### *Waħdi jew ma' oħrajn?*

L-irtir għandna nagħmluh waħidna jew fil-kumpanija ta' oħrajn? Jiddependi. Diskussjonijiet m'oħrajn jistgħu jagħtu l-frott, imma diskussjoni fit-tul teqred il-ġabra u s-silenzju li huma l-karatteristiċi tal-veru rtir. Madankollu, jekk irtir ma' oħrajn ma jtellifx mill-ħin li l-individwu jgħaddi f'talb solitarju, jekk ifisser li kultant niltaqgħu biex nitolbu flimkien jew biex naqsmu flimkien bħala talba l-esperjenzi u l-ħsibijiet tagħna, dan it-tip ta' rtir jista' jkun ta' għajnuna. Filfatt, għall-miżżewġin, għal gruppi pastorali jew għal oħrajn li għandhom l-istess tip ta' xogħol, għajnuna reċiproka bħal din fit-talb u fir-riflessjoni tista' tapprofondixxi l-esperjenza ta' dak li jkun. Madankollu, għandna nkunu konxji mill-periklu illi, bla ma rridu, aħna nkunu ħsiebna aktar f'dawk ta' madwarna milli biex niżvojtaw ruħna għal Alla. L-irtir għandu jagħmilna ħielsa u disponibbli għal Kristu.

**Fis-sens strett tal-kelma, m'hemm l-ebda garanzija li f'irtir aħna jkollna esperjenza ta' l-għaġeb kif kellhom Pietru, Ġabku u Ġwanni fuq il-Muntanja Tabor. Ġrajjiet bħal dawn mhumiex taħt il-kontroll tagħna. Imma lanqas għandna neskludu l-possibbiltà li jkollna esperjenzi bħal dawn. Jekk nagħmlu sforz biex tabilħaqq inkunu ħielsa u disponibbli, Kristu, meta jrid u xħin irid Hu, mhux ser jonqos milli jġagħalna nħossu l-preżenza tiegħu. B'mod xejn mistenni, Hu juri lilu nnifsu lilna. Id-dawl għammiexi tiegħu jħalli fina marka li ma titħassarx. Kristu mhux ser jonqosna.**

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Imfakkar Jum il-Volontarjat waqt li jiġi inawgurat sit elettroniku ġdid*

L-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin għall-ewwel darba, nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru, fl-10.00 ta' filgħodu, fiċ-Ċentru tagħha, fix-Xewkija, ingħaqdet mal-kumplament tal-komunita' internazzjonali biex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Volontarjat. Fl-istess okkażjoni l-Assoċjazzjoni nediet is-sit elettroniku ġdid tagħha www.gozo-ngos.org li ġie inawgurat mill-Ministru Giovanna Debono.

Permezz ta' dan il-*website* l-assoċjazzjoni qed toffri informazzjoni dwar l-istatut tagħha flimkien ma' kopja ta' l-applikazzjoni għal dawk l-għaqdiet mhux governattivi li jkunu jixtiequ jsiru membri tagħha. Minn żmien għal żmien tiġi mġedda l-informazzjoni relatata ma' dawk l-attivitajiet li jkunu qed jiġu organizzati filwaqt li ser jingħata spazju biex l-għaqdiet membri f'din l-assoċjazzjoni jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni u aħbarijiet dwar il-ħidma u l-attivitajiet tagħhom.



*Waqt l-inawgurazzjoni tas-sit elettroniku ta 'l-Assoċjazzjoni ta 'l-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin. Jidhru Antoine Vassallo (xellug) il-Ministru Giovanna Debono, David Pace (lemin) u (fuq in-naħa ta' wara) t-Tabib John B. Pace, Viċi President ta 'l-Assoċjazzjoni Għawdxija.*

Kelmtejn ta' l-okkażjoni saru kemm mill-President ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs Għawdxin, Antoine Vassallo kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. David Pace li ħoloq mill-ġdid dan is-sit elettroniku ta spjegazzjoni tad-diversi faċilitajiet provduti.

L-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs Għawdxin twaqqfet fuq inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex fl-2003 u tinkludi membri minn tliet kategoriji ta' ħidma volontarja, dawk li jaħdmu fil-qasam sportiv, fil-qasam kulturali u dak filantropiku.

## *Skultura minn Għawdex tinbiegħ bi prezz għoli f'Londra*

Għas-sebgħa sena konsekuttiva, l-iskultur Għawdxi minn Għajnsielem, Joe Xuereb għamel għotja ta' waħda mill-biċċiet tiegħu magħmula mill-ġebla Maltija, lill-organizzazzjoni magħrufa bħala *The Malta Charities Association* ta' Londra, li torganizza attivitajiet sabiex jinġabru fondi għal istituzzjonijiet filantropiċi ġewwa Malta u Għawdex.

Għal żmien il-festi tal-Milied, *The Malta Charities* organizzaw *Gala Dinner* f'waħda mill-lukandi lussużi u renomati, *The Landmark*, ġewwa Londra. Matul l-ikla sar irkant tal-oġġetti maħduma minn artisti Maltin u Għawdxin. Madankollu kienet l-iskultura ta' Joe Xuereb bl-isem "Intimità" ta'daqs H.47cm li ġabet l-għola prezz matul is-serata kollha, tant li nbiegħet għal prezz fenominali ta' GBP£3500 (Lm2100 / 4891 Ewro).



*L-iskultura li nbiegħet f'Londra*

Fuq insistenza ta' Xuereb, *The Malta Charities* bdew jgħinu wkoll lil-għaqdiet għawdxin. S'issa l-Fundazzjoni Arka (*Respite Center*) li qiegħed f'Għajnsielem, il-fergħa għawdxija ta' l-*Eden Foundation* li tinsab ukoll f'Għajnsielem u l-Fundazzjoni OASI (*Drug Rehabilitation Center*), li jinsab fir-Rabat, Għawdex, gawdew minn għotjiet ta' flus. Madankollu, għal din is-sena intgħażlet mill-ġdid il-Fundazzjoni Arka. Is-Sinjura Tina Rapinett membru tal-kumitat *The Malta Charities* flimkien ma' l-iskultur Xuereb kellhom laqgħa mad-direzzjoni tal-Fundazzjoni Arka sabiex ikun diskuss b'liema mod *The Malta Charities* jistgħu jgħinu billi jisponsorjaw wieħed mill-proġetti kbar li għandhom maħsuba fiċ-ċentru. Minħabba f'dan, ġie deċiż li l-Fundazzjoni Arka tkun waħda mill-organizzazzjonijiet prinċipali li se jibbenifikaw, xi ħaġa li l-*management* rappreżentat minn Joe Cremona u l-fundatur Mons. Emmanuel Curmi laqgħu bil-ferħa. Għaldaqstant hu mistenni li f'April li ġej, issir il-preżentazzjoni ta' ċekk ta' flus, ġewwa ċ-Ċentru tal-Fundazzjoni Arka, fejn iċ-*Chairperson* ta' *The Malta Charities*, is-Sinjura Madeleine Hladnik, residenti f'Londra, mistennija li tattendi għal din iċ-ċerimonja. Ta' min isemmi ukoll li l-*Express Trailers Ltd.* ta' Ħal-Qormi, Malta għinu sabiex ġarrew sa' Londra l-iskultura ta'Joe Xuereb mingħajr ebda ħlas.

## *Il-Bini ta' Skola Sekondarja Ġdida*



Ix-xogħlijiet fuq il-proġett tat-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid ta' l-iskola sekondarja tas-subien f'Għawdex, mexjin b'ritmu tajjeb hekk kif ix-xogħlijiet ta' skavar ta' l-ewwel blokk ġew konklużi f'Diċembru. Fl-aħħar jiem tqegħdu wkoll il-pedamenti strutturali u ġa beda x-xogħol ta' livellar ta' dak li se jkun parti mill-parkeġġ taħt l-art. Dan il-proġett, li jinvolvi l-investiment ta' madwar Lm3miljun fuq tlett snin, qed jitwettaq mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada taħt il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.

## *Presepju 'life-size' fir-Rabat ta' Adonai Camilleri Cauchi*

*Close-ups tal-pasturi tal-presepju 'life-size' ta' Adonai Camilleri Cauchi li kien għal wiri fil-Banca Giuratale, fi Pjazza t-Tokk, fir-Rabat, Għawdex.*







## *Ser jitfakkar l-1750 sena mill-Martirju ta' San Lawrenz*



*Il-Kappillan Dun Nazju Borg waqt l-omelija ta' l-okkażjoni. Fuq il-lemin tiegħu jidhru wkoll il-fjamma u l-logo ta' dawn il-festi.*

Nhar it-Tlieta l-ewwel jum tas-sena 2008, il-parroċċa ta' San Lawrenz Għawdex, f'ċerimonja fir-raħal, tat bidu għal sena speċjali sabiex tfakkar l-1750 mill-martirju ta' San Lawrenz.

Iċ-ċerimonja bdiet b'korteo ta' Lawrenzjani li telqu minn erba' postijiet differenti fir-raħal. Il-pellegrini, sakemm waslu fil-pjazza tal-knisja, quddiem ħuġġieġa kbira, kantaw il-Litanija tal-Qaddisin.

Wara talba mill-Kappillan Dun Nazju Borg, il-Lawrenzjani, tefgħu injam f'din il-ħuġġieġa. Dan il-ġest sar bħala turija ta' l-impenn li permezz ta'dawn il-festi l-komunità ta' San Lawrenz trid li tkompli tħeġġeġ il-fjamma tal-fidi li ġiet mgħoddija lilha mingħand missirijietha.



*Il-Kappillan Dun Nazju Borg jidher jġorr il-fjamma li tpoġġiet quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz. Fuq ix-xellug tiegħu jidher is-Sindku Noel Formosa b'bukkett ward li tpoġġa wkoll ħdejn l-istatwa tal-Qaddis.*

Wara, minn dan in-nar, il-Kappillan Nazju Borg xegħel il-fjamma żgħira li ser tkompli tixgħel quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz għal matul is-sena kollha.



*Il-Kappillan Dun Nazju Borg jidher ħdejn il-ħuġġieġa, fil-Pjazza ta' San Lawrenz.*

Waqt l-omelija tiegħu, il-kappillan Borg, ħeġġeġ lill-ġemgħa sabiex din is-sena tkun tassew sena speċjali għal raħalhom, u sabiex kullħadd iħossu parti mill-parroċċa. Il-Kappillan imbagħad għadda sabiex elenka ukoll il-punti prinċipali tal-programm għal din is-sena, fosthom dik li l-parroċċa ta' San Lawrenz tkun parroċċa bil-fardal u taqdi lill-proxxmu kif kien jagħmel San Lawrenz.

Waqt il-quddiesa ġie inawgurat ukoll il-*logo* li ser jakkumpanja lill-parroċċa matul din is-sena.

Fl-aħħar tal-quddiesa, il-Kappillan Dun Nazju Borg, f'isem il-parroċċa, flimkien mas-Sindku ta' din il-Lokalità, Noel Formosa, f'isem ir-raħal, poġġew quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz, il-fjamma flimkien ma' bukkett ward.

## *Wirja b'Tifkira*


*Il-wirja fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet f' San Lawrenz*

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Jannar, fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet li jinsab wara l-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, fetħet wirja li tfakkar ġrajja li ġrat madwar mitt sena ilu. Eżattament fis-6 ta' Jannar 1908 saret l-ewwel attività uffiċċjali ta' kongregazzjoni msejħa l-Paġġi ż-żgħar tas-Santissmu Sagrament, li l-għan tagħha kien li tkabbar id-devozzjoni lejn l-ewkaristija fit-tfal iż-żgħar. Din il-kongregrazzjoni kienet affiljata mal-Bżilika ta' Sant Eufemia fi Piacenza l-Italja. Kull 6 ta' Jannar eżattament fl-Epifanija meta wkoll kienet u għada ssir il-Festa tal-Kwaranturi f' San Lawrenz kienet issir l-attivita' prinċipali ta' din il-kongregazzjoni, msejħa "Is-siegħa tal-Paġġi". Din is-siegħa għadha ssir sallum fil-Parroċċa ta' San Lawrenz Għawdex.

Il-wirja dwar is-"Siegħa tal-Paġġi" u l-festa tal-kwaranturi fl-antik terġa tieħu lura fil-passat u terġa tagħti l-ħajja lill-ġrajja sabiħa li ġrat mitt sena ilu. Kien bil-ħidma, l-ħeġġa u l-imħabba ta' l-ewwel kappillan Salv Portelli li din il-kongregazzjoni bdiet fir-raħal ta'San Lawrenz. Għalkemm illum ma għadiex teżisti bħala kongregazzjoni pero' nistgħu ngħidu li s-siegħa tal-paġġi għadha żżomm ħaj dan l-wirt sabiħ. Minn informazzjoni li nsibu fl-arkivju tal-parroċċa ta' San Lawrenz, jidher biċ-ċar kemm il-kappillan Portelli kellu għal qalbu din id-devozzjoni u kemm kien jemmen li l-imħabba lejn l-ewkaristija tista' tfisser tibdila għall-aħjar fil-kommunità. Fil-wirja wieħed seta' jifli ritratti antiki mhux biss tal-paġġi imma wkoll ta' l-artal kif kien ikun imżejjen għall-Festa tal-kwaranturi.

Barra minn hekk wieħed seta' jara wkoll diversi oġġetti antiki li kienu jintremaw għal din il-festa u diversi dokumenti antiki li jagħtu prova ta' l-imħabba u d-devozzjoni tal-Lawrenzjani lejn Ġesù Ewkaristija, fosthom it-test oriġinali tal-priedka ta' Dun Salv Portelli li kienet saret fl-1907, meta kienet twaqqfet il-kongregazzjoni tal-Paġġi ż-żgħar tas-Santissmu Sagrament.

## *Attività "Clean Up The World"*

Nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar, it-tfal tal-Ħames Sena ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur, flimkien ma' l-għalliema tagħhom ħadu sehem fil-Kampanja *Clean Up The World* organizzata kull sena mill-Kunsill Lokali.


*L-istudenti li ħadu parti fl-attività tat-tindif fin-Nadur.*

Il-post magħżul għal din l-attività kien il-Wied tax-Xħajma. Dan jinsab fil-limiti tan-Nadur u jagħti għall-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

It-tfal libsin T Shirts u ngwanti u bil-boroż tal-plastik f'idejhom kienu maqsumin fi gruppi u meddew għonqhom għax-xogħol bil-qalb. Ġabru kull kwalita' ta' skart ta' plastik, karti, fliexken, landi u mbarazz ieħor. Qagħdu attenti ħafna biex ma jiġbrux ħġieġ miksur u landi li jistgħu jaqtgħu idejhom bihom. Skart ingombruż li ma joqgħodx fil-boroż tkaxkar f'munzell f'ġenb fejn wara inġabar mill-Kunsill Lokali.

## *Konsultazzjoni Pubblika dwar ir-Rijabilitazzjoni f'Tal-Qortin*

Il-*WasteServ Malta Ltd.* stiednet lill-kommunità Għawdxija għal żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni dwar ir-rijabilitazzjoni f'Tal-Qortin ix-Xagħra, li issa ser tiġi żviluppata f'Park ta' Rikreazzjoni għall-Familja. Fuq rikjesta tal-Gvern, il-*WasteServ* ippreparat l-ewwel diżinji ta' dan il-Park u l-pubbliku kien inkoraġġit sabiex jagħti ideat, kummenti u jistaqsi mistoqsijiet dwar dan il-proġett.

Dan l-ewwel abbozz tad-diżin, flimkien mal-kummenti tal-pubbliku, issa ser jiġu inklużi fil-*Project Description Statement* li ser jgħaddi għand l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) bħala parti mill-proċess ta' l-applikazzjoni għall-iżvilupp ta' dan il-park. Hu maħsub li dan il-proġett ikun jista' jitwettaq fi żmien sentejn minn meta joħorġu l-permessi meħtieġa.




Id-diżinn propost jinkludi ħafna spazji għal attivitajiet ta' rikreazzjoni varji, fosthom għadajjar u *water features*, *adventure playground*, *belvedere* fuq wħud mill-isbaħ veduti f'Għawdex, amfitejatru u ċinema fil-miftuħ, u żjarat ta' nteress kulturali f'din iż-żona. Id-diżinn jinkludi wkoll spazju għal 2000 *module* ta' pannelli fotovoltaiċi li ser ikunu qed jipproduċu biżżejjed enerġija għal 100 dar b'4 inkwilini f'kull waħda. Hemm inkluż ukoll post għal turbini tar-riħ.




Il-*WasteServ* informat lill-pubbliku preżenti wkoll li bħala parti mill-ħidma li wettqet fir-rijabilitazzjoni tal-miżbla l-antika minn meta ingħalqet f'April ta' tliet snin ilu, il-*Wasteserv* diġà trasferiet mas-60,000 metru kubu ta' materjal biex jiġi maħluq profil finali kif meħtieġ. Barra minn hekk, dan l-aħhar beda wkoll proċess ta' konteniment fis-sit f'tal-Qortin li matulu qed jintefa' ammont ta' terrapien biex jitgħatta l-materjal tal-miżbla antika. Dan għandu jnaqqas l-espożizzjoni tal-wiċċ ta' dik li kienet il-miżbla u għalhekk titnaqqas il-kontaminazzjoni ikkawżata mill-ilma tax-xita u r-riħ. Xogħlijiet simili ser jibdew jitwettqu dalwaqt fuq il-miżbla tal-Magħtab.

## *"Nostalgias of Gozo"*

Fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex, ġiet imnedija pubblikazzjoni ġdida tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti mill-Ministru Giovanna Debono.







Dan il-ktieb, li jġib l-isem ta' '*Nostalgias of Gozo*', jinkludi varjetà ta' ritratti antiki ta' Għawdex, li fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu meħudin minn fotografi Għawdxin kif ukoll mill-kollezzjoni privata ta' l-Imħallef Giovanni Bonello, li hu l-awtur ta' din il-pubblikazzjoni.

*Waqt it-tnedija tal-Ktieb Nostalgias of Gozo. Jidhru mix-xellug għal-lemin, l-Imħallef Giovanni Bonello, Maurice DeGiorgio (Chairman tal-F.P.M) il-Ministru Giovanna Debono , u Franco Masini.*

## *Mumenti mill-aħħar tas-sena 2007 u bidu ta' l-2008*












***Minn fuq, iduru kontra l-arloġġ:***
*(a) Waqt live band taħt it-Tinda fit-Tokk, Victoria.*
*(b) International Folk Festival.*
*(c) Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono tuża ATM biex tiġbed flus ewro. Fuqil-lemin, is-Sindku ta' Victoria, Robert Tabone.*
*(d) Kunċert ta 'l-ewwel tas-sena.*
*(e) L-attendenza tal-pubbliku u l-atmosfera ġenerali.*

*Kummentarju (2)*

# Għal darb'oħra r-Randan Reġa' Magħna



*kitba tal-*KAN. DUN ĠILJAN REFALO RAPA

**Mingħajr l-iċken dubju, l-ebda bniedem li hu konvint mill-qawmien fl-aħħar jum, ma jazzarda li jibqa' indifferenti u biered hekk kif kull sena joqrob iż-żmien għażiż u qaddis tar-Randan, biex jagħmel eżami tal-kuxjenza ħalli jara kif u f'liema direzzjoni jkun miexi.**

San Ġorġ Preca fost il-ħafna tagħlim u twissijiet għaqlin tiegħu jgħidilna li kulma nagħmlu għandu jsir b'intenzjoni retta, jiġifieri, jsir għal Alla biss u mhux għal għajnejn in-nies jew għall-vana glorja personali.

Għalhekk issa li qegħdin fil-bidu ta' Randan ieħor, id-demonju jagħmel l-almu kollu tiegħu biex dan iż-żmien idawru għall-iskopijiet ħżiena billi jirnexxilu jinfluenza lil ħafna biex dak li jagħmlu jagħmluh bħala vana glorja u mhux biex jagħtu ġieħ lill-Mulej.

Eżempju l-aktar prattiku huwa t-talb tal-Via Sagra li għal dan iż-żmien jieħu l-predominanza fuq talb ieħor u bir-raġun, għaliex il-meditazzjoni fuq it-tbatija u l-mewt ta' Kristu għandhom inisslu fina sens ta' stmerrija lejn kull xorta ta' dnub. Għalhekk għandna bżonn nifhmuha darba għal dejjem li fit-talb, il-qalb u l-moħħ iridu jintrefgħu 'l fuq lejn Alla, biex ħsiebna jkun kollu kemm hu f'dak li nkunu qegħdin nagħmlu u ngħidu, iżda għall-kuntrarju ħafna minna qed jinviżtaw il-Via Sagra sempliċement bi drawwa, għaliex hekk kienu mdorrija minn ċkunithom. L-aqwa li jagħmlu bħall-oħrajn! U dan m'għandux ikun għaliex il-Via Sagra trid tkun mixja ta' kontemplazzjoni profonda biex twassalna għall-misteru tal-Għid. Wieħed irid joqgħod attent sabiex id-dar t'Alla nagħmluha dar ta' talb u ta' ġabra kbira, u mhux skariġġar, nitkellmu, jekk mhux ukoll ngħaddu xi kummenti kritiċi fuq l-oħrajn.

### *Ninġabru f'Meditazzjoni u fis-Skiet*

Kemm ikunu aktar ta' siwi spiritwali jekk aħna mat-talb u l-kontemplazzjoni fil-Via Sagra li għandna nagħmlu bil-ġabra u devozzjoni, inżidu wkoll waqtiet ħiemda ta' adorazzjoni quddiem it-tabernaklu f'ġabra intima ma' Dak li ħalaqna, li qed iżommna qawwijin u sħaħ u li quddiemu għad irridu nidhru biex nagħtu kont ta' ħajjitna.









Hekk biss ir-Randan jista' jservi ta' żmien tajjeb u qaddis biex nagħtu l-ħajr kollu tagħna lill-Mulej għall-egħġubijiet li għamel għall-ġid tal-bnedmin fiż-żminijiet kollha tal-istorja, u b'mod partikulari, fil-fidwa li minħabba fiha, l-anqas lil ibnu stess ma ħelisha (Rum 8:32).

Il-mixja qaddisa taż-żmien tar-Randan trid tkun tħejjija għal dak kollu li ser nagħmlu fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-ġranet tal-Għid il-Kbir: il-misteru tas-salvazzjoni ta' l-umanità. Nistgħu nxebbħuha ma' l-ikla li l-Mulej għamel mal-appostli, meta offra lilu nnifsu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid hawn il-lejl qabel ma beda l-vjaġġ għat-traġedja tal-Golgota. Ir-Randan jekk ngħixuh bis-sentimenti reliġjużi u qaddisa, jinbidel għalina fi żmien qaddis ta' mħabba, li turi ruħha bil-fatti permezz ta' għemejjel ta' ħniena materjali u spiritwali lejn dawk kollha li jinsabu emarġinati u mwarrba mis-soċjetà.

Il-bidu tal-mixja tar-Randan trid tħeġġiġna biex naqbdu t-triq tal-konverżjoni u naslu biex ngħarfu aħjar u dejjem l-imħabba kbira li għandu għalina l-Mulej flimkien ma' l-Omm Tiegħu u tagħna Marija li tmexxina fil-triq tagħna lejn is-Sema. Kienet hi li għarfet u laqgħet il-pjan ta' mħabba tal-Missier meta emmnet dak li ntqalilha mill-anġlu tal-Mulej 'ikun minni skond kelmtek'(Lq 1:38).

***Għarfien Qaddis***

Għalhekk ejjew nagħmlu proponiment u nieħdu deċiżjoni għaqlija llum qabel ma jkun tard wisq biex fil-ġranet tar-Randan u dawk tal-Ġimgħa Mqaddsa ma nibqgħux marbutin ma' drawwiet li x'ħin tgħasarhom ma ssib l-ebda spiritwalità fihom, għax isiru bla sens jew b'nofs qalb.

Irridu ngħarfu' minkejja kull tfixkil li l-Mulej qed jistedinna għall-mixja ta' penitenza u ta' tisfija interna biex inġeddu l-fidi tagħna u nibnuha fuq pedamenti sodi u mhux fuq tradizzjonijiet u drawwiet folkloristiċi li wrietna mas-snin. B'dan il-mod il-Mulej ma jieqaf qatt isejħilna lejH, biex kull darba li nġarrbu r-rebħa fuq id-dnub, jurina t-triq li twassalna lura lejn id-dar Tiegħu, fejn insibu dik il-ħerqa waħdanija li tinsab fih, li jarana lura għandu mifdija u meħlusa mill-jasar tad-dnub. B'hekk il-barka li nirċievu minn għandu iġġarraf il-ħajt taż-żmien u tiftaħ il-bieb għas-sħubija dejjiema Miegħu.

Il-Mulej qed jagħtina grazzja oħra speċjali.Jalla f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan nagħrfu nitqaddsu fis-**Sewwa Tiegħu** aktar milli bid-drawwiet tagħna.






**RIFLESSI** — **Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard**

## IL-FORMAZZJONI TAL-KATEKISTI



Matul dan ix-xahar qed jiġi fi tmiemu kors ta' formazzjoni għall-katekisti li kien indirizzat biex jilħaq b'mod speċjali lil dawk li jgħallmu lit-tfal li jkunu sa jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof. Saċerdoti Għawdxin, professjonisti u għalliema oħra speċjalizzati fl-oqsma tagħhom taw lezzjonijiet dwar il-Bibbja u l-Katekeżi. Xogħol il-katekist mhux xi wieħed faċli iktar u iktar illum meta l-Knisja qed tikkunsidra t-tagħlim tal-Katekiżmu bħala Ministeru li għalih il-katekista jeħtieġlu jitħarreġ professjonalment. **"Hemm bżonn li nerġgħu niskopru kif innisslu fidi nisranija vera fiż-żgħar tagħna, għax l-isfidi li hawn madwarna huma kbar"**, hekk stqarret is-sinjura Consiglia Azzopardi li attendiet għal dan il-kors.

Illum ħafna mill-ġenituri jgħidulek sinċerament li jħossuhom dgħajfa fir-reliġjon quddiem l-isfidi ta' wliedhom u għalhekk ifarfru din ir-responsabbiltà fuq il-katekist. Importanti għalhekk li l-katekisti tagħna jħossu kontinwament il-ħtieġa li jaġġornaw ruħhom fl-iskills ta' kif għandu jsir it-tagħlim. Jekk is-soċjeta' ta' madwarna qed tinbidel, anke l-katekist irid jaddatta ruħu għal dawn iċ-ċirkustanzi! Il-katekist irid ikollu wkoll il-formazzjoni spiritwali tiegħu koerenti ma' dak li jgħallem. Il-lezzjoni ma tridx tkun bħal kull suġġett ieħor kwalunkwe, studjat fl-iskejjel għall-eżami. Bla dubju d-Djoċesi tagħna qed timla vojt li kien ilu jinħass permezz ta' din l-iskema "Formazzjoni għall-Formaturi".

## IL-KARNIVAL MAGĦNA WKOLL

Ta' kull sena Frar iġib miegħu l-Karnival. Din is-sena dawn il-festi tradizzjonali u popolari qed jaslu ikmen mis-soltu. Fil-gżira tagħna l-Karnival jibda l-Ġimgħa 25 ta' Jannar u jibqa' jkarkar sat-Tlieta 5 ta' Frar meta fl-*enclosure* ta' Misraħ Indipendenza jkun hemm il-*Gran Finale.*

Naħseb li ħafna min-niesna tħobb toħroġ biex tara l-Karnival b'mod speċjali dak organizzat mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li jsir fit-Tokk tar-Rabat, Karnival organizzat li jkun jinkludi karrijiet trijonfali, maskri grotteski, kumpaniji tat-tfal u tal-kbar bil-kostum u danza, xi '*hilarious company*', kompetizzjoni għall-aħjar kostum, il-ballu tal-Karnival, il-Parata, baned għawdxin u divertiment ieħor. Xi drabi naraw ukoll iż-żifna antika tal-Kumittiva magħrufa ħafna fost in-nies ta' San Lawrenz u dawk tax-Xagħra. Kien hemm xi snin meta konna naraw ukoll il-Kukkanja iżda din issa ilha ftit ma ssir.



F'dan iż-żmien fil-vetrini tal-ħwienet tal-ħelu titfaċċa l-"Prinjolata" li ħafna nies jagħmlu għaliha. Tajba u ma fihiex xewk! Il-perlini wkoll huma assoċjati ma' dawn il-festi tradizzjonali u folkloristiċi tal-Karnival li jingħad li kien il-Gran Mastru Pinto li daħħalhom fostna. Baqgħu ġejjin sa żmienna u donnu l-poplu tagħna jkun jistennihom biex jitbellah ftit u jinsa għal mument il-ħajja ta' kuljum. Il-Karnival tat-tfal għandu sehem importanti f'dawn il-jiem u tista' tgħid l-iskejjel għawdxin kollha jippreżentaw xi '*item*' fil-programm. Sinjal tajjeb għax jekk ma nrawmux it-tfal sa miċ-ċokon, il-Karnival x'futur jista' jkollu!

Il-Kunsilli Lokali wkoll fil-maġġoranza tagħhom jorganizzaw il-Karnival fl-irħula tagħhom u n-Nadur forsi l-iktar li jispikka. Hawnhekk isir ukoll il-Karnival spontanju u ħadd mhu eskluż li jxidd il-maskra u joħroġ iterraq mar-raħal. Nies barra mir-raħal ukoll issibhom hawnhekk jiddevertu u jixxalaw. Mhemm xejn ħażin sakemm wieħed jara li ma joħroġx saqajh barra mill-friex! Fi tfuliti jien niftakar lil tal-'liżar' li kienu joħorġu mkeffna biss f'liżar jiġġerrew mat-toroq jisfidaw il-ksieħ ta' Frar kif ukoll lil Fredu l-Leverist, għannej tal-'prima klassi' dejjem liebes ta' xi ħaġa li qatt ma tistenniha jew tobsorha! Kellna wkoll lil kumpanija "Muskettieri Għawdxin" li kienet tinkludi lil Ġużeppi Balluċċi, Ġiġi Sillato, Koli Apap, Ġużeppi Micallef u oħrajn. Baskal Attard jibqa' magħruf għat-trakkijiet li bihom kien jidħol fl-*enclosure* u jifqa' lil kulħadd bid-daħk!

Il-Karnival jiġi biss darba fis-sena u kulħadd jista' jwarrab għal mument is-serjetà u jċarrat ħalqu biex jidħak ftit. Id-daħk jingħad li jnaqqas it-tikmix fil-wiċċ w allura għax ma nitbissmux ftit! Iżda ma ninsewx li hekk kif jintemm, l-għada, jibda żmien ir-Randan, jiem ta' sawm u astinenza. Żmien totalment differenti, iżda li jrid ikun ukoll. Għalhekk il-munita għandha żewġ faċċati, ħbieb!

Kummentarju (3)

# 2007 - Ħarsa Finanzjarja Lura



kitba ta' MICHAEL GRECH

***Reġa' wasal tmiem ta' sena oħra li kien fiha ftit taqlib mhux ħażin fejn jidħlu investimenti finanzjarji sewwa f'Malta u anke barra minn Malta. Nibdew biex ngħatu daqqa ta' għajn x'ġara f'Malta.***

Fuq il-Borża ta' Malta l-ammont ta' negozju li sar kien sostanzjalment inqas minn dak reġistrat is-sena ta' qabel. Fil-fatt il-valur ta' indiċi tal-borża ta' Malta spiċċa kważi fl-istess livell ta' dak li beda bih. L-uniku perjodu fejn kien hemm ftit gwadann kien biss bejn il-bidu ta' Jannar u l-aħħar ta' Frar u bejn nofs April u il-bidu ta' Mejju. Fuq il-Borża żdiedu wkoll żewġ kumpaniji ġodda biex b'hekk l-ammont ta' kumpaniji listjati fuq il-Borża ta' Malta tela' għal sbatax. Wieħed jispera li mad-dħul ta' Malta fl-ewro minn Jannar 2008 jista' jkun ta' inċentiv biex investituri barranin jitħajru jidħlu fis-suq Malti.

Mil-banda l-oħra kif kien mistenni l-Bank Ċentrali ta' Malta matul is-sena għolla l-imgħaxijiet f'Malta diversi drabi biex b'hekk ir-rata ta' imgħax waslet sa' 4.25%. Mill-ewwel ta' Jannar 2008 id-deċiżjoni jekk l-imgħax fil-pajjiż jitilgħux jew jinżlux ma tibqax iżjed f'idejn il-Bank Ċentrali ta' Malta iżda tkun esklużivament f'idejn il-Bank Ċentrali Ewropew. Dan minħabba li Malta ser tkun addottat l-Ewro bħala munita uffiċjali.

Jekk wieħed iħares lejn ix-xena internazzjonali, din ma kinetx xi waħda ħażina. Jekk wieħed iħares lejn l-Ewropa, per eżempju, il-FTSE100 spiċċa s-sena kważi fejn bdiha. Min-naħa l-oħra, dak Ġermaniż spiċċa kważi 19% minn fuq. Fl-Amerika id-*Dow Jones* kien xi 7% minn fuq u n-NASDAQ spiċċa 9% minn fuq. Fl-Asja in-*Nikkei* spiċċa 12% minn taħt. Mill-banda l-oħra kien hemm gwadann sostanzjali fi swieq emerġenti speċjalment fiċ-Ċina, l-Indja, r-Russja u pajjiżi oħra ta' l-Amerika Latina. Fiċ-Ċina biss is-swieq irduppjaw fil-valur.

Suq interessanti ħafna għal dawk l-investituri li huma iżjed kuraġġużi kien dak tal-*Commodities*. F'dawn it-tip ta' swieq jeżistu żewġ tipi ta' *Commodities*, dawk 'l hekk imsejħa *soft*, bħalma huma z-zokkor, il-kafe', il-qamħ, is-soja, etc u dawk imsejħa *hard* bħalma huma d-deheb, il-fidda, ż-żejt, ir-ram, eċċ. Jekk wieħed iħares biss lejn il-prezz taż-żejt jista' jara li dan kważi trippla fi żmien sena. L-effett ta' l-għoli ta' dawn il-*commodities* inħass anke f'Malta fejn kien hemm ċerti żidiet li affettwaw kemm lill- konsumatur kif ukoll lin-negozjant.









Bil-pajjiżi emerġenti jgħamlu qabża ikbar fil-kwalità ta' ħajja tagħhom, qiegħed ikun hemm pressjoni akbar għal *Commodities*, bir-riżultat li nistgħu naraw il-prezzijiet telgħin iżjed 'il fuq matul is-sena l-ġdida.

Iżda bla dubju, l-iżjed avveniment importanti fuq is-swieq mondjali kien il-problema hekk imsejħa tas-*Subprime Mortgages* li bdiet fl-Amerika iżda qegħda tinfirex ukoll madwar id-dinja kollha. Din il-problema inqalgħet għaliex banek u istituzzjonijiet oħra finanzjarji spiċċaw silfu biljuni kbar ta' dollari lil ħafna nies li sselfu flus biex jixtru proprjetà iżda mbagħad ma kinux f'pożizzjoni li jħallsu lura l-flus li ssellfu. B'riżultat ta' dan ħafna minn dawn l-istituzzjonijiet sabu ruħhom f'diffikultajiet kbar bħal, per eżempju l-bank ingliż *Northern Rock*. Biex itaffu xi ftit mill-problema ta' likwidità li nqalgħet, il-banek ċentrali ewlenin bdew jitfgħu ammont kbir ta' flus fis-sistema bankarja u anke bdew inaqqsu l-imgħaxijiet tal-banek. Hekk per ezempju, il-*Federal Reserve* Amerikan fi żmien ta' tlett xhur naqqas l-imgħaxijiet b'wieħed fil-mija. Il-bank ċentrali ingliż ukoll naqqas bi kwart fil-mija u jista' jkun hemm tnaqqis ieħor matul l-2008. S'issa l-Bank Ċentrali Ewropew irreżista għall-pressjoni li għandu biex inaqqas ukoll l-imgħaxijiet.

U la qegħdin nitkellmu fuq il-problema tas-*Subprime Mortgages* ta' min iħares lejn x'qiegħed jiġri fis-suq tal-proprjetà anke f'Malta. Minn statistiċi li qegħdin joħorġu jidher li l-bejgħ tal-proprjetà naqas xi ftit ukoll f'pajjiżna. Minn figuri li deħru fuq xi gazzetti lokali jidher ċar li hemm persentaġġ għoli ta' proprjetajiet li huma vojta u li jekk dan il-persentaġġ jibqa' jikber allura jista' jirriżulta fi pressjoni fuq il-prezzijiet. Dik il-proprjetà li jkollha *location* tajba probabbilment tibqa' żżomm prezza, iżda fejn jidħlu żviluppi hekk imsejħa "tal-massa" jista' jkun li dawn ibatu. Wieħed għandu joqgħod attent ħafna li ma jesponix ruħu żżejjed fuq proprejtà speċjalment jekk il-flus għal akkwist ikunu ġew b'self mill-banek.








# Għawdex fuq Quddiem Nett fix-Xandir bit-Televiżjoni

*Joseph W. Psaila jintervista lil Alvin Scicluna, Direttur Citadel Video Communications*

L-INTERVISTA

***Fost l-Għawdxin, Alvin inti pijunier tax-xandir bit-televiżjoni. Bdejt fis-snin tmenin; ilek taħdem f'dan il-qasam kważi tletin sena. X'kien li ħajrek tiddedika ħidmietek u tinvesti f'dan il-qasam?***

Kollox beda b'kumbinazzjoni.Niftakar li meta kont għalliem żagħżugħ fl-iskola sekondarja tat-tfajliet tal-belt Victoria, illum Agius De Soldanis, kont avviċinat mill-kap sabiex nibda nieħu ħsieb l-attivitajiet marbuta max-xandir edukattiv. F'dawk is-snin, id-dipartiment kien qiegħed jaħseb biex iwaqqaf 'unit' speċjali dwar ix-xandir, kemm fuq ir-radju kif ukoll fuq it-televiżjoni. Jien kont midħla ta' l-isports u kelli komunikazzjoni diretta ma' bosta żgħażagħ. Naħseb li n-namra lejn il-fotografija (dak iż-żmien video kien għadu ma jeżistix) flimkien mal-faċilità bħala għalliem li noħloq *script* jew storja dwar suġġett kien x'kien għenuni nasal f'din it-triq.

Għall-ewwel erba' snin, kont biss il-*producer* tal-programm ġdid minn Għawdex, *Għawdex Illum*. Imbagħad fl-1992 wasal il-pluraliżmu fix-xandir u l-kap ta' dak iż-żmien, Mannie Spiteri, kien issuġġerixxa li nwaqqfu kumpanija żgħira f'Għawdex biex il-filmat ma jkunx limitat biss għal ftit sigħat fil-ġimgħa li fihom kien jitla' kru mill-PBS. Kien konvint li apparti l-ipprogrammar, ma kontx ħażin f'dak li hu ffilmar. Ix-xandir huwa speċi ta' virus li jekk jaħkmek, qajla teħles minnu. Il-kamp televiżiv hu bir bla qiegħ, imma l-ossessjoni li jkollok l-aqwa u l-aħjar ma tantx tħallik taħseb.

***X'diffikultajiet kont issib dari biex regolarment tipproduċi programmi dwar Għawdex? Illum issib diffikultajiet oħra jew għadek tiltaqa' ma' xi fdal ta' dawk tal-bidu?***

L-ewwel problema kienet in-nuqqas ta' respons min-naħa ta' l-Għawdxin. Apparti uffiċjali governattivi jew kapijiet ta' azjendi privati, ftit li xejn kont insib nies lesti li jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq it-televiżjoni. Din il-mentalità damet snin biex tingħeleb u din kienet ir-raġuni li sitt snin ilu, kont tlabt b'ċerta insistenza biex flimkien ma' *Għawdex Illum* nibda nipproduċi programm ieħor bl-isem ta' *Żmeraldi*. Kien intenzjonat għaż-żgħażagħ sabiex minn età tenera ndarruhom jiffaċċjaw l-*camera* u joffru l-opinjonijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom mingħajr mistħija jew riżerva.

Problema oħra serja kienet il-limitazzjoni fil-ħin ta' l-iffilmjar. Kru ta' Xandir Malta kien jitla' Għawdex ġurnata fil-ġimgħa u bejn id-9.00 ta' filgħodu u l-4.00 ta' wara nofsinhar konna niffilmjaw programm bl-aħjar mod li nistgħu... xemx jew xita. Konna tim tajjeb u għandi memorji sbieħ. Iżda t-televiżjoni ma' jinħadimx hekk. Il-ġimgħa għandha sebat ijiem u ħafna attivitajiet iseħħu fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxija.

Dawn in-nuqqasijiet għenu biex titwieled CVC, il-kumpanija tagħna li umilment naħseb li ressqet il-preżenza tat-televiżjoni f'kull rokna ta' Għawdex f'kull ħin tal-ġurnata. Il-*cameras* tat-televiżjoni ma baqgħux avveniment fihom infushom kull meta l-istazzjon statali kien jiddeċiedi li jibgħat kru. Aħna bħala Għawdxin konna nkunu l-ewwel nies li nuru l-preżenza tagħna, u f'bosta okkażjonijiet mingħajr ma nitolbu ħlas ta' xogħolna.

Illum, il-limitazzjonijiet kbar f'dak li hu apparat qed jiġi megħlub – anke jekk il-pubbliku ma jintebaħx li sempliċi *camera* tiswa 'l fuq minn ħamsin elf ewro!!!,,,u b'*camera* waħda ma taħdimx! U li apparti l-*cameras* trid faċilitajiet tal-muntaġġ li jiswew għexieren ta' eluf ta' ewro... u li la l-istazzjon u lanqas ħadd ma jkun ħallaslek l-apparat!

***Din is-sena l-programmi tiegħek kienu kklassifikati l-aħjar f'diversi kategoriji. Kif tispjega din id-diversità?***

Ir-raġuni hi waħda sempliċi... għaliex *Għawdex Illum* m'għandux stil u format wieħed. Sa mill-bidu nett fl-1998, kont enfasizzajt li l-programm għandu jkun il-leħen ta' Għawdex bħala reġjun. Għaldaqstant, filwaqt li kull edizzjoni tidħol taħt il-*mission statement* tal-programm, ġie li kellna programmi ta' natura dokumentattiva, drabi oħra kulturali, xi minn daqqiet investigattivi. Dejjem tajt attenzjoni kbira lill-viżiv sabiex imbagħad ikun l-iskript li jikkomplimenta l-istampi. Din is-sena, l-kumpanija ċkejkna tagħna – u hawn nixtieq naċċenna li dak li rbaħt jien, rebħuh miegħi t-tim kollu mill-'kbar' saż-'żgħar' – aktarx



*Waqt sessjoni ta' ffilmjar fil-palazz tal-Vatikan għad-dokumentarji dwar Papa Ġwanni Pawlu II*

li ħalliet impatt għaliex irbaħna total ta' ħames unuri nazzjonali. *Għawdex Illum* rebaħ tliet unuri mogħtija mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin għall-aħjar ġurnaliżmu f'pajjiżna, sew jekk imxandar kif ukoll jekk miktub. Ġie kklassifikat l-ewwel fis-settur tal-ġurnaliżmu mxandar, il-kategorija ta' ġurnaliżmu kulturali kif ukoll l-aħjar ġurnaliżmu ppreżentat barra minn pajjiżna. Aktar tard, *Għawdex Illum* reġa' ġie magħżul bħala l-aħjar fis-serata tal-*Malta Television Awards* fis-sezzjoni ta' programmi kulturali. Ma' dawn l-*awards*, kien hemm ukoll dak mirbuħ minn *Żmeraldi Teens*, il-programm taż-żgħażagħ fuq ix-xandir nazzjonali. B'kollox sal-lum, CVC rebħet ħmistax-il unur nazzjonali fix-xandir.

***L-awards li rebħet il-kumpanija CVC, kemm f'Malta kif ukoll barra, huma xhieda tal-kwalità għolja tal-programmi tiegħek. Kif jirnexxilek, sena wara l-oħra żżomm il-kwalità?***

Naħseb li dan hu dovut kollu kemm hu għas-sodisfazzjon li jagħtini x-xogħol. Kull programm huwa importanti daqs ta' qablu u allura, anke jekk is-suġġetti ma jkunux jappellaw lill-firxa wiesgħa ta' telespettaturi, dejjem ikunu ta' kwalità li togħġob. Flimkien mat-tim dedikat li għandi, kelli l-kuraġġ li minkejja li ngħixu fuq daqsxejn ta' blata b'limitazzjonijiet kbar, dejjem fittixt li ninvesti f'apparat professjonali "ta' veru". Kien ifisser u għadu jissarraf f'sagrifiċċji finanzjarji kbar. L-apprezzament tax-xogħol tagħna minn kollegi esperti u mill-pubbliku in ġenerali jgħin itaffi xi ftit il-pressjoni finanzjarja u jisqi l-motivazzjoni. Forsi fina lkoll jeżisti l'hekk imsejjaħ *spirit of survival* li għandhom l-Għawdxin kollha: fejn jidħlu jridu jdawru l-isforzi tagħhom f'suċċess. Fit-televiżjoni hemm regola li tajjeb ma tinsa qatt: *you are as good as your last programme*. Minkejja s-suċċessi kollha li ksibna sal-lum, dawn jgħoddu ftit li xejn jekk il-programm tal-ġimgħa d-dieħla jkun vroma. Din ir-regola, u oħrajn bħalha, tgħallimthom il-*BBC* waqt korsijiet ta' studju u prattika. Tgħallimt ukoll li m'għandi ninsihom qatt.



*Fil-knisja tan-Nativitá ġewwa Betlem*

***Taħsibx li l-programmi dwar Għawdex fil-media għadhom neqsin mix-xandir investigattiv?***

Nitkellem dwar il-programm tiegħi. Naħseb li kienu diversi l-okkażjonijiet li fihom *Għawdex Illum* ittratta suġġetti delikati. Jiġu f'moħħi żewġ edizzjonijiet speċjali li saru lejlet ir-referendum tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Jista' jkun li l-fatt li fil-programm ma nħallix konfronti bejn partijiet b'opinjoni differenti, inaqqas xi ftit mill-popolarità tal-programm f'dan ir-rigward. Iżda hawnhekk tajjeb ngħid li l-programm għandu tul ta' 24 minuta biss. Ma jidhirlix li f'ħin daqshekk limitat, għandi niftaħ front fuq suġġetti jaħarqu li jieħdu ferm aktar ħin biex it-telespettaturi jifhmuhom! Mhux sewwa li t-telespettatur tħallih aktar imħawwad minn qabel! Madankollu, din is-sena, l-Istitut tal-Ġurnalisti għażel lil *Għawdex Illum* bħala l-aħjar programm f'din il-linja. F'Mejju konna tellajna żewġ edizzjonijiet speċjali dwar is-sehem ta' gżiritna fl-assemblea reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea. Edizzjoni oħra ffukat fuq ir-rwol tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u kemm din hija ppreparata tiffaċċja l-isfidi li jistgħu jseħħu fi gżiritna. Matul l-aħħar erba' snin, *Għawdex Illum* kien rebaħ dan l-istess unur f'żewġ okkażjonijiet oħra.

Xorta nemmen li nistgħu nitjiebu bil-produzzjoni ta' programmi investigattivi. Għalija u għal sħabi, żgur li ma nsibux problemi biex nippreżentaw programmi ta' dan it-tip. Iżda, nerġa' ntenni, il-ħin limitat żgur li jkun ta' xkiel għall-edizzjonijiet ta' din in-natura.

***Il-programmi tiegħek kif servew matul is-snin, u għadhom iservu, ta' promozzjoni għal Għawdex u għall-Għawdxin?***

Konvint li *Għawdex Illum* hu l-isbaħ u l-aqwa reklam għal Għawdex u ta' dak kollu li jseħħ fi gżiritna. Grazzi għall-kwalità għolja tal-programm, kemm teknika kif ukoll kontenut, *Għawdex Illum* jixxandar erba' darbiet fil-ġimgħa (darbtejn fuq TVM u darbtejn fuq *Education Channel 22*). Ifisser li jidħol fid-djar kollha ta' Malta u Għawdrx erba' darbiet fil-ġimgħa f'ħinijiet differenti! Matul dawn l-għoxrin sena, ftaħna b'mod regolari, tieqa fuq it-talent kulturali ta' l-Għawdxin, wirjiet ta' l-arti, restawr ta' opri artistiċi, tajna tagħrif dwar il-wirt storiku, arkitettoniku u naturali ta' Għawdex, u sa fejn stajna tellajna servizzi dwar avvenimenti li jkunu ġraw jew sejrin iseħħu. Aktarx li m'hemmx programm ieħor li żar daqstant pajjiżi f'erba' kontinenti sabiex nitkellmu ma' Għawdxin li qed jagħmlu ġid fost komunitajiet oħra mbiegħda. Dan kollu kien possibbli għaliex la jien u lanqas il-komplament tat-tim ta' CVC ma fittxew il-flus, jew ħlas ta' l-*overtime* f'ħinijiet mhux normali!

Interessanti l-fatt li sallum, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu hi mpenjata sabiex iġġib turisti lejn xtutna. Iżda l-fenomenu tat-turiżmu intern għadu qatt ma ġie ndirizzat b'serjetà. Kollha nafu kemm it-turist Malti hu importanti għal Għawdex. Sallum kien *Għawdex Illum* li għal għoxrin sena sħaħ, ġimgħa wara l-oħra, ppreżenta din il-ġawhra li fuqha ngħixu l-kumplament tal-pajjiż. Bil-kontribut żgħir tagħna għinna lil bosta Maltin jiskopru lil Għawdex. Għinna wkoll lil bosta Għawdxin jibdew japprezzaw id-djamanti siekta li bihom gżiritna hi mogħnija.

U dan kollu jgħodd għall-programm *Żmeraldi*, il-programm taż-żgħażagħ li issa jinsab fis-sitt sena fuq it-TVM. Dan beda bħala *junior programme* ta' *Għawdex Illum* u għal erba' snin, ta spazju lit-tfal u ż-żgħażagħ għawdxin sabiex juru x'jafu u jesprimu s-sentimenti tagħhom fuq it-televiżjoni. B'xorti ħażina dan il-programm kiber malajr wisq u ġie kostrett jieħu statura nazzjonali fejn illum huwa programm taż-żgħażagħ ta' Malta – anke jekk imtella' f'Għawdex minn Għawdxin.

*MILL-PARLAMENT*

# Skemi għal min juża enerġija alternattiva

*Tagħrif minn tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 26993 li ngħatat fis-Seduta Numru 549, 10 / 07 / 2007.*



L-iskemi li hemm fis-seħħ sabiex jinkuraġġixxu lill-pubbliku jagħmel użu minn enerġija alternattiva jew juża l-enerġija aktar effiċjenti huma:

(1) **Għotja ta' darba fuq xiri ta' sistemi fotovoltajki għall-użu domestiku**
Għotja ta' darba biss ta' 20% fuq il-valur tax-xiri tas-sistema ta' kapaċità minima ta' wieħed *kilowatt peak* u dan sa massimu ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500/ 1164.69ewro). Għotja addizzjonali ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250/582.34ewro) għal kull *kilowatt peak* stallati addizzjonali mas-sistema. L-apparat ikun stallat mas-sistema nazzjonali ta' l-elettriku.

(2) **Għotja ta' darba fuq xiri ta' materjal ta' insulazzjoni termika għall-bjut ta' residenzi domestiċi**
Għotja ta' darba biss ta' 25% fuq il- valur tax-xiri tal-materjal sa massimu ta' mitt lira Maltija (Lm100/ 232.94ewro)

(3) **Għotja ta' darba fuq xiri ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku**
Għotja ta' darba biss ta' 15.25% fuq il-valur tax-xiri tal-karozza

(4) **Għotja ta' darba fuq xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* għall-użu domestiku**
Għotja ta' darba f'rifuzjoni ta' 25% tal-valur tax-xiri tal-prodott sa massimu ta' mitt lira Maltin (Lm100/ 232.94 ewro)

(5) **Għotja ta' darba fuq xiri ta' sistemi li jużaw l-enerġija mir-riħ għall-użu domestiku**
Għotja ta' darba biss ta' 25% fuq il-valur tax-xiri tas-sistema sa massimu ta' mitt lira Maltin (LM100/ 232.94ewro). L-apparat ikun imqabbad mas-sistema nazzjonali ta' l-elettriku.

(6) **Għotja fuq xiri ta' apparat għal użu domestiku li jkun ċertifikat li huwa effiċjenti fl-użu u fil-konsum ta' l-enerġija**
Għotja ta' 20% sa massimu ta' kif indikat f'din it-tabella:

| *Apparat Domestiku* | *Għotja massima f'Ewros* |
|---|---|
| (i) magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ | 58.23 |
| (ii) *tumble dryers* | 58.23 |
| (iii) *dishwashers* | 58.23 |
| (iv) apparat għall-arja kkundizzjonata | 58.23 |

## FUND FOR GOOD CAUSES

Huwa fond għal għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet u proġetti li jintgħażlu skond kriterji kif stabbiliti bil-Liġi dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor, 2001, Artiklu 50(7). Dan huwa tagħrif skond it-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 29129, Seduta 596, 03/12/2007. Minn din it-tweġiba jidher ukoll li, matul is-sena 2007, għaqdiet Maltin u Għawdxin ibbenefikaw minn *Lm628,831.79*.

Minn dan l-ammont, għaqdiet u proġetti Għawdxin ibbenefikaw skond din it-tabella:

| *Name of recipient* | *Project description* | *amount* |
|---|---|---|
| Gozo Express Service | Good Causes Fund Christmas Concert | 640.60 |
| Gozo FA | Stadium Artificial Lighting | 20,000.00 |
| Munxar Parish Centre | New synthetic pitch | 7,000.00 |
| Sannat Lions | Synthetic turf pitch | 20,000.00 |
| Museum Nadur | Purchase of van | 5,000.00 |
| Kumitat Monument Nazzjonali Papa Gwanni Pawlu II | Monument | 2,000.00 |
| Dynamic Promotions | Gozo Music Festival | 2,000.00 |
| Victoria International Arts Festival | Victoria International Arts Festival | 5,000.00 |

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*Sfidi ta' Żmienna (3)*

# KNISJA BIL-GĦATX GĦALL-KATEKEŻI



kitba ta' **JOE RAPA**

**Alla hu Sid l-Istorja u l-Istorja hija Kelma ta' Mħabba mingħandu. Kulma qed jiġri madwar il-Knisja hija Kelma ta' Mħabba għalija bħalma kulma jiġri madwari u madwarek hija Kelma ta' Mħabba għax Alla huwa Mħabba. L-Istorja hija Kelma t'Alla li ssejjaħ lili, lill-Knisja għall-konverżjoni. Il-bżonn, il-ħerqa għall-konverżjoni biss tagħti sens lil dak kollu li jiġri madwarna. Jekk il-Knisja tinsab għaddejja minn żmien, li għal ħafna hu perikoluż, ta' bidla u ta' inċertezza fuq livell mondjali u anke lokali, dan kollu hu sejħa t'Alla għall-konverżjoni, għal Fidi iktar adulta, serja, profonda. Assolutament spiċċa żmien it-trijonfaliżmi u l-kburija ta' Fidi Nazzjonali. Għall-grazzja t'Alla ninsabu fi żmien ta' bidla, għall-aħjar tal-Knisja.**

***Bidla Epokali***

Ġwanni Pawlu II kien laqqa' grupp ta' ħassieba u għorrief biex jiddiskutu jekk din il-bidla li qed ngħixu mhux biss fil-Knisja iżda fuq livell uman kollu kemm hu, l-aktar fuq livell ta' valuri li l-bniedem iżomm bħala fundamentali għalih, hijiex bidla normali li tiġri kull tant snin jew inkella hix bidla epokali. Huma rrispondew li iva, dik tal-lum hija **bidla epokali li tiġri biss f'mumenti kruċjali fl-Istorja tal-bniedem meta jkun f'salib it-toroq, bidla li timmarkah għall-elf sena li ġejjin**, ferm ikbar u iktar serja mit-transizzjonijiet li minnhom tgħaddi d-dinja l-ħin kollu.

Bidla epokali kienet il-konverżjoni ta' Kostantinu li fetħet beraħ il-bibien għal ġnus sħaħ biex jidħlu fil-Knisja, sikwit mhux minħabba konverżjoni jew twemmin awtentiku, iżda għax hekk kien jaqbel. Il-Knisja ġiet fgata minn mewġiet kbar ta' "konverżjonijiet". Mhux kulħadd jaqbel jekk dan kienx żmien tajjeb jew le għall-Knisja. Spiċċaw il-persekuzzjonijiet u l-Knisja saret ir-reliġjon ta' l-istat. Iżda hija tilfet it-tħejjija kateketika għall-magħmudija għax ma kienx possibbli tagħmel katekumenat ma' kull min ried jitgħammed. Dan ħalla effett negattiv li għadna nħossuh sallum. Il-kotra daħlet fil-Knisja bil-mentalità pagana li kellha u l-Knisja, la ma setgħetx teqred din il-mentalità għal kollox minħabba l-folol li asseddjawha, ppruvat tlibbisha libsa 'nisranija'.

***Sekularizzazzjoni***

Illum qed nassistu għal fenomenu 'l kuntrarju. Il-ġnus jinsabu ħerġin mill-Knisja, almenu fil-pajjiżi fejn tferrxet għall-ewwel darba. F'dawn il-pajjiżi il-bniedem sar 'adult' fis-sens li fejn qabel kien idaħħal lil Alla f'kollox u kien jara lil Alla f'kollox, issa, minħabba l-avanz xjentifiku tiegħu qed jaħkem hu ħwejjeġ misterjużi li qabel kien jattribwixxi lil Alla. Il-bniedem sar 'alla'. Iħoss li m'għadx għandu bżonn t'Alla. Ħafna ħwejjeġ tan-natura li qabel kienu jagħmlulu l-ħajja prekarja, issa mmansahom. Dan il-bniedem qatt ma kien Nisrani tassew. Dejjem fettex lil Alla għax kellu bżonnU. Dak in-nhar li l-mediċina bdiet tfejqu minn ħafna mill-mard u li l-flus tassew bnewlu toroq fil-baħar, hu telaq 'il barra. **Il-kotra dejjem fettxet lil Alla għall-bżonnijiet ta' din id-dinja: reliġjożità naturali. Meta dawn il-bżonnijiet beda jsolvihom hu, radd salib għal bieb il-knisja u ma reġax lura.**

Il-bniedem sar sekularizzat u tefa' l-impenn tiegħu mhux iktar biex jgħoġob lil Alla iżda biex itejjeb ħajtu *hawn*. **Dan hu li qed jattakka l-Knisja f'pajjiżna llum. Dak li beda fl-Ewropa ta' Fuq, issa niżel għandna. Dan il-bniedem m'għadux jifhem il-lingwaġġ tal-Knisja għax waqt li din tkellmu fuq il-ħelsien ta' l-ispirtu hu jrid ħelsien tal-ġisem mit-tbatija, mill-mard, mill-inkwiet u l-iskomodità.** Waqt li hi tgħidlu li għandu bżonn salvazzjoni, fidwa, hu jara li x-xjenza u t-teknoloġija fetħulu orizzonti dejjem ġodda. Hu bniedem aljenat.

Ħaġa waħda jaf li mhux se jirbaħ: il-mewt. U hawn hu l-qofol ta' kollox. Hu jipprova jinsa li jeżisti dan il-mostru, iżda l-mewt fiżika hija mmultiplikata f'ħajtu fi mwiet ontiċi li jduqhom kuljum. Iqum filgħodu burdata tajba, tgħidlu kelma żejda l-mara li biha ddejqu u malajr jibda tiela s-sħab. B'xi mod kelma qatlitu. Imur fuq ix-xogħol u dejjem se jsib il-kuntrarju. **Dan il-bniedem li għamel lilu nnifsu 'alla' u jiddieħaq bin-nies 'tal-knisja', jinduna li ma jistax jaħrab il-prekarjetà. Kuljum xi ħaġa toqtlu.**

***X'risposta għandha l-Knisja llum?***

Quddiem l-istraġi tal-bniedem modern li ma jistax isib is-serħan anke jekk kapaċi jixtri kollox, il-Knisja tipprova tlaqqgħu ma' Ġesù Kristu. B'liema mod? Bil-mod li wżat







għal sekli sħaħ: pastorali sagramentali. Hi tgħidlu li Kristu għandu setgħa fuq il-mewt tiegħu, li Kristu jinsab fil-Knisja u jingħata permezz tas-sagramenti... qrar, tqarbin, preżenza reali ta' Kristu fil-Ewkaristija, funzjonijiet eċċ. Il-problema li qed tiċċara iktar kemm jgħaddi ż-żmien hi li dan il-bniedem tilef il-Fidi. U biex tersaq lejn il-waqtiet li toffrilek il-pastorali dominanti tal-Knisja bħalissa, irid ikollok xi ftit Fidi. Fl-aħħar mill-aħħar insibu ruħna quddiem ir-rejaltà li **bil-pastorali sagramentali biss, il-Knisja m'għadhiex iżjed missjunarja, ma tistax tersaq lejn min tilef il-Fidi, ma tistax tfittex in-ngħaġa l-mitlufa. U jekk tieqaf tkun missjunarja, l-Knisja titlef l-iktar raġuni importanti l-għala qed teżisti fid-dinja.**

*Predikazzjoni Ġdida*

Mhux biss dak il-bniedem imbiegħed mill-Knisja, xettiku, li ma jemminx bil-basal li għandu bżonn ta' pastorali oħra biex jintlaħaq, iżda anke ħafna, ħafna minna tal-quddiesa tal-Ħadd (u anke ta' kuljum). Jekk dawn ta' l-aħħar għadhom b'xi mod jintlaħqu mill-pastorali sagramentali, tant baqgħu tfal fil-Fidi, (irġiel u nisa lebsin il-libsa tal-Magħmudija, xi ħadd qal), li qajla jkollhom effett fuqhom is-sagramenti li tant jiddependu mill-Fidi. **Għall-grazzja t'Alla f'pajjiżna qed tinħass żiffa ġdida ta' għarfien li hemm bżonn pastorali ġdida li żgur ma tiħux post il-pastorali sagramentali iżda tkun ta' daħla għaliha u takkumpanjaha.** Problema għall-Knisja f'din il-qabża 'l quddiem fil-pastorali tagħha hu li wisq nies li jaqdu l-Knisja għadhom jaħsbu li l-bniedem muġugħ tal-lum biżżejjed tressqu lejn il-pastorali tradizzjonali mingħajr ma tikkonsidra jekk għandux Fidi jew le biex jilqagħha.

**Għax huwa skandlu kif poplu bħal tagħna, mxarrab għasra kif inhu bis-sagramenti, quddies, festi u fejn il-qassis għadek issibu, jekk mhux ma' kull kantuniera, sikwit... fejn il-knejjes kollha joffru quddies ma jaqta' qatt, bil-poplu mhajjem b'*time-table* li għamlet mill-knejjes '*supermarkets* tal-kult'... huwa skandlu tara kif qisna ċagħka f'qiegħ il-baħar, imxarrba għasra minn barra iżda xotta minn ġewwa... poplu li jogħtor quddiem idejat anti-vanġelu li jiġu fi xtutna waħda wara l-oħra. X'qed jiġri?** Hemm Kristu fis-sagramenti jew m'hemmx? Kristu għadu qawwi llum u kapaċi jgħeleb il-mentalità, preġudizzji, vizzji, l-inkapaċità li jemmen u jħobb li għandu l-bniedem modern? Jew le? **Il-verità hi li tassew li x-xita tinżel iżda qegħdin niġbru l-ilma f'għarbiel.** Qabel ngħaddu għall-pastorali sagramentali għandna bżonn pastorali ta' predikazzjoni ntensa li tressaq bil-mod u b'passi progressivi, pass wara pass, lejn Fidi adulta li tagħti l-ħajja lill-pastorali sagramentali.

*X'tip ta' predikazzjoni?*

Żgur li mhux predikazzjoni moralista li l-ħin kollu ttambar x'mhux suppost jagħmel il-bniedem, x'suppost jagħmel. **Il-problema tal-bniedem mhix li ma jafx x'suppost jagħmel imma li m'għandux saħħa jagħmlu. Tant hi enormi d-dgħufija tal-bniedem li hu jaf x'inhu t-tajjeb imma jsib ruħu li anqas biss għandu rieda, magħtub.** Hu jaf kif għandu jġib ruħu mal-mara, mat-tfal, fuq ix-xogħol, quddiem tentazzjoni. M'għandux saħħa. Ilu jisma' minn mindu kien tifel x'għandu jagħmel. Wara tant żmien u tant kundizzjonamenti mill-ħajja ta' kuljum, il-bniedem hu diżulluż u ma jridx jisma' aktar priedki għax diġa jaf x'se jgħidulu. Għalhekk il-priedki jdejqu u min itawwal in-nies jaħarbuh bħall-babaw.

F'din is-sitwazzjoni fejn qalb il-bniedem hi mimlija ġrieħi x'Kelma tista' tagħtih il-Knisja? Lura għall-pastorali ta' l-Atti ta' l-Appostli! **Il-Kerygma! L-Aħbar it-Tajba! Evanġelizzazzjoni! Lura lejn il-bidu nett!** Inħabbru l-Aħbar ta' Kristu, tal-Mewt tiegħu, tal-Qawmien tiegħu qisu l-bniedem għadu qatt ma sema' bihom, qisu qed jiġru bħalissa, għax **għal tant nies il-misteru tal-Kalvarju għadu qatt ma seħħ għax għadhom qatt ma ltaqgħu miegħu!** Daqshekk, '*full-stop*' għall-mentalità antika li tieħu l-Fidi ta' kulħadd '*for granted*'. Ejjew nibdew mill-għeruq tal-predikazzjoni. Mhix kwistjoni jekk wieħed jafx, fuq livell ta' tagħlim, li Kristu miet għalih, li sema' b'dan, li kapaċi jagħmillek eżami tar-reliġjon u jgħaddi. Mhux fuq dan qed nitkellmu. Li wieħed jemmen waqt li int tħabbarlu l-Aħbar it-Tajba hu miraklu t'Alla, rigal enormi, *gratis*. Dan il-mument irridu nfittxu għal kull bniedem: **il-waqt li f'daqqa waħda**

**dak li hu jaf f'moħħu jsir ħuġġieġa nar f'qalbu. Mhix kwistjoni ta' tagħlim iżda ta' miraklu.** Il-Kerygma hi l-isperma ta' l-Ispirtu s-Santu, jgħidu s-Santi Padri, li ttaqqal lill-bniedem bl-Ispirtu t'Alla. Kristu qal li nar jixtieq iqabbad fuq id-dinja u x'dieqa għandu sakemm dan iseħħ. Qatt ma kien veru dan daqs illum. Wieħed Isqof Ingliż qal li Kristu jitkellem fuq nar u aħna nitkellmu fuqU u fuq pastorali waqt li, kalmi, kalmi, nixorbu t-te. Għandna bżonn inxandru lil Kristu, u lil Kristu biss b'ħeġġa ġdida, ħeġġa qaddisa u mimlija fiduċja li Hu hu ħaj, li Hu miġnun għall-bniedem, li jħobbu hekk kif inhu bla ma jippretendi xejn mingħandu, li jrid ifejqu mid-dnub li qed joqtlu kuljum. Kristu miet għall-għadu tiegħu. Ir-Russi jgħidu li s-sbuħija ssalva d-dinja u li l-qalba tas-sbuħija kollha hi l-wiċċ sofferenti ta' Kristu li jmut għall-għadu. Ha npoġġu l-bniedem quddiem din is-Sorpriża Qaddisa li hi l-Aħbar it-Tajba, il-Vanġelu. Mhux li kien li naraw l-għeġubijiet tal-Mulej jakkumpanjaw l-Evanġelizzazzjoni.

*Minn evanġelizzazzjoni għal mixja*

**It-tħabbir ta' din il-Kerygma, l-Evanġelizzazzjoni, għandha tkun il-predikazzjoni tal-Knisja, dejjem u f'kull waqt. Hija l-kontro-katekeżi tagħha għall-katekeżi tad-dinja.** L-ebda priedka ma tgħodd għalija jekk fil-qalba tagħha ma twassallix, ma ddoqqlix mill-ġdid il-kordi tal-Fidi li tgħidli li Alla bagħat lil Ibnu biex imut għalija, għalija bħala ndividwu, li jien niswa d-Demm t'Alla. Din għandi bżonn nismagħha dejjem u kullimkien u rrid nismagħha sa fuq is-sodda ta' mewti. Mingħajrha l-bniedem hu mejjet ħaj.

Għall-kuntrarju tal-predikazzjoni moralista, din it-tħabbira ta' Kristu li jmut biex iħallasli dejni, li ssejjaħli b'mod urġenti għall-Fidi hija splużjoni li qanqlet bidla profonda f'tant ħajjiet. Il-konverżjonijiet dejjem hawn ġraw: jasal il-mument fejn wieħed 'jagħraf' (oh x'kelma misterjuża!) lil Kristu għall-ewwel darba anke jekk ikun ilu jisma' fuqu ħajtu kollha! Din il-laqgħa tal-bniedem ma' Alla dejjem hi fil-qalba tal-Kerygma. **Meta l-midneb jemmen kemm ħabbu Kristu, li hu l-uniku wieħed li ma jitqażżux, li l-ġustizzja t'Alla hi totalment differenti mil-liġijiet tal-bniedem, tinbet ġewwa qalbu mħabba li qatt ma emmen li hi possibbli u jsib ruħu jibda jwettaq ħwejjeġ li qatt ma kellu l-ħila jwettaqhom.**

Iżda l-Evanġelizzazzjoni hi l-bidu tal-konverżjoni. Il-bniedem hieni li jibda jemmen il-Kelma għadu tarbija tal-ħalib. U hawn jidħol il-bżonn li kull parroċċa jkollha sistema ta' katekeżi li tmexxih lejn il-bniedem adult fi Kristu. **Hemm bżonn ta' mixja lejn il-Fidi Adulta.** Din il-kelma, mixja, llum saret moda fil-Knisja. Mixja titlob proċess li jibda mill-waqt li min jibda miexi jaf li m'għandux din il-Fidi li titlob minnu l-Knisja; li għadu tarbija. Dan mhux faċli. Normalment xi nies jingħaqdu fi gruppi tal-parroċċa għax jafu li huma 'tajbin' u jixtiequ jagħmlu xi ħaġa aħjar. Barra minn dan il-kappillani sikwit huma ttentati li jibdew 'jużaw' lil dawn 'it-trabi' għal affarijiet li finalment ftit għandhom importanza, anzi huma perikolużi għax kapaċi 'jaħarqu' lil min għadu kif beda jiltaqa' ma' Kristu bis-serjetà. Kemm hemm bżonn ta' sabar! Wieħed li tassew jemmen li fil-Knisja llum hemm bżonn tinfetaħ triq, mixja, l-aktar għall-imbegħdin, irid ikun jaf jistenna. Jista' jkun li jiżra bla ma jaf jekk hux se jara l-ħsad. Ħafna m'għandhomx dan is-sabar, anzi jgħarrqu kollox billi jgħidu li dawn in-nies ma jgħinux il-parroċċa.

**Biex mixja tkun mixja awtentika trid tkun progressiva u mmarkata minn tapep li juru progress minn qagħda għall- oħra, bħalma kienet il-katekeżi antika tal-Knisja bi tħejjija għall-magħmudija.** Dan jirrekjedi garanti li jixhdu bis-serjetà li qed isir progress, katekisti li jmexxu 'l-aħwa u huma suġġetti għall-Isqof li jistaqsihom dwar dan il-progress. **U biex mixja tkun awtentika ma tistax tagħmilha waħdek. Għandek bżonn ta' Knisja, ta' aħwa li jagħmlu l-mixja miegħek, ta' komunità.** Għax jekk il-konverżjoni hi dejjem imqabbla ma' mixja fid-deżert, min huwa kapaċi jaqsam id-deżert waħdu?

**Dan kollu jirrikjedi qabża ta' Fidi fil-mexxejja tal-Knisja, viżjoni ġdida, ideja ġdida ta' parroċċa, parroċċa li għada pit-għada tkun komunità ta' komunitajiet li jinsabu f'mixja lejn l-iskoperta glorjuża ta' Kristu, kif qal Ġwanni Pawlu II** f'Toronto fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fl-2002. Dawn il-parroċċi, li fuq kollox huma 'skejjel tal-Kelma' (frażi ta' l-Isqof tagħna), u xi skoperta sabiħa tkun din, bil-mod il-mod iwelldu kariżmi ta' kull tip għax jekk tikber il-Fidi, din trid tidher mill-frott. U mhux kariżmi ta' vokazzjonijiet presbiterali biss iżda anke kariżmi fost il-lajċi, speċjalment f'xogħol missjunarju.

"Alla ħalaqni biex **ngħarfu**, inħobbu, naqdiH u wara mmur ingawdiH għal dejjem." Hekk tgħallimt meta kont żgħir. Kemm hu veru dan! **Il-muftieħ ta' dan kollu hu li 'ngħarfu'. Ħalli l-Knisja tagħna tkun Knisja li tgħin lil nies sempliċi jaslu għal din l-avventura meraviljuża!**









# "DUN ĠUŻEPP CAUCHI"

### *Sensiela imħejjija għall-istampa minn Angelo Xuereb*



Sabiex il-figura ta' Dun Ġużepp Cauchi, saċerdot spiritwali ħafna mill-parroċċa ta' San Lawrenz li għex bejn 1900-1955 tibqa' magħrufa, barra mid-diversi monumenti li twaqqfu f'ġieħu u l-ftuħ tad-dar tiegħu għall-pubbliku, il-Kummissjoni Tifkira Dun Ġużepp Cauchi ħadet ħsieb l-ewwelnett li tippubblika l-ewwel biografija tiegħu fl-1985 fl-okkażjoni tal-għeluq it-30 sena minn mewtu. Barra minn dan fl-okkażjoni ta' l-eżumazzjoni tiegħu u tat-trasport tal-fdalijiet tiegħu miċ-ċimiterju tal-Għarb għaċ-ċimiterju l-ġdid ta' San Lawrenz fl-2001 l-imsemmija Kummissjoni ħadet ħsieb li tkompli sensiela ta' pubblikazzjonijiet fosthom it-tieni edizzjoni tal-biografija ta' Dun Ġużepp Cauchi. Din l-edizzjoni kienet tinkludi xi grazzji ta' fejqan minn mard li huma attribwiti li nqalgħu mingħand Alla permezz ta' Dun Ġużepp Cauchi. Peress li huwa ħalla madwar tlitt mitt pitazz ta' manuskritti l-imsemmija Kummissjoni qed tieħu ħsieb ukoll li tippubblika xogħlijiet ta' Dun Ġużepp Cauchi li qed jiġu editjati minn Angelo Xuereb. Fl-2002 ġie ppubblikat ktejjeb bl-isem "Dun Ġużepp Cauchi 1900-1955, Rifessjonijiet Spiritwali". Fih diversi riflessjonijiet profondi fuq it-tbatija fid-dawl ta' Kristu Msallab. Fl-2003 il-Kummissjoni ħarġet ktejjeb ieħor "Il-Kastità", u fl-2004 "L-Ewkaristija". Dan juri kemm Dun Ġużepp kellu mħabba lejn l-Ewkaristija u għandna ħafna x'nitgħallmu minnu. Fl-2006 ġie stampat il-ktejjeb "Ir-Rużarju", li jgħinna ħafna biex nitolbu din it-talba tant sabiħa u rrakkomandata fid-dehriet tal-Madonna u mill-Papiet. Fl-2007 il-Kummissjoni ppubblikat "Il-Maħfra tal-Għedewwa". Dan il-ktejjeb juri li għalkemm li taħfer lill-għadu tiegħek huwa diffiċli madankollu permezz tal-għajnuna ta' Alla ma jibqax diffiċli iżda ssir mixja wara l-Imgħallem tagħna Sidna Ġesù Kristu. Ta' min isemmi li dawn il-kotba fihom diversi riflessjonijiet profondi ta' natura spiritwali u devozzjonali, msejsa fuq il-Vanġelu.

Ta' min ifakkar li fl-2005 l-imsemmija Kummissjoni biex tfakkar il-ħamsin sena minn mewtu ħarġet biografija aktar dettaljata ta' Dun Ġużepp Cauchi.

Wieħed jista' jakkwista b'xejn kopja ta' dawn il-kotba billi jikteb lis-Segretarju, Kummissjoni Tifkira Dun Ġużepp Cauchi, Triq San Lawrenz, GRB 104, Għawdex. Fl-aħħarnett min jixtieq iżur id-dar fejn twieled, għex u miet Dun Ġużepp Cauchi, huwa ġentilment mitlub iċempel 21560072 għal appuntament.

***Ġorġ Borg***



LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

## IL-KARNIVAL REĠA' MAGĦNA

*mill*-Kav. Joe M. Attard

Tafu illi reġgħu magħna
tifkiriet il-Karnival!
Imma tgħid veru li jgħidu,
'li mill-ġdid insiru tfal!'

Ħafna jħobbu jagħmlu bħali
u ixiddu il-kostum
għax jgħidulek din il-ħaġa
le ma nagħmlu ta' kuljum.

U fit-Tokk jidħlu jiġġennu
u jitbellhu bla waqfien;
ħadd mhu sejjer ikellimhom –
għalhekk jiġi dan iż-żmien!

L-importanti ħaġa waħda;
illi waqt li niddevertu
ma nagħtux, lil ħadd fastidju!
fit-tbaħrid bl-addoċċ ninxteħtu.

Niesna tħobb timla l-'*enclosure*'
ħalli tara l-Isfilata;
fil-but idha dlonk iddaħħal
biex idduq il-Prinjolata.

Tħalli wkoll ir-Rabat tagħna
u iddur dawra fl-irħula;
tal-liżar erħilhom jiġru
u iduru dlonk ma' djulha!

Ġie li ssir anke l-Kukkanja
u ma' l-arblu lkoll nixxabbtu
sabiex nirbħu dak il-premju
ħallina ħa nikkumbattu!

F'San Lawrenz u ġewwa x-Xagħra
ġie li ssir il-Kumittiva;
bil-kostum, b'żifniet wisq ħelwa
u bil-koppji ferm attiva.

Fin-Nadur Karnival qawwi
Karnival tassew spontanju –
għal kulħadd hemm dak l-ispazju
kemm għal iblah, kemm għal ġenju!

Issa l-waqt li niddevertu
għax wara dal-ferħ mundan
dlonk ifeġġu, jiġu fuqna
il-jiem iebsa tar-Randan!

## "PROMOTION"

*minn* Carm C. Cachia

Wara tmintax-il sena
ta' ħidma bla waqfien
sa ħraqt griżmejja nħambaq
u ngħallem bla serħien,
dawk illi għandhom f'idhom
il-għerf ta' dal-pajjiż
u jmexxu moħħ uliedna
qalu dal-kliem preċiż...
"kemm inti injorant!"
Tbissmuli
daħkuli
taptpuli fuq spallejja
ferħuli
ħaduli ftit b'idejja
u b'dik l-arja qaddisa
sejħuli inkapaċi...
U kliemhom imħażżeż
kliem iswed fuq l-abjad,
kien ċar
daqs bi nhar
"Int ħmar!"

## F'JUM GĦAWDEX

*minn* Alfred Grech

F'jum l-Għawdxin
Il-kotra li qatt ma lissnet kelma,
Ġabret kullana ta' tifkiriet
F'sinfonija rqiqa, rqiqa
Għanja tas-sema
Melodija ta' l-erwieħ,
Biċċiet miftuma mill-ġisem sħiħ
Imferrxa fl-għalqet it-taqbid
Biex fi triqatna dojoq u mgħawġin
Titfakkar il-ġrajja ta' dari
Minflok il-ħrejjef ta' kuljum
Ta' qlubija li jsawru l-*mass media*.
Għax hemm min baqa' jagħti ġieħ
U jqim 'l dawk li telqu
U bi ħġaru jiftakar f'dawk li ħallewna
U jinsa għal ftit
l-idoli żgħar ħajjin li bihom miżgħuda
l-mezzi tax-xandir.
Lil dawk li ħallewna f'isem ir-rebħ
Lil dawk li batew għall-ħelsien
Lil dawk għandna niftakru,
Kull meta nħallsu t-taxxi
Kull meta nitfgħu vot marsus, mistur
Li mbagħad jissarraf
F'ħafna ħela u tferrix.
Ebda dejn ma jitħallas
Ebda rahan ma jinfeda
Jekk ma niftakrux
Fl-eroj tal-ħelsien
F'Jum Għawdex.

## Dawl għall-Ħajja

# "SINJUR ALLA, AGĦTINI L-ISPIRTU TA' L-IMGĦALLEM TIEGĦI, ĠESÙ KRISTU"

### 1 MAL-MISSIER: SPIRTU TA' SAGRIFIĊĊJU

- Ġesù Kristu jqis lilu nnifsu bħala Vittma u Sagrifiċċju lil Alla l-Missier għat-tpattija tad-dnubiet. *(1. Pietru 1. 18)*
- Kif bid-diżubbidjenza ta' wieħed (Adam) il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed (Kristu) il-ħafna saru ġusti. (Rum. 5.19)
- F'kollox kien ifittex li jagħmel ir-rieda ta' Missieru: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet". U dan għamlu mill-maxtura sas-salib.

### 2 MIEGĦU NNIFSU: SPIRTU TA' UMILTÀ

- Hu jiċħad lilu nnifsu kontinwament.
- Hu xejjen lilu nnifsu.
- Kien jerfa' fuqu l-piż tad-dnubiet tal-bnedmin kollha, minkejja li kien il-qaddis tal-qaddisin.
- Qatt ma xtaq għalih innifsu ħlief umiljazzjonijiet u tbatija.
- Qatt ma fittex l-istima mingħand il-bnedmin.
- Qatt ma fittex il-glorja tiegħu nnifsu.

### 3 MA' L-OĦRAJN: SPIRTU TA' MĦABBA

- spirtu ta' mħabba u ġentilezza
- spirtu ta' paċi u għaqda.
- iħobb jagħti u jitbaxxa lejn l-oħrajn
- jagħder lill-bnedmin, anki lil dawk
  li kienu jgħidu kontra tiegħu,
  li kienu jinsulentawh,
  li kienu jridu joqtluh.
- Hu ta' ħajtu b'fidwa għal kulħadd.
  Hu qal għalih innifsu : "M'hemmx imħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal **biebu**".
- Iżda ħu għamel ħaġa infinitament akbar. Hu ta ħajtu għall-**għedewwa tiegħu.** *(Fr John Nicholas Grou S.J., Manual for Interior Souls, Burns & Oates, London)*



**Mulej agħtini tlitt iqlub f'qalb waħda**
- **qalb tan-nar għal Alla** biex inħobbu,
- **qalb tal-bronż miegħi nnifsi** biex nitgħakkes,
- **qalb tal-laħam mal-proxxmu** biex nagħdru.

### 4 SAN ĠORĠ PRECA JKELLIMNA: MHUWIEX SPIRTU TA' KRISTU

- li wieħed ipatti deni b'deni
- li wieħed iqarraq bil-proxxmu
- li wieħed ma jħobbx l-għadu tiegħu
- li wieħed iħobb il-flus
- li wieħed inassas
- li wieħed isewwed qalbu għall-ġid li jagħmel ħaddieħor
- li wieħed ma jħobbx

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

- li wieħed ma jagħdirx
- li wieħed jgħix mingħajr tbatijiet
- li wieħed ma jiċħadx lilu nnifsu.

*Muhiex fl-ispirtu ta' Kristu*
- li wieħed jigdeb
- li wieħed ma jgħakkisx il-gula (u jedha fl-ikel u xorb żejjed)
- li wieħed jiġġudika lill-proxxmu
- li wieħed ma jitlobx
- li wieħed ikun lablabi
- li wieħed jitlob kastigi għall-ħżiena
- li wieħed ma jaħrabx l-okkażjoni tad-dnub
- li wieħed jippretendi tpattija għall-ġid li jagħmel
- li wieħed ifittex lill-bnedmin xhieda ta' l-għemil tajjeb tiegħu (jiġifieri jagħmel għal għajnejn in-nies)
- li wieħed jieħu għalih innifsu għal xi azzjoni ħażina.

*(mill-ktieb "Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu)*

## 5 ĠESÙ KRISTU, KIF KIEN JITRATTA LILL-OĦRAJN?

Qatt ma deher f'wiċċ id-dinja xi ħadd li kien jirrispetta lill-oħrajn daqs Kristu.

Minkejja d-difetti u l-ħażen tal-bniedem, Kristu qatt ma kien jaqta' qalbu minnu. Iżda kien jara fih tama għall-futur.

*Eżempji :*

(1) **Lis-Sammaritana** ma qalilhiex : "Hawn ara x'mara mill-agħar."
Imma qalilha: "Agħtini nixrob." U beda d-diskors biex jikkonvertiha.

(2) **Lill-mara midinba** ma qalilhiex: "Ara x'midinba pubblika!"
Imma qalilha : "Mara tidnibx iżjed."

(3) **Lil Żakkew** ma qallux: "Hawn hu dak li jisloħ it-taxxa u jsoff demm il-fqir." Imma qallu: "Żakkew inżel, jeħtieġli noqgħod għandek."

(4) **Liċ-Ċenturjun** ma qallux: "Dan hu barrani."
Imma qallu : "Qatt ma rajt fidi daqshekk ġewwa Iżrael."

(5) **Lill-ħalliel** ma qallux : "Dal-ħallliel hu brigant."
Imma qallu: "Illum stess tkun il-ġenna miegħi."

(6) **Lil Ġuda** ma qallux : "Hawn hu t-traditur!"
Imma qallu: "Ħabib!"

*(Kardinal Albert Decourtray, li kien Arċisqof ta' Lyons, Franza)*

# IDENTIKIT TA' KRISTU

***Persuntu***
- Bniedem dħuli
- Iħobb jagħmilha man-nies sempliċi
- Iħobb jitlob
- Wiċċu jsaħħrek
- Għajnejh jinfduk
- Iħares 'l fuq : jitlob lill-Missier
- Iħares madwaru : iħoss u jħenn
- Iħares fil-fond : jaqra l-qlub.

***Il-Karattru***
- Moħħu ċar
- Oġġettiv u konkret
- Jinteressa ruħu fil-ħajja ta' kuljum
- Iħobb id-dritt u s-sewwa.

***Il-Qalb ta' Kristu***
- Jaf iħoss
- Jaf iħenn u jitħassar il-miġrub
- Ħabib ta' kulħadd
- Jagħder lill-midinbin.

***Ir-Rieda ta' Kristu***
- Rieda sħiħa u qawwija
- Deċiż u riżolut.

***L-Emozzjonijiet ta' Ġesù***
- Jibki quddiem id-dmugħ ta' l-oħrajn
- Jaf jifraħ.
- Kien bniedem perfett u eqwilibrat : trankwill u bla biża' quddiem it-tempesta u quddiem il-persekuzzjoni

***Il-Personalità Tiegħu***
- L-imġiba tiegħu u d-duttrina tiegħu juru li qatt ma deher ħadd bħalu.
- Jitkellem u jġib ruħu b'mod differenti minn kull bniedem li deher fid-dinja.

***X'inhu s-sigriet?***
Minn fejn ġejja din l-oriġinalità?

**Tweġiba :**
Għax Kristu mhux bniedem kwalunkwe.
**KRISTU HU L-IBEN TA' ALLA.**
"Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (Lq 2, 49).

*(Kardinal Giacomo Biffi, Arċisqof Emeritus ta' Bologna, silta mill-ktejjeb tiegħu "Gesù Cristo Unico Salvatore del Mondo", Elle DI.CI)*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (61)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-GĦAXAR PARTI)*

## IT-TWAQQIF TAL-KNISJA

Aħna nemmnu u nistqarru li l-Knisja għandha oriġini divina, għaliex ġiet imwaqqfa direttament minn Kristu, Alla magħmul bniedem, il-Messija mistenni mill-ġnus u l-Feddej ta' l-umanità.

Il-Knisja jew is-saltna messjanika ta' Kristu, kienet imħabbra fir-Rabta l-Qadima. Il-Profeti ħabbru li s-saltna tal-Messija kienet universali u li tibqa' għal dejjem. Hekk stqarr per eżempju l-Profeta Danjel "Mbagħad, fi żmien dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna li ma tinqered qatt, u li l-ħakma tagħha ma tgħaddix għal poplu ieħor" (Dan 2,44).

Il-verità li Kristu hu tabilħaqq il-fundatur tal-Knisja ġiet miċħuda minn diversi eretiċi fosthom:

(i) xi Luterani u Kalvinisti, li kienu jżommu li l-Knisja li għamel Kristu hija magħmula biss minn bnedmin ġusti u predestinati u għalhekk hija xirka spiritwali u mhux soċjetà viżibbli.
(ii) Ħafna razzjonalisti li jgħidu li Kristu ppriedka dottrina etika u l-konverżjoni u għalhekk ir-reliġjon tiegħu hija reliġjon interna, li kull bniedem jaċċetta għalih innifsu u mhux organizzazzjoni esterna.
(iii) Il-Protestanti liberali u l-Modernisti li jgħallmu li Kristu storiku kien jaħseb li tmiem id-dinja kien fil-qrib u għalhekk ma kellux ħsieb iwaqqaf il-Knisja li tibqa', iżda li jippriedka s-saltna t'Alla eskatoloġika, li sseħħ fl-aħħar taż-żminijiet u li għaliha ried iħejji l-bnedmin.

Għall-kuntrarju, id-dottrina kattolika żżomm li Kristu, meta kien jgħix fuq l-art ħabbar u waqqaf il-Knisja tiegħu bħala komunità vera, miftuħa għall-bnedmin kollha u li tibqa' sa tmiem tad-dinja. Dan it-tagħlim neħduh kemm mill-ħajja ta' Kristu kif ukoll mill-istorja ta' l-Appostli.

**1. X'qal u x'għamel Kristu għat-twaqqif tal-Knisja**

Kristu wiegħed li jwaqqaf il-Knisja u waqqafha tabilħaqq. Hija wegħda ta' Kristu li, nsibuha fl-istqarrijiet espliċiti tiegħu, meta qal lil Pietru "Inti Pietru, u fuq din il-Blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jgħelbuhiex" (Mt 16,18) u meta qal lill-Appostli "Għandi wkoll ngħaġ oħra, li m'humiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed" (Ġw 10,16). Kristu ma jirreferix għall-Knisja, bħala ġemgħa nies bla ebda rabta bejniethom, iżda bħala xirka li għandha r-ragħaj u l-mexxej tagħha, jiġifieri bħala komunità li fiha hemm l-unità u l-awtorità. Kristu ddedika l-parti l-kbira tal-ministeru pubbliku tiegħu għall-poplu Lhudi tal-Palestina, billi stinka sabiex jgħolli l-livell morali tiegħu. Iżda sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu deher il-pjan li kellu f'moħħu li jagħżel fost is-segwaċi tiegħu grupp żgħir ta' nies li bihom ikun jista' jiġi realizzat il-Patt il-Ġdid, u titwaqqaf komunità ġdida ta' bnedmin.

Kristu kien iħejji għat-twaqqif tal-Knisja meta ppriedka dwar is-Saltna t'Alla, li kienet il-qalba tal-predikazzjoni tiegħu. Kif naqraw fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n.763 "Il-Mulej Ġesù ta bidu għall-Knisja tiegħu huwa u jxandar il-Bxara t-Tajba, il-miġja tas-Saltna ta' Alla, mwegħda fil-Kotba Mqaddsa tul iż-żminijiet (*Lumen Gentium*,5). Biex jagħmel ir-rieda tal-Missier, Kristu ta bidu għas-Saltna tas-smewwiet, fuq l-art. Il-Knisja, "hi s-Saltna ta' Kristu, li ġa tinsab fid-dinja b'mod misterjuż" (L.G.,3).

Sa mill-bidu tal-hajja pubblika tiegħu, fost dawk li kienu jmorru warajh biex jisimgħuh, Kristu kellu madwaru grupp ta' nies li saru dixxipli tiegħu. Tahom duttrina ġdida, ħarriġhom sabiex jemmnu f'Alla, jadurawh u jqimuh b'kult ġdid, li jsir "fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4,23) biex jieħu post il-kult tat-tempju u d-drawwiet u ċ-ċerimonji qodma l-oħra ta' Mosè. Madwar Ġesù, b'hekk inġabret ġemgħa ta' nies, li Hu sejħilha "merħla ċkejkna" (Ġw 1,35-51; Mk 1,16-20; Lk 10,1-12). Huma rrikonoxxewh bħala għalliem u mexxej reliġjuż tagħhom waqt li aċċettaw li jkunu dixxipli (skulari) tiegħu. "Intom issejħuli 'l-imgħallem' u 'il-Mulej', u tgħidu sewwa, għax hekk jien" (Ġw.13,13), semgħu tagħlimu, u ħafna minnhom emmnu dak it-tagħlim u ħarsuh.

Minn fost id-dixxpli tiegħu, Kristu għażel tnax u sejħilhom "appostli", (Mt 10,1-4) "sejjaħ lejh lil dawk li ried. Huma resqu lejh u għażel tnax li semmihom appostli biex jibqgħu miegħu u jibgħathom jippritkaw" (Mk.3.13-14). Lil dawn il-magħżulin Kristu sejħilhom "ħbieb"u riedhom jidħlu f'intimità ikbar miegħu (Mk.3,13). Fid-diskors ta' l-Aħħar Ċena qalilhom, "sejjaħtilkom ħbieb, għax kull ma smajt minn għand Missieri, għarraftulkom. Mhux intom għażiltu lili, iżda jien għażilt lilkom u ħtartkom biex tmorru tgħamlu l-frott" (Ġw.15,15-16).

Ħa ħsieb iktar mill-qrib ta' dawn it-tnax, fissrilhom il-parabboli tiegħu (Mk.4,34) u huma kienu jmorru miegħu kull fejn kien

ikun sejjer jippriedka. Huwa spjegalhom it-tagħlim tiegħu iktar bir-reqqa, waqt li wrihom minn qabel id-diffikultajiet li kellhom jiltaqgħu magħhom bħala dixxipli speċjali tiegħu (Mt.10,5-42). Dawn it-tnax jifformaw "is-sisien" tal-Knisja, (Efes.2,20) flimkien ma' Kristu li huwa l-ġebla tax-xewka ewlenija ta' dik il-binja. Kienu l-Knisja għaliex bil-ħidma tagħhom, skond il-mandat ta' Kristu, kellhom ixerrduha fid-dinja, billi jippriedkaw b'mod awtorevoli, tagħlimha u l-liġijiet tagħha.

Qabel mewtu, fl-Aħħar Ċena li għamel mat-tnax l-Appostlu tiegħu, Kristu waqqaf is-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida u s-sagrament ta' l-Ewkaristija.

Wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet, Kristu temm l-opra tat-twaqqif tal-Knisja, billi ta setgħat divini lill-Appostli, u bagħthom biex ixandru l-Evanġelju, meta qalilhom "Morru agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom" (Mt.28.19).

Wara li l-Appostli mxew il-quddiem biżżejjed biex jifhmu tagħlimu, Kristu wiegħed li jibni l-Knisja tiegħu fuq Pietru, bħala ġebla spiritwali. Minn dawn it-tnax, Xmun ġie mogħti isem ġdid "Kefa" jew "Pietru" (Ġw.1,42) u f'diversi okkażjonijiet ġew mogħtija lilu, sinjali ta' ġieħ bħala l-ewwel wieħed fost l-appostli. Din il-wegħda tidher ċara mill-kliem li Huwa qal il Pietru "Inti Pietru u fuq din il-blata, jiena nibni l-Knisja tiegħi" (Mt.16,18); "Ikun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed"(Ġw.10,16). Din il-wegħda Kristu wettaqha, meta wara li qam minn bejn l-imwiet qal lil Pietru "Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-ngħaġ tiegħi" (Ġw.21,15,16-17).

Fil-predikazzjoni Kristu mhux biss ħabbar ir-reliġjon tiegħu u s-saltna li kellu jwaqqaf iżda wkoll ddeskriviha kif riedha tkun. Huwa ddetermina direttament u mhux permezz ta' ħaddieħor, il-għan li għandha, jiġifieri s-salvazzjoni tal-bnedmin, is-suġġetti jew dawk li għandhom jidħlu fiha, l-awtorità unika għaliex bħala mexxejja tagħha għażel lill-Appostli, b'San Pietru bħala kap tagħhom, il-mezzi addatti, jiġifieri l-istqarrija tal-fidi, is-sehem fir-riti, il-kult, speċjalment il-Magħmudija, l-Ewkaristija u l-ubbidjenza lejn l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom (Mt 18,18ff). Dawn l-aspetti kollha nsibuhom fil- komunità spiritwali u esterna, li tissejjaħ "il-Knisja".

Il-Knisja twieldet mal-mewt ta' Kristu fuq is-salib u ġiet imxandra b'mod sollenni f'Għid il-Ħamsin. Kif jgħallimna l-Papa Piju XII, fl-enċiklika "Mystici Corporis" "Il-Feddej Divin beda l-bini tat-tempju mistiku tal-Knisja, meta ħabbar il-preċetti tiegħu bil-predikazzjoni. Huwa temm din l-opra meta kien imdendel glorjuż,fuq is-salib. Huwa wera u xandar il-Knisja, meta bagħat fuq id-dixxipli tiegħu l-Ispirtu s-Santu, l-Konsolatur, taħt forma viżibbli".

**2. Mill-Istorja ta' l-Appostli**

Minn jum il-Pentekoste, x-xirka tad-dixxipli ta' Ġesù fil-Palestina, tidher bħala komunità li għandha:

(a) Id-duttrina tagħha u tistqarr lil Kristu bħala l-Messija mistenni u l-feddej li f'ismu biss hemm is salvazzjoni.

(b) Ir-riti propji tagħha: il-Magħmudija, il-qsim tal-ħobż (Ewkaristija) u t-tqegħid ta' l-idejn, biex jingħata l-Ispirtu s-Santu.

(c) Il-Mexxejja tagħha, li huma l-Appostli u dixxipli oħra magħżulin mill-Appostli, li lejhom id-dixxipli l-oħra ta' Kristu għandhom ikunu ubbidjenti.

L-Appostli kienu konvinti, li Krsitu huwa l-fundatur tal-Knisja, difatti, kienu jattribwixxu l-oriġini tagħha, mhux lill-attività tagħhom infushom flimkien jew ta' xi wieħed minnhom iżda għall-ħidma ta' Kristu nnifsu. Immedjatament wara l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu, fl-ewwel Għid il-Ħamsin, aħna nsibu soċjetà organizzata, kif imiss, bl-Appostli bħala mexxejja tagħha (Atti.2,41). Huma kienu jgħammdu f'isem Ġesù, (Atti 2,28) u wettqu għemejjel oħra f'ismu (Atti 3,6 16,13).

San Pawl il-Knisja jsejħilha "ix-Xirka ta' Kristu" ,"kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna Ġesù Krsitu" (1 Kor 1,9) u l-komunitajiet insara jirriferi għalihom bhala "Knejjes ta' Kristu"; "il-Knejjes kollha ta' Kristu, jsellmulkom" (Rum 16,16); "il-Knejjes ta' Kristu fil-Lhudija" (Gal.1,22). Skond San Pawl, il-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu u Huwa r-Ras tagħha "Hu r-Ras tal-Ġisem li hu l-Knisja" (Kol.1,18); "Intom il-Ġisem ta' Kristu u kull wieħed minkom huwa membru tiegħu" (I Kor.12,27). Kristu kiseb il-Knisja għaliex ħallas għaliha b'demmu stess "Ħudu ħsieb tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess" (Atti 20,28); "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha" (Efes.5,25).

**3. Il-Knisja Universali u mingħajr tmiem**

Mill-kotba tar-Rabta l-Ġdida nafu li Kristu l-Knisja tiegħu riedha tkun universali jiġifieri tħaddan il-ġnus kollha. Difatti lill-Appostli qalilhom "Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha"( Mt.28,19) kif ukoll "Morru fid-dinja kollha, xandru 'l Evanġelju lil ħolqien kollu" (Mk.16,15 ), "tkunu xhieda tiegħi, f'Ġerusalemm, fil-Lhudja kollha, fis-Samarija u sa truf l-art" (Atti.1,8). Dawn il-kelmiet juru l-għalqa kbira bla tarf li ġiet afdata lil Knisja minn Kristu. Mhix iktar il-poplu żgħir, fl-art żgħira tal-Palestina, iżda l-Knisja matul iż-żminijiet twettaq il-missjoni tagħha fid-dinja kollha. Il-Knisja ġiet imwaqqfa sabiex permezz tagħha l-bnedmin kollha, mingħajr għażla ta' razza jew kulur, ikunu jistgħu jiksbu s-salvazzjoni.

Anki l-parabboli ta' Ġesù jiddeskrivu l-karattru universali tal-Knisja, per eżempju x-xibka li taqbad u tiġbor fiha kull xorta ta' ħut, il-merħla fejn jingabru n-ngħaġ kollha. Ġesù huwa s-Salvatur tal-bnedmin kollha u mhux tal-Lhud biss. Il-Knisja rċiviet l-istess missjoni wiesgħa u universali li kellu l-fundatur tagħha u li Huwa ried jgħaddi lilha.

Kristu ried ukoll il-perpetwità fil-Knisja tiegħu, jiġifieri, riedha tibqa' sa l-aħħar tad-dinja u ma tinqered qatt. Għalhekk huwa wiegħed li jibqa' dejjem magħha, u l-wegħda ta'Kristu ma tistax tiġi nieqsa "Ara jiena magħkom, sa l-aħħar taż-żmien" (Mt.28,20): Lil Pietru meta, ħatru bħala ras tal-Knisja, Ġesù qallu dwarha "Is-setgħat tal-infern ma jegħelbuhiex" (Mt.16,18). Dan ifisser li l-Knisja ma tistgħax tisfa fix-xejn.

Il-għan tal-Knisja mwaqqfa minn Kristu huwa dak li ssalva l-bnedmin, għalhekk dment li jibqa' bnedmin fuq wiċċ l-art, jibqa' wkoll il-ħtieġa tagħha.

*(jissokta)*


Ta' Vestru

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

*Specializing in Local & Italian Food*

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.

Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitt Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-ĦBULA (1)*

Ix-xogħol tal-ħbula f'Għawdex kien isir mill-familja Vento fi Triq il-Ħabs fil-Gran Kastell. Illum din it-triq jisimha Triq Bieb l-Imdina, għal triq antika li kienet teżisti fl-istess inħawi fi żmien il-Medjuevu. Il-familja Vento kienet ġiet hawn minn Bormla, Malta, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45). Il-membri ta' din il-familja, l-aħwa Żarenu, Manwel, Pawlu, Mary u Michelina, kienu ġew bħala rifuġjati tal-gwerra, iżda tant draw Għawdex li baqgħu hawn u waħda minnhom, Michelina, iżżewġet hawn ukoll. Il-ħbula lesti kienu, imbagħad, jinbiegħu mill-ħwienet li kellhom fejn Savina minfejn kienu jbigħu wkoll oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-biedja, is-sajd, il-kaċċa u snajja' oħra.

### *Is-Sengħa tal-Kurdara*

Il-kurdar hu dak il-ħaddiem tas-sengħa li jagħmel il-ħbula. Dan ix-xogħol kien jirrikjedi paċenzja, attenzjoni u preċiżjoni, u tħaddim bil-għaqal tal-għodda partikolari ħalli l-ħbula jiġu sbieħ u b'saħħithom skond kif ikun jixtieq il-klijent.

### *Materjal*

Il-materjal li minnu jsiru l-ħbula hu ta' żewġ xorta ewlenin: **il-ħaxixa** u **l-qanneb**. Il-ħaxixa tkun sflask jew ħjut irqaq bla barma li tiġi minn barra bħala ħabel oħxon li jinħatt bl-idejn.

### *Għodda*

Il-għodda li biha jsiru l-ħbula titqassam f'diversi bċejjeċ kif se ngħidu:

1. **Ir-Raddiena.** Din tkun bħal rota mdaqqsa ta' l-injam li titħaddem b'manku, imsejjaħ *imradd.* Tkun armata fuq maqgħad, imsejjaħ *sodda,* b'ġebla mdaqqsa biex ir-raddiena ma tinqalibx b'kollox. Din il-ġebla tqila tissejjaħ *karga.* Waqt li jkun qiegħed jinħadem il-ħabel, il-ħaddiem idawwar ir-rota li min-naħa tagħha, permezz ta' ħabel, din iddawwar l-irkiekel ta' l-*istandroll.* Dawn l-irkiekel jissejħu wkoll *kurli* u kull wieħed igħidulu *kurlu.*
2. **L-Istandroll.** L-istandroll ikun bħal salib li fid-driegħ tiegħu jkun hemm erba' kurli jew irkiekel li jduru mar-raddiena. Quddiem l-istandroll ikun hemm żewġ ġebliet żgħar imdendlin miegħu. Dawn ikunu hemm biex is-salib jibqa' mmejjel lil hinn mir-raddiena u jħares 'l isfel. F'tarf is-salib ikun hemm ukoll ġebla għall-piż biex iżżomm l-istandroll f'postu. Din il-ġebla tissejjaħ ukoll *karga.*
3. **Il-Kavaletti (jew Kaviletti).** Il-kavaletti jkunu bħal strippi li n-naħa ta' fuq tagħhom ikunu mqassmin f'erba' jew ħames kanali li minn ġo fihom igħaddi l-flask jew il-qanneb li minnhom ikun qiegħed jinħadem il-ħabel. Fuq medda ta' mitejn pied ikun hemm sitt kavaletti.
4. **Il-Ferret (jew Farrett).** Il-ferret ikun bħal ċirku żgħir tal-ħadid b'ganġ jew żewġ ganġijiet iduru, imwaħħlin kontra xulxin, u marbutin b'biċċa rumnell jew qafla (skond id-daqs). Wara li l-flask isir kurduni u jingħaqdu flimkien, l-imgħallem jigganġa ġo fihom il-ferrett minn ganġ wieħed. Il-ganġ l-ieħor jew iżommu xi ħadd, inkella jintrabat mal-ġebel.
5. **Il-Grabja.** Il-grabja tkun biċċa injam f'għamla ta' piramida, iżda bla ponta u li jkun fiha tliet kanali minfejn igħaddu l-kurduni. Il-grabja tintuża biex il-kurduni ma jitħabblux waqt ix-xogħol. In-naħa l-wiesgħa tkun tħares lejn ir-raddiena.
6. **Il-Musmar.** Dan ikun musmar kbir imwaħħal temporanjament biex miegħu l-kurdar jorbot ħabel maħdum ġdid ħalli jagħtih ġibda biex hekk jistira.
7. **Il-Passetti.** Din tkun injama ċatta b'żewġt itruf ġejjin għat-tond fejn ikun hemm toqba fin-nofs u ħames toqbiet żgħar madwarha. Din kellha skop partikulari, jiġifieri biex jinħadmu ħbula li minn barra jkollhom lewn u ġewwa jkollhom lewn ieħor, biex ma jidhirx il-lewn ta' ġewwa.

### *Kif isir ħabel*

Flaski minn ġol-kavaletti wieħed jista' jgħaddi kemm irid, skond il-ħxuna li se jkollu l-ħabel. Hemm dawn id-daqsijiet:

a) Tas-sitta - żewġ flaski minn ġo kull kavaletta (2-2-2).



b) Tad-disgħa - tliet flaski minn ġo kull kavaletta (3-3-3).
c) Tat-tnax - erba' flaski minn ġo kull kavaletta (4-4-4).
d) Tas-sittax - erba' flaski minn ġo kull kavaletta (4-4-4-4). Dan it-tip ta' ħabel jinħadem b'raddiena akbar. Hawnhekk nixtiequ ngħidu li l-għodda li semmejna aktar 'il fuq tista' tkun ta' qisien differenti minħabba l-ħxuna tal-ħabel li jkun irid jinħadem.

***Kif jinħadem ħabel***

Ix-xogħol jibda billi l-imgħallem jorbot il-ħjut tal-flask mal-kurli. Dawn it-tliet fergħat tal-flask, hekk marbuta mal-kurli, jissejħu *kapi*. Imbagħad l-imgħallem tal-ħbula jinżel bil-flaski li bid-dawrien jinbarmu u jiġu *kurduni*. Il-kurduni jibqgħu fl-istess kavaletti. Xħin jaslu isfel igħaqqdu t-truf tat-tliet kurduni. Dawn igħaqqduhom hekk: Wieħed ma' wieħed (1 + 1) u mbagħad tnejn ma' wieħed (2 + 1). Meta jingħaqdu l-imgħallem jiġġonġa l-ferret ġo fihom.

Issa l-ferret jew iżommu xi ħadd mill-gang l-ieħor, inkella jintrabat mal-ġebel.

Wieħed mill-ħaddiema jerġa' jibda jdawwar ir-raddiena. Il-kurduni jissikkaw ftit. Imbagħad, min ikollu l-grabja jibda tiela' biha lejn ir-raddiena fil-waqt li tar-raddiena jkun idawwar. Il-kurduni igħaddu minn ġol-kanali tal-grabja biex ma jitħabblux. Meta tal-grabja jasal fejn ir-raddiena, il-ħabel ikun kważi lest. Dan iħoll it-truf ta' ma' l-istandroll u jgħaqqadhom. Wara jerġa' jorbot it-tarf tal-ħabel f'kurlu wieħed.

Il-ħaddiem tan-naħa ta' isfel (jew tan-naħa l-oħra tar-raddiena), jaqla' l-ferret. Issa fil-waqt li dan iżomm il-ħabel f'idu, tar-raddiena jdawwar tidwira kontra biex ikompli jissikka ftit. Xħin ta' isfel igħidlu ieqaf, iħoll u jorbot il-ħabel ma' musmar jew ħadida kbira u jiġbdu ġibda minn isfel biex jistira. Fl-aħħar il-ħabel jinħall minn mal-musmar (jew ħadida) u jitkebbeb. Hekk il-ħabel ikun lest.

Hawn ta' min igħid li waqt li jkun isir ix-xogħol, it-tul tal-ħabel dejjem jonqos. Fuq l-ewwel mitejn pied, meta minn flaski jsiru kurduni, il-ħabel jonqos xi għaxar (10) piedi. Meta, imbagħad, il-kurduni jsiru ħabel, jerġgħu jonqsu xi ħmistax-il (15) pied oħra. Dawn iċ-ċifri m'humiex esaġerati u jistgħu jkunu iżjed.

Biex wieħed jagħmel ***ċima*** (ħabel oħxon), jieħu madwar għoxrin (20) minuta żmien. Iżda għal ħabel ta' tletin qama wieħed jista' jdum sa xi sagħtejn.

Il-bċejjeċ żejda tal-flask ma jintremewx, imma minnhom isiru l-***iskampli***. L-***iskamplu***, għalhekk, hu ħabel magħmul mill-bċejjeċ li jifdal u jkun marbut f'forma ta' tmienja (8). L-iskamplu jużawh l-aktar għall-bjar biex jimlew l-ilma bil-barmil. Minkejja li jkun magħmul minn bċejjeċ, ikun b'saħħtu biżżejjed għal dan ix-xogħol.

***Ħbula kkuluriti***

Qabel il-gwerra, minbarra l-ħbula tal-ħaxixa (flask) u tal-qanneb, kienu jinħadmu wkoll ħbula kkuluriti. Dawn kienu jitkebbu minn materjal tat-tajjar ikkulurit li kien jiġi lest minn barra. Wara l-gwerra dan it-tip ta' tajjar ma baqax jiġi u allura l-imgħallem tal-ħbula kien ikollu jagħti hu stess iż-żebgħa lill-ħbula. Dan ix-xogħol tant kien isir bis-sengħa li wieħed ma' l-ewwel daqqa ta' għajn jiehu l-impressjoni li l-kulur ġej mill-materjal tal-ħabel stess.



Biex wieħed jaħdem ħabel b'żewġt ilwien, lewn jidher u l-ieħor ma jidhirx, kienet tintuża biċċa għodda, imsejħa "passetti", aktarx ivvintata minn xi ħadd tal-familja Vento.

***Żaren Vento***



Dan Żaren Vento kien magħruf mill-Għawdxin bħala "l-Imgħallem tal-Ħbula", jiġifieri l-bniedem li jagħmel u jbigħ il-ħbula r-Rabat, Għawdex. Kien bniedem ta' sengħa kbira speċjalment f'dak li hu xogħol ta' l-injam. Il-għodod li bihom kien jagħmel il-ħbula ħadimhom kollha hu stess. Kien jaf jagħmel ukoll id-dgħajjes u l-kajjikki. Kien bniedem kwiet u ta' qalb tajba, hekk li saħansitra kien idarri lill-għasafar jiġu jieklu minn idejh u jersqu lejh bla biża'.

***Tmiem is-Sengħa tal-Kurdara***

Ix-xogħol tal-ħbula ħa daqqa ta' ħarta bl-importazzjoni tal-ħbula tan-*nylon*, ħaxixa u *polythene* li jkunu lesti u mkebba f'romblu ta' xi mitejn u għoxrin (220) metru tul. Dawn jiġu ferm irħas milli wieħed joqgħod jaħdimhom hu. Barra minn dan, wieħed jiffranka ż-żmien li jieħu biex joqgħod jagħmilhom hu. Dan iż-żmien wieħed jista' japplikah biex jagħmel xi xogħol ieħor.

Għalhekk, illum il-ħbula m'għadhomx jinħadmu Għawdex u hekk nistgħu ngħidu li nqerdet sengħa oħra antika u interessanti tal-gżejjer Maltin.

*NOTA: Dan it-tagħrif ingħata lill-awtur minn Austin Masini, bin il-mejjet Salvu u Mikelina mwielda Vento u ngabar f'intervista li saret f'April, 1992. Is-Sur Masini huwa l-uniku wieħed li għadu jaf jaħdem il-ħbula f'Għawdex.*

*(jissokta)*

## IMPRESSJONIJIET FUQ GĦAWDEX - 3



# GĦAWDEX, L-GĦAWDXIN, U JIEN

kitba ta' CHARLES MAGRO

*Charles Magro huwa ġurnalista u Segretarju ta' l-Għaqda Poeti Maltin. Huwa wkoll edukatur u trejdjunjonista. Għal diversi snin serva bħala Segretarju Ġenerali tal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin. Jiktbilna:*

L-ewwel esperjenza tiegħi tal-gżira Għawdxija kienet meta kelli xi disa' snin u ommi ħallietni mmur ħarġa sa Għawdex ma' tal-MUSEUM. Ma nafx x'kien, għax ommi ma kienet tħallina mmorru mkien, jekk mhux sa l-iskola jew sal-MUSEUM. Min jaf kif tfettet ġo fiha u kemm inkwetat sakemm jien wasalt lura d-dar, dakinhar! Ommi u missieri rabbewna taħt ġwenħajhom, bħalma tagħmel qroqqa, u dan lili sawwarli l-personalità tiegħi b'mod li qatt ma stajt nibdel anqas sfumatura waħda minnha.

Dakinhar morna fil-postijiet li ssoltu jżuru l-viżitaturi Maltin: Ta' Pinu, fejn smajna l-quddies, Marsalforn u x-Xlendi. Mingħalija ma kienx is-sajf, għax ma niftakar lil ħadd jgħum. Tiegħi nnifsi għandi stampa ċara ħafna, qiegħed bilqegħda fuq l-għolja tax-xellug tal-bajja, niekol l-għajnbaqar li kienet tatni ommi u nammira l-veduta saħħarija tax-Xlendi, imdawwar bis-skiet miksur biss miċ-ċafċifa ħelwa tal-baħar.

Din kienet l-unika darba li kelli x'naqsam m'Għawdex fi tfuliti. Iżda, imbagħad, ir-relazzjoni tiegħi ma' din il-gżira ċkejkna u tant sabiħa ssaħħet ħafna f'żgħożiti.

### Għalliem

Fil-21 ta' Ottubru 1961 sirt għalliem fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern, u bagħtuni ngħallem fl-Iskola Primarja tal-Birgu (Vittoriosa). Hemmhekk, minn *staff* ta' ħdax-il għalliem, ħamsa minnha kienu Għawdxin. Hemmhekk bdejt nagħmel esperjenza tal-karattru għawdxi. Kienu kollha tip ferrieħi, u kollha kienu jgħidu li, għalkemm kienu jaħdmu 'l bogħod minn art twelidhom, kienu jħossu ruħhom ixxurtjati li setgħu jgħaddu l-ġimgħa hawn Malta għax, fi kliemhom, Għawdex kien monotonu wisq. Bdejt nifhem li, għalkemm it-tfulija f'Għawdex kienet età li wieħed jgħaddi f'ċerta sigurtà meħtieġa, iż-żgħożija tfittex il-ħajja 'l bogħod mir-restrizzjonijiet. Minkejja dan, dak iż-żmien jien ma tantx kont nara d-distinzjoni bejn il-ħajja f'Għawdex u dik f'Malta, iżda għall-Għawdxin kien hemm baħar bejniethom.

Niftakar tajjeb li dawn l-għalliema għawdxin kellhom il-permess biex nhar ta' Ġimgħa jitilqu xi ftit kmieni mill-iskola biex ikunu jistgħu jilħqu l-vapur t'Għawdex u jgħaddu tmiem il-ġimgħa ma' qrabathom. Niftakar ukoll il-paniku li kienu joħolqu (mhux tort tagħhom) fl-iskola kulmeta nhar ta' Tnejn il-vapur t'Għawdex ma kienx jaħdem minħabba l-maltemp. Ħames klassijiet minn ħdax bla għalliem jammontaw għal kważi nofs il-popolazzjoni ta' l-iskola, u l-kap ta' l-iskola kien ikollu biċċa uġigħ ta' ras mhux żgħir biex iżomm lil dawn it-tfal bl-ordni u b'mod speċjali ma jweġġa' ħadd minnhom.

### L-Ewwel Ħabib

Meta bdejt ngħallem kelli madwar sbatax-il sena, u ħbieb ma kellix. Kien żmien diffiċli għalija, għax f'dik l-età l-ħbieb huma essenzjali daqs il-familja għal kulħadd. Sakemm fl-aħħar sibt ħabib tal-qalb li miegħu stajt naqsam l-esperjenzi ta' żgħożiti. Kien Għawdxi: Joe Xerri, minn Victoria u għalliem fl-istess skola fejn bdejt ngħallem jien. Kien bniedem tqatta' u tiekol minnu; u għadu. Tant sirna ħbieb li ommi u missieri qishom addottawh bħala binhom.

Permezz ta' dan il-ħabib bdejt insir naf aktar lil Għawdex u lill-Għawdxin. Kultant kont immur Għawdex fi tmiem il-ġimgħa u, billi ħabibi kien isuq, bdejt induq ftit ftit mis-sbuħija tal-gżira f'postijiet li ma kinux iffrekwentati mill-barranin daqskemm huma llum. Iż-żjajjar li kont nagħmel fil-bajjiet għawdxin fil-jiem xitwin kienu jimlewni bis-seħer, għax kont nistħajjilni qiegħed fi nħawi li qajla kien messhom il-bniedem, u kont nistħajjilni li konna ħabibi u jien l-ewwel nies li morna nżuru dawk l-inħawi. Min jaf kif kien ir-raħal tal-Qala, pereżempju, erbgħin sena ilu, jaf x'jien ngħid.

Konna mmorru f'postijiet li donnhom ma kellhom ebda kuntatt maċ-ċentru u l-bliet l-oħra Għawdxin. Niftakar darba minnhom, waqt li konna mexjin mal-kosta, in-naħa ta' Ħondoq ir-Rummien, ġejna wiċċ imb'wiċċ ma' xi rġiel telgħin mal-blat lejn l-art. 'Il bogħod rajna skuna żgħira. Dawn l-irġiel talbuna bil-ħniena biex nuruhom minn fejn setgħu jixtru l-

ħobż. Minn kliemhom għarafna li kienu Taljani, u stajna nikkonkludu li kienu sajjieda li, bla ma talbu permess biex jidħlu Malta, sabu roqgħa kennija tal-kosta Għawdxija u telgħu l-art. Jekk hux veru biex jixtru l-ħobż, Alla waħdu jaf!

### *Nies Ġenerużi*

Bilmod ilmod, dak iż-żmien, bdejt nifhem ukoll li għaż-żgħażagħ, l-aktar dawk li jkunu daqu mod ta' għixien ieħor, Għawdex kien kważi klawstrofobiku. In-nies kienu jgħixu f'soċjetà magħluqa fiha nnifisha, u ebda barrani ma kien jirnexxilu jippenetraha. Kulħadd kien jaf lil kulħadd; mhux biss, iżda kulħadd kien ikun jaf b'kull ċaqlieqa li kien ikun għamel ħaddieħor dak il-ħin stess li jkun wettaqha.

Minkejja dan, inġbidt lejn in-nies Għawdxin minħabba l-ġenerożità tagħhom. In-nies li ltqajt magħhom jien faċilment kienu jibdlu awra ta' suspett f'dak li jkun qed jinteressa ruħu fihom għal oħra ta' kważi ammirazzjoni u ħbiberija meta jintebħu li l-interess fihom hu ġenwin. Ladarba kont tidħol f'qalbhom, imbagħad kienu jagħtuk ħajjithom kollha.

Illum sirt naf ħafna iktar nies Għawdxin, u ż-żjajjar tiegħi fil-gżira saru aktar frekwenti. F'kull okkażjoni li jkolli biex nitla' Għawdex, dejjem ngħaddi tlitt ijiem jew aktar. Għalkemm Malta hi gżira wkoll, Għawdex għad għandu partikolaritajiet li f'Malta ilna li tlifnihom. L-ewwel partikolarità hi l-kwiet, li f'Malta ta' llum spiċċa minn kullimkien, anki fil-bajjiet l-aktar remoti. Donnu l-istorbju hu parti integrali mill-progress, u f'Għawdex għad hemm postijiet fejn il-progress għadu ma resaqx. Ir-riżultat ta' dan hu ħajja iktar kwieta u kalma; inqas kaotika minn dik li ngħixu f'Malta u minn dik ta' pajjiżi oħrajn. It-tieni partikolarità li għadha tagħti gost f'Għawdex huma l-mixjiet fil-kampanja. Għalija dawn huma mprezzabbli, għax il-mixi hu wieħed mill-passatempi tiegħi, u għax fil-belt fejn noqgħod jien il-ħdura narawha biss fil-qsari u fil-ftit siġar fil-ġonna privati.

Mixja fil-widien ta' San Lawrenz u taż-Żebbuġ hi għalija divertiment mill-aqwa. F'dan jien ixxurtjat ħafna, għax marti Monica taqbel miegħi b'mod perfett; għallinqas fuq dawn il-passiġġati! Għalhekk, qabel ma mmorru Għawdex nippjanaw meta nkunu se mmoru ngħumu, meta u minfejn inkunu se mmorru nixtru l-ġbejniet, l-inbid u l-biskuttini tar-raħal għalina u għal tad-dar, u ukoll meta u fejn inkunu se mmorru nagħmlu nofs ta' nhar mixi. Illum, anki minn Marsalforn sal-Qbajjar hemm mixja sabiħa u, jekk wieħed jaqbeż il-bajja tal-Qbajjar u jibqa' dieħel, il-mixja hi waħda twila wkoll.

Għal filgħaxija m'hemmx wisq x'wieħed jista' jippjana. Illum ukoll, wara s-sitta ta' filgħaxija fix-xitwa u wara t-tmienja fis-sajf it-toroq Għawdxin isiru deżert. Fis-sajf jibqa' ftit ħajja biss Marsalforn. Għalhekk, tul il-mawriet tagħna f'Għawdex dejjem infittxu li noqogħdu fi *flat* jew f'lukanda f'Marsalforn, jew għallinqas il-Qbajjar. Marti u jien ma tantx inħabblu rasna minħabba li filgħaxija ma jkollniex fejn immorru. Nieħdu gost xorta waħda f'gallarija naqraw xi ħaġa għall-kwiet sa tard filgħaxija, mhennijin miż-żiffa ħelwa ġejja minn fuq il-beraħ tal-baħar, ħiemed u mudlam, faċċata tal-bajja ta' Marsalforn.

### *L-Ispiritwali*

Kuntrarju għan-nies li jkunu fuq btala, marti u jien inqumu kmieni ħafna; kif aħna mdorrijin nagħmlu d-dar. Avolja fuq btala, il-quddiesa ta' kuljum ma nfalluha qatt. Il-knisja ddedikata lil San Pawl, f'Marsalforn, hi komda ħafna; u aħna dejjem nisimgħu l-quddies ta' l-ewwel biex, kemm jista' jkun, nevitaw is-sħana tas-sajf. Il-knisja ta' San Pawl niftakruha kappella ċkejkna. Illum hi aktar komda u tista' takkomoda aktar nies, wara li l-ewwel żdiedet bi spazju mdaqqas fuq in-naħa tax-xellug ta' l-altar maġġur, imbagħad reċentement bi spazju daqsu fuq in-naħa tal-lemin.

Dan l-aħħar skoprejna ukoll *flat*, fit-triq li tieħu għall-Qbajjar, li jintuża għall-quddies u hu ddedikat lil Sant'Antnin. Hu xi ftit skomdu, u ġieli jkun hemm nies li jisimgħu l-quddies minn taħt it-taraġ li jagħti għas-sular ta' fuq. Iżda naħseb li dan il-post hu aktar bżonnjuż fis-sajf, meta f'Marsalforn ikun hemm iktar nies milli jkun hemm fix-xitwa.

### *Ir-Ristoranti Għawdxin*

Wara l-quddies ta' l-ewwel marti u jien dejjem ikollna niffaċċjaw problema, b'mod speċjali meta ma nkunux alloġġjati f'lukanda, għaliex biex insibu minfejn nieħdu *breakfast* ikun jeħtieġ nistennew mhux ftit, billi r-ristoranti jdumu ma jiftħu. Ġeneralment insolvu din il-problema billi naqbdu l-karozza u nitilgħu r-Rabat. Ristoranti tajbin f'Għawdex hemm ħafna minn fejn wieħed jagħżel. Kulmeta nkunu Għawdex nagħmlu mezz biex għallinqas waħda mill-ikliet tagħna tkun ikla ħut jew frott tal-baħar frisk. Dan l-aħħar sibna ristorant li l-ħut isajru b'mod divin.

Iżda dak li l-aktar jagħtini gost hu li waqt l-ikel is-sidien tar-ristoranti joħorġu jitkellmu man-nies. Kulfejn immorru nieklu, Marsalforn, ix-Xlendi jew l-Imġarr, is-sid Għawdxi tar-ristorant, ma' l-ikel, joffrielna wkoll ftit mill-karattru kkulurit Għawdxi. Wieħed jagħtina ftit inbid, u l-ieħor joffrielna ftit bajtar tax-xewk, *on the house*, u dan l-atteġġjament inessi l-ħafna għidut li jingħad fuq kif inħarsu lejn xulxin l-Għawdxin u aħna l-Maltin.



Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (1)



# Mill-Albanija:Dun Manwel Cutajar
## ħajja imprevedibbli u interessanti

**Ngħid is-sewwa, ma nafx mnejn naqbad nibda. X'aktarx li tixraq nota storika dwar il-pajjiż, u wkoll dwar il-persekuzzjoni tal-Knisja Kattolika ġewwa l-Albanija. Hemm ħafna xi tgħid! Iżda naħseb li għal issa jaqbel aktar li nagħti ftit tagħrif dwar ix-xogħol pastorali tiegħi f'dan il-pajjiż. Se naqta' fil-qosor kemm nista'.**

*Sibt ruħi Mamurras*

F'Diċembru tas-sena elfejn, l-Arċisqof Mons. Rrok Mirdita talabni naqdi żewġ parroċċi (waħda ddedikata lil Madonna Ta' Pinu u l-oħra lis-Salvatur) u żewġ knejjes oħra filjali. Fejn? Mamurras! Mort b'van pubbliku u kelli sorpriża sabiħa: belt żgħira maġenb il-muntanji Skanderbeu! Tajba ġbin! Kont qiegħed għal rasi. Sibt ruħi f'kuntest ġdid, kultura differenti, xogħol, spalla ma' spalla ma' sorijiet li b'xorti tajba huma preżenti f'kull parroċċa. Iva, anke xi ftit avventura, avolja din ma fittixthiex! Fil-fatt dejjem kont ħlomt li mmur fejn Dun Jimmy fil-Brażil!

Il-missjoni mhix ċajta! Kont naf… sa ċertu punt! Sfidi ġodda li jitolbu mpenn qawwi. Meddejt għonqi għax-xogħol. Bdew ifeġġu realtajiet oħra, xi wħud iebsin, li qatt ma bsarthom. X'nagħmel? Imma issa "hawn aħna" u konvint li 'Alla magħna', bqajt naqta' bi snieni mill-aħjar li nista'.

Sibt għalqa fejn naħdem. Nagħżaq, irrid ngħid jien. Għax sibt ruħi ngħallem is-Sliema u l-Qaddisa. Mill-bidu nett, xi trid tagħmel! Jiġifieri quddiemi kelli tfal, żgħażagħ u kbar li jistqarru li huma Kattoliċi imma min hu Kristu u x'inhu l-Vanġelu ftit li xejn jafu. Sitwazzjoni tal-biki!



*Suor Tereża tkellem lin-nisa u xebbiet fil-knisja "Madonna ta' Pinu", Mamurras. Wara, tiġi organizzata tombla, fejn in-nisa jieħdu pjaċir jilgħabu u jirbħu xi premju li nagħtuhom*

*Il-ħerba ta' reġim bla Alla*

Għaddiet sena, tnejn, tlieta. Kampajt. Għajnuna u inkuraġġiment minn Malta u Għawdex kelli bosta. Maż-żmien bdew jiġu għandi diversi qassisin, ħbieb u voluntiera oħra. Dan l-aħħar ġie wkoll l-Isqof Mario Grech. Bdejt inċekċek xi ftit bl-ilsien Albaniż. Imma mhux l-ilsien biss kien il-problema. Il-karattru Albaniż hu wieħed diffiċli, jirrifletti t-tbatija u l-persekuzzjoni ta' poplu sfortunat tul sekli sħaħ. Ir-reġim komunista, imbagħad, tant kien aħrax li ttrattahon agħar mill-annimali, neżżagħhom saħansitra mill-umanità tagħhom. Ċaħħadhom minn Alla għal ħamsa u erbgħin sena sħaħ u wegħidhom il-ġenna fuq din l-art. Però, ħlief għaks, ġuħ u frosta ma' sabux ma' wiċċhom. L-Albanija kienet saret ħabs kbir! Basta żamm il-poter! Il-missjunarji li ġew hawn wara l-waqgħa tal-komuniżmu sabu diżastru kbir. Il-ħerba li ħalla warajh għadha tinħass sal-lum u min jaf għal kemm snin oħra!

*It-tagħlim tad-Duttrina*

Huwa għalhekk li l-Knisja intefgħet b'ruħha u ġisimha għat-tagħlim tal-Katekiżmu. Jintużaw wkoll mezzi moderni biex isir dan, niżżi ħajr 'l Alla. It-tfal u ż-żgħażagħ jitħejjew għas-sagramenti. Quddies isir f'erba' knejjes differenti. Is-sorijiet jorganizzaw diversi attivitajiet ta' formazzjoni bħal *Dopo Scuola*, diskussjonijiet, drammi, logħob u wiri ta' films. Tingħata għajnuna lill-foqra, per eżempju, tqassim ta' dak li jintbagħat fil-*containers* minn Malta u Għawdex u mill-*Caritas Italia*. Però, tingħata għajnuna xort' oħra wkoll, per eżempju, għajnuna lil xi ġuvnott fqir biex jagħmel kors ta' *plumber*… jew flus biex jitħallas is-siment għas-saqaf tad-dar ta' familja fqira. Allaħares kelli nsemmi l-każijiet kollha li jinqalgħu. Dejjem ġejjin! Dejjem iridu! Bħalma s-soltu ngħidu, tagħmel li tista'.

L-Arċisqof Rrok Mirdita, qal wisq tajjeb, darba waħda: "Knejjes kważi bnejna biżżejjed, imma kif ser



*L-E.T. Mons. Mario Grech, flimkien ma' xi membri tal-Komunità parrokkjali ta' Zheje.*

nibnu mill-ġdid il-karattru tan-nies tagħna? Kif ser insaħħu l-moralità ta' żewġ ġenerazzjonijiet li għexu mingħajr Alla? Hawn ħafna żgħażagħ li tilfu kull sens ta' moralità u x'uħud minnhom qed jagħmlu għajb b'għemilhom lil pajjiżhom f'pajjiżhom stess u barra minn pajjiżhom. Wieħed għalliem Kattoliku li, bħal kull għalliem ieħor, kien kostrett jibda l-ġurnata b'siegħa tagħlim ta' ateiżmu, qalli li ħamsin sena ta' tkissir anqas jissewwew b'mitt sena ta' rikostruzzjoni! Kultant tħossok tagħżaq fl-ilma u taħbat taqta' qalbek! Veru. Imma l-ironija tan-natura, ħafna drabi, akbar ma jkun it-tfixkil, ikbar ikun is-sodisfazzjon.

***Tamiet ġodda***

Per eżempju, qed ikollna ħafna żgħażagħ għat-tagħlim tal-katekiżmu bi tħejjija għall-magħmudija. Ħafna tfal u żgħażagħ jattendu, ukoll jekk mhux regolarment, għall-quddiesa tal-Ħadd. Qegħdin ukoll jikkorrespondu mat-tħabrik tagħna. Trid ħafna paċenzja, u kif żiedet tgħid waħda soru, ħafna imħabba! Ma' l-Albanija kollha hawn sorijiet li jmexxu skejjel, sptarijiet, kliniks, *kindergartens*, u issa wkoll il-*Medical School* ta' l-Università ta' Tirana. Għajnuna ta' kull xorta min-naħa tal-lajċi ma tonqosx lanqas, speċjalment fit-tagħlim tal-katekiżmu. *"Ngadalë ngadalë"*, hekk jgħidu bl-Albaniż, "bil-mod, il-mod". U veru bil-mod! Kollox!



*Membri tal-Legion of Mary fi żjara li saret lil waħda familja fqira, f'Mamurras.*

***Isqof Malti***

Sena ilu fraħna bl-għażla ta' l-Isqof Awżiljarju ġdid tad-djoċesi tagħna, Mons. Ġorg Frendo. Inħossni kburi li għandna Isqof Malti li huwa tassew ħawtiel fix-xogħol pastorali tad-djoċesi mingħajr ma jinsa jagħti attenzjoni personali lil kull wieħed minna. Xogħlu huwa apprezzat ħafna. Ngħidilkom biss li konna ħadna qatgħa kbira meta kienu semmgħuh għal Arċisqof ta' Malta.

***Kelma ta' radd il-ħajr***

Hawn f'Mamurras kien hawn il-ħsieb li tinbena knisja ġdida. L-Arċisqof tagħna ma jixtieqx li jinbeda dan il-proġett għalissa. "Hawn biżżejjed knejjes mibdijin u mhux imtemma, u għad ma għandniex fondi biżżejjed', qalli. Xorta waħda nixtieq niżżi ħajr lill-benefatturi kollha ta' dan il-proġett. Anke lil dawk li jgħinuni b'kull mezz biex sena wara l-oħra inkompli ngħin kif nista' fil-bini tal-Komunità Kattolika, il-Knisja ħajja, li għal snin twal ġiet imċaħħda mil-libertà li tipprattika l-fidi ta' Kristu.

***L-ebda jum mhu bħall-ieħor***

Qassis għawdxi darba staqsieni x'inhi l-ġurnata tipika tiegħi. Bdejt nitbissem u ma għaraftx inwieġeb. Hawn l-ebda ġurnata mhi bħall-oħra. Imprevedibbli u forsi għalhekk iktar interessanti. Dejjem b'xi sorpriża! L-aħħar waħda! Ftit xhur ilu l-Arċisqof bagħat għalija: "Jekk jogħġbok, ħu ħsieb ukoll ta' parroċċa oħra ma' li għandek".

Insellmilkom. Il-Mulej magħkom!

## *Għawdex Qabel ir-Ritratti (1)* minn JOHN CREMONA



***Qabel l-invenzjoni tal-fotografija, l-aktar mezz komuni biex xi ħadd jippubblika stampi fi ktieb kien permezz ta' l-inċiżjoni. F'din is-sensiela sejjer inġib numru ta' inċiżjonijiet li juru veduti jew suġġetti marbuta ma' Għawdex u li ġew ippubblikati fuq medda ta' tliet sekli bejn l-1600 u l-1900. Huwa impressjonanti n-numru ta' inċiżjonijiet b'suġġetti Għawdxin li ġew ippubblikati b'dan il-mod. F'din il-ġabra sejrin nagħtu xi informazzjoni dwar uħud minnhom. Biex din is-sensiela tkun varjata u aktar interessanti, mhux ser nimxu b'xi ordni kronoloġiku ta' żmien jew kif jidhru wara xulxin f'xi ktieb.***

### *Xena denja ta' Imperatriċi*

L-ewwel inċiżjoni li sejjer inġib dehret fir-raba' volum tal-ktieb *Voyage Pittoresque des iles de Sicilie, de Malte et de Lipari* ppubblikat minn Jean Houel fl-1786. L-inċiżjoni li ġġib in-numru CCXLVIII turi statwa Rumana ġo qatgħa fil-blat li kienet tinsab inti u dieħel fiċ-Ċittadella. Din l-istatwa l-lum wieħed jista' jaraha fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex. L-artist jagħti deskrizzjoni dettaljata ta' kif kienet id-daħla oriġinali taċ-Ċittadella li sa żmienu kienet għadha ma ġietx mibdula. Huwa jgħid li malli wieħed jasal fil-post (minn fejn hu qed ipitter) u jimxi fid-direzzjoni tal-mara lejn il-lemin, jasal ħdejn l-intrata prinċipali. Biex wieħed jifhem aħjar, il-post muri fl-inċiżjoni jiġi x'imkien bejn it-taraġ tallum u l-mina l-kbira. In-niċċa mblukkata bil-ġebel għadha tidher sallum fuq ix-xellug tal-mina l-kbira taċ-Ċittadella. Fil-pittura, Houel daħħal xi persunaġġi bil-ħwejjeġ tradizzjonali, iżda dwar dawn nitkellmu aktar 'il quddiem.

Houel jgħid li huwa pitter kollox kif inhu bl-aktar mod preċiż u jiddeskrivi wkoll li numru ta' frammenti arkitettoniċi taż-żmien klassiku kienu jinstabu mat-triq li twassal għal dan il-post.

Osservazzjoni interessanti li jagħmel Houel hija li dawn il-fdalijiet flimkien ma' dawk ta' oqbra ta' l-istess żmien huma xhieda li Għawdex għadda minn żminijiet glorjużi meta l-arti kienet tokkupa l-post ta' l-unur fil-ħajja tal-poplu. Huwa jgħid ukoll li ġie muri ras ta' l-irħam li tista' tkun ta' l-istatwa, imma din tant kienet imkissra li ma baqgħetx tintgħaraf. Barra minn hekk din ir-ras kienet tinsab f'ħanut ta' ħajjat fir-Rabat mimlija bit-tbajja' tal-linka!

L-oriġinal ta' din l-inċiżjoni li huwa akwarella, inxtara mill-Imperatriċi Katerina l-Kbira tar-Russja u l-lum jinstab fil-mużew tal-*Hermitage* f' St Petersburg flimkien ma' akwarelli oħra ta' Malta u Għawdex ta' l-istess artist.


**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**Għawdex 300 sena ilu**

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 160**

**Riċerka ta' Joseph Bezzina**

© 2008

*Għal sbatax-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' Il-Ħajja f'Għawdex ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Sejrin inkomplu b'dawk ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.*

# Ir-Reġistri ta' l-Università Illegati

Id-dokument numru mija u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-illegar tar-reġistri ta' l-Università qabel jitqiegħdu fl-arkivju l-ġdid. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1707–1708), folji 46 (NAG, UG, *Acta*, 10/1707–1708, f. 46).



Din hi traskrizzjoni tad-dokument:

> **Signore Notaio Aloysio Grech, Giurato e Tesoriere di questa Università del Gozo, pagarete a Mastro Antonio Delia, ligatore de' libri scudi dieci nove per valore di più pelli, cartone, spago, e suo travaglio a ligare li registri e libri antichi e moderni di dett'Università gia riposti dentro la la nuova guardarobba esistente nella Banca Giuratale fatta d'ordine dell'Illustrissimo et Eccelentissimo Signor Siniscalco quali ponerete ne' nostri conti, di 20 gennaro 1708.**

Dan id-dokument hu kumplimentari għad-dokument ippubblikat fil-ħarġa ta' Diċembru 2007. Dan kien dwar ħlas maħruġ mill-Università biex għamlet gwardarobba ġdida u kbira ta' injam mill-aqwa biex tkun tista' tikkonserva aħjar l-arkivju tagħha. Il-gwardarobba nħadmet minn Mastru Tumas Pulis u swiet is-somma kbira ta' għoxrin skut, ħames irbgħajja, u għaxar ħabbiet li jiġu €3.97.

Dan kien infieq staordinarju u għalhekk qabel ma saret l-ispiża kien intalab u nqala' il-permess tas-Siniskalk, li taħtu kienet taqa' l-ispiża tad-difiża u ta' ħwejjeġ oħra. Id-dokument li qegħdin nirriproduċu juri li s-Siniskalk kien intalab jawtorizza wkoll somma flus biex ir-reġistri li kienu sejrin jitqiegħdu fl-arkivju jkunu llegati mill-ġdid.

Saret legatura mill-iprem; ir-reġistri kienu nfatti miksija bil-ġild. Ix-xiri tal-ġild, tal-kartun, ta' l-ispag, u xogħol innifsu telgħu s-somma ta' 19-il skut, li jiġu €3.69.

Dan id-dokument hu ta' interess kbir għax juri li tliet mit sena ilu l-Università ġa kellha reġistri li kienu kkunsidrati antiki, jiġifieri li kellhom fuqhom numru kbir ta' snin.

Dan id-dokument ikompli jixhed li l-ġurati ta' l-Università ta' tliet mit sena ilu kienu konxji mill-fatt li r-reġistri u l-karti l-oħra kellhom ikunu kkonservati tajjeb għall-amministrazzjoni aħjar tal-gżira. Hu ħasra li mhux dejjem ġara hekk.

Ir-reġistri llegati bil-ġild tliet mit sena ilu ma għadhomx jeżistu. Iżda oħrajn baqgħu. Din is-serje hi nfatti bbażata proprju fuq dokumenti konservati f'xi reġistri ta' l-Università li llum huma miżmuma b'kura kbira fl-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex – arkivju li nfetaħ uffiċjalment fl-24 ta' Novembru, 1989.

***Nota: 12-il-skut = Lm1 = 2.33 Ewro.***
***Għalhekk 1 skut = € 0.194***

**Passiġġata Biblika - 32**

*"Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet." (Mattew 5:3)*

# IL-"FOQRA F'QALBHOM" FIL-BIBBJA

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Il-Foqra ta' qalb umli***

Fl-Ebrajk insibu diversi kliem li jfissru l-kelma 'faqar', fost dawn insibu: *ebhyon*, *dal*, *rush*, *chelekhah*. Fil-Grieg insibu l-kelma '*ptochoi*' għall-foqra. Insibu ukoll fl-Ebrajk il-kelma '*anaw*', plural '*anawim*', li ġejja mill-verb '*anah*', li jfisser 'tgħawweġ 'l isfel' jew 'titgħawweġ', għaliex dawk li huma fqar u batuti minħabba s-sewwa huma tassew qaddejja umli ta' Alla. Għalhekk l-'*anawim*' huma dawk il-fqar li jbatu u jitolbu b'qalb umli, u huma msejħa fl-Antik Testment bħala 'il-foqra ta' Jahweh': "il-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jahweh" (Salm 86:1). L-ideja kienet mela li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla.



***Il-Fqar tal-Mulej***

L-għażla tal-poplu Lhudi ġej mill-fatt li Alla ħenn għal dan il-poplu li kien imjassar fl-Eġittu: "Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek" (Dewt 15:11, ara Eżodu 3:8). Iżda din it-tama tal-Mulej fl-Eġittu tmur lura fiż-żmien meta qabel Alla kien għamel diversi pattijiet mal-Patrijarki: Abraham, Iżakk u Ġakobb kif naqraw f'Rum 4:18 : « Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen, u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skond ma kien intqal lilu». L-istorja ta' Ġużeppi tal-Antik Testment, hija ukoll ikona ta' dan il-faqar tal-Mulej. Ġużeppi mibjugħ minn ħutu, jispiċċa fil-faqar tal-ħabs tal-Fargħun, jinterpreta l-ħolm, isir viċi-re ta' l-Eġittu u jsir tama għal ħutu meta dawn ġew biex jixtru l-qamħ minn għandu. Ħutu neħħewlu qabel it-tama u hu jagħtihom mill-ġdid it-tama.

Anke Mosè hu mudell ta' dan il-faqar tal-Mulej; il-bniedem li jtemtem sar tama għall-poplu ta' Iżrael: "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" (Numri 12:3).

Ikona oħra tal-bniedem b'qalb umli u fqir fl-ispirtu huwa Ġob, il-bniedem sfortunat imma baqa' jittama f'Alla. Tama li narawha dejjem tidwi fil-messaġġ ta' Alla lill-poplu fuq kollox permezz tal-profeti. Insemmu l-esperjenza ta' Ġeremija ppersegwitat minn sħabu. Ġona li jsir tama għall-belt ta' Ninive. Il-profeta Isaija jwassal dan il-messaġġ tat-tama lill-fqajrin tal-Mulej: "u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael" (Is 29:19); u "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi; għaliex hu ikkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin. Bgħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej"

(Is 61:1-2). Dan il-kliem jgħidu Ġesù nnifsu fis-sinagoga ta' Nazaret wara li qara din is-silta ta' Isaija kif naqraw f'Lq 4:18. Infatti eżattament wara dan l-episodju Ġesù ħeles li wieħed imxajtan u fejjaq omm il-mara ta' Pietru.

Is-salmi ukoll juruna dan l-aspett tat-tama tal-imsejken, fejn fost oħrajn insibu s-salm 10:12: "Qum, Mulej! Erfa' idek, O Alla! La tinsihomx lill-imsejknin"; is-salm 22:27: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh"; u s-salm 149:4 "Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa".

***Ġesù u l-Faqar fl-Ispirtu***

Ġesù fil-ħajja tiegħu għażel il-faqar, iċċekken sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir, ħajja pubblika fil-faqar u miet ta' fqir, il-mewt tas-salib. Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana. Frażi ċara hafna li turi lil Ġesù jistieden sabiex ngħixu dan it-tip ta' faqar, hu meta Ġesù stess jgħid f'Mt 11:29: "Hudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom". Dan il-kliem Ġesù qalu, wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li kien fil-ħabs bdew isaqsu dwar Ġesù kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu li Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-Tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija". Ġesù ma kienx mela xi Messija politiku iżda Messija fqir, umli u manswet kif iħobb jgħallem il-Qaddis San Ġorġ Preca.

Il-predikazzjoni u l-mirakli ta' Ġesù huma mela marbuta ma' dan l-aspett tat-tama: «Biegħu ġidkom u agħtuh karità, u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-Sema... » (Lq 12 :33) ; "mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra » (Lq 18:22) ; "X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom għax kienu qishom ngħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad igħallimhom ħafna ħwejjeġ" (Mark 6:34).

Ma ninsewx imbagħad id-diskors tal-Muntanja: «Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet » (Mt 5:3). L-ideja ta' San Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom; "Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art" (Mt 5:5). Min hu fqir f'qalbu però għandu garanzija li ser ikun mal-Mulej dejjem: "Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw lil Alla" (Mt 5:8).

***Konklużjoni***

Il-filosofu ġeżwita Theilhard de Chardin jikkummenta li: "Id-dinja hija għal dawk li huma kapaċi joffru tama tassew kbira". Jeħtieġ mela li nkunu iktar fqar f'qalbna u fl-ispirtu u nħarsu lejn Kristu li qalilna: "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12:32). Kristu hu għalhekk it-tama tagħna: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jagħnikom bil-faqar tiegħu" (2 Korintin 8:9).




# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Il-passat tagħna nħarsu lejh sabiex jimmotivana għall-Futur

**Jikteb Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz**

Illum fir-raħal tagħna nistgħu ngħidu li l-introduzzjoni tal-Kunsill Lokali 14-il sena ilu kienet l-iktar ġrajja importanti ħafna wara dik tat-twaqqif tal-parroċċa. Dan nistgħu ngħiduh għaliex illum qed immissu b'idejna r-rivoluzzjoni pożittiva li ġabet magħha din il-ġrajja. Dak li ngħid għalina bla dubju ta' xejn nistgħu ngħiduh għall-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-politika tagħna bħala Kunsill għandha ċentru wieħed dak kif ser inġibu 'l quddiem lill-bniedem sħiħ. Minn dan il-kunċett titlaq il-ħidma tagħna. Għalhekk il-pilastri li naħdmu fuqhom huma prinċiparjament tlieta, l-ambjent, l-edukazzjoni u l-identità. Dawn il-fundamenti tal-ħidma tagħna qed jgħinuna sabiex inwasslu aktar il-Kunsill u l-ħidma tiegħu qrib iċ-ċittadini.

Grazzi għall-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali is-sens ta' kollaborazzjoni fost iċ-ċittadini tagħna kompla jikber. Verament inħoss li f'dan ir-rigward il-Kunsilli Lokali huma providenzjali. F'dinja globalizzata li qed ngħixu fiha llum huwa faċli sabiex l-identità tiġi mittiefsa jew agħar titlef l-iskop tagħha. L-Unjoni Ewropea tisħaq ħafna fuq dan l-aspett. Il-ħarsien ta' l-identità ma jfissirx li ningħalqu fina nfusna imma jfisser li għandna nesponu din l-identità sabiex tiġi apprezzata aktar. Nemmen li aktar ma nesponu l-identitajiet partikolari tagħna aktar inkunu qed inħarsuhom.

***Identità u Kultura***

Sabiex ngħinu lin-nies tagħna f'dan l-aspett, il-Kunsill Lokali ħadem bis-sħiħ sabiex jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropea u permezz tagħhom jagħti opportunità lill-istudenti u ż-żgħażagħ sabiex jgħixu ma' żgħażagħ oħra ta'mparhom. F'dan l-aspett il-Kunsill tagħna kien suċċess. Il-lokalità tagħna ġiet magħżula għall-aħjar prattika tal-proġett YOUTH ta' l-Unjoni Ewropea. L-esperjenzi li kellha l-lokalità tagħna u kif għamlet l-aħjar użu minn dawn il-fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea ġew magħżula bħala l-aħjar prattika f'dan il-qasam mill-Unjoni Ewropea. Minn dawn il-proġetti biss San Lawrenz kien kapaċi jakkwista aktar minn €76,869.32 (Lm33,000) maqsuma fuq 187 żagħżugħ/a minn San Lawrenz. Permezz ta' dawn il-fondi ż-żgħażagħ tagħna kellhom l-opportunità li jiksbu esperjenza kbira ta' qsim ta' ideat u kulturi li ser jibqgħu jiswewlhom għal ħajjithom.

Aspett ieħor li permezz tiegħu komplejna nkabbru s-sens ta' kollaborazzjoni kien fil-qasam tal-ġemellaġġ. Din l-esperjenza għenet sabiex kulħadd fir-raħal tagħna kellu l-opportunita' li jiftaħ aktar l-orizzonti. Aħna ridna li l-ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet tkun mhux biss fuq livell ta' amministrazzjoni imma aktar fuq livell ta' poplu. Naħseb li anke hawn wasalna. Biex nagħmlu dan tlabna wkoll l-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea u wasalna wkoll ksibna għajnuna finanzjarja ta' €29,280.82 (Lm12457.80). F'dan ir-rigward il-Kunsill tagħna ġie magħżul mill-Unjoni Ewropea bħala l-Kunsill mudell għall-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Fi kliem Pierre Mairesse direttur fis-sessjoni żgħażagħ, Sport u relazzjonijiet maċ-ċittadini fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea kien stqarr li "il-Kunsill Lokali San Lawrenz ġie magħżul għaliex jispira u jimmotiva proġetti li jippromwovu inklużjoni soċjali, għalhekk il-Kunsill Lokali San Lawrenz anke miċ-ċokon tiegħu qed iservi bħala eżempju għal Ċittadinanza Ewropea aktar attiva."

Inħoss li raħalna fiċ-ċokon tiegħu kien kapaċi jikber f'dinja globalizzata, iċ-ċokon tagħna hu għalina opportunità!

Fil-qasam kulturali ukoll ħdimna bla heda kemm fil-kamp lokali u anke fil-qasam nazzjonali. Fil-waqt li komplejna ngħinu lil għaqdiet kulturali u sportivi tar-raħal permezz ta' sapport finanzjarju, komplejna ngħinu fl-organizzazzjoni tal-festa patronali u komplejna norganizzaw Jum San Lawrenz. Dan nagħmluh għaliex nemmnu li n-nies li jaħdmu fil-qasam tal-volontarjat huma minjiera ta' ġid għall-lokalità tagħna.

Din is-sena wkoll għall-ewwel darba l-Kunsill Lokali San Lawrenz f'Settembru li għadda organizza Festival internazzjonali fil-bajja tad-Dwejra bl-isem 3D. Dan il-Festival intlaqa' tajjeb ħafna u kienu ħafna dawk il-Maltin, Għawdxin u barranin li attendew. Dan l-*event* serva sabiex saret propaganda tajba mhux biss għal raħalna imma wkoll għal gżira tagħna u pajjiżna.

***Ambjent u infrastruttura***

Il-bniedem jixraqlu post adegwat u sabiħ fejn jgħix, pero aħna fid-dmir ukoll li nħallu lil ta' warajna post dinjituż fejn jgħixu. B'dan il-ħsieb f'moħħna u wkoll bir-responsabbiltà kbira li għandna, l-Kunsill jagħti importanza kbira lill-ambjent.



Ir-raħal tagħna għandu responsabbiltà kbira fejn jidħol l-ambjent. Id-Dwejra hija patrimonju ta' l-umanità għalhekk il-ħidma tagħna speċjalment f'din il-bajja trid tkun b'tali mod u manjiera li nagħtuha l-aħjar protezzjoni. Dan l-aħħar il-Kunsill issieħeb mal-Ministeru għal Għawdex, *Nature Trust* u *Mepa* sabiex twaqqaf kumitat li jipproponi *management* aħjar lil din il-Bajja. Saru diversi konsultazzjonijiet u ġie ffurmulat pjan. Fil-futur dan il-pjan irid jagħti dehra aħjar lil din il-bajja. Fil-konsultazzjonijiet ġew mismugħa dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu ma' din il-bajja. Nista' ngħid li mhux eżerċizzju faċli imma bil-kooperazzjoni ta' kulħadd nemmen li naslu sabiex din il-bajja tibqa' titgawda minn kulħadd.

F'dik li hija infrastruttura l-Kunsill ukoll ma qgħadx lura fil-ħidma tiegħu. Għalkemm il-*budget* tal-Kunsill huwa wieħed limitat ħafna però nistgħu ngħidu li l-Kunsill ħadem u qed ikompli jaħdem sabiex il-lawrenzjan ikollu toroq u postijiet diċenti. Nista' ngħid li 90 fil-mija tat-toroq b'responsabbiltà tal-Kunsill f'dawn l-aħħar snin ġew maqlugħa u magħmula mill-ġdid. Bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex ħadna ħsieb ukoll li ngħinu lil bdiewa tagħna billi nipprovdu triqat tajbin li jwasslu għall-egħlieqi tagħhom. Għajnuna oħra li tajna lill-bdiewa kienet dik li minn żmien għal żmien noffru prezzijiet sussidjati fuq siġar taż-żebbuġ. Ħsibna wkoll sabiex intaffu l-problema ta' l-ilma tax-xita fit-toroq tagħna. F'kull triq li qlajna ħsibna wkoll li nagħmlu *water culverts* sabiex l-ilma tax-xita ma jinġabarx fit-toroq u fejn stajna qed naħżnu dan l-ilma, fejn ma kienx possibbli l-ilma jintefa direttament fil-widien.



Ħsibna wkoll sabiex inżejnu fejn ngħixu, wettaqna l-proġett kbir tal-*playing field*, (l-ewwel waħda tax-xorti tagħha f'raħalna) Għamilna wkoll *Belevedere*. Komplejna nfakkru permezz ta' monumenti, nies mir-raħal li għamlulna unur. Dan l-aħħar waqqafna monument f' ġieħ Dun Ġużepp Cauchi. Fil-*ground* ta' l-iskola għall-użu ta'l-iskola u l-*Football Club* tagħna wettaqna proġett flimkien mas-*St Laurence Spurs FC* dak ta' *ground* bit-*turf* armat kif suppost bid-dawl. Komplejna wkoll nsebbħu permezz ta' bankini f'diversi postijiet tar-raħal u anke bdejna r-rijabilitazzjoni ta' l-isqaqien tar-raħal.



***Edukazzjoni u servizzi soċjali***

L-edukazzjoni għall-Kunsill Lokali tagħna hija l-fus ta' kollox. Aħna nemmnu li jekk nagħtu lin-nies tagħna l-opportunità ta tagħlim inkunu qed nagħtuhom l-għodda li sservihom għall-ħajjithom.

L-iskola Primarja nagħtuha importanza kbira u ngħinu kemm nistgħu sabiex it-tfal tagħna jingħataw edukazzjoni ta' eċċellenza. Apparti dan waqqafna *Child care centre* li nistgħu ngħidu li qed jintlaqa' tajjeb ħafna. Meta dħalna għal dan il-proġett ambizzjuż ma konniex nafu kemm huwa bżonjuż. Konna l-ewwel Kunsill li daħal għall-proġett bħal dan. Illum l-Unjoni Ewropea qed tagħrafna wkoll bħala l-Kunsill li għandu jiġi imitat anke f'dan il-qasam peress li permezz tiegħu qed nippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Servizz soċjali ieħor u importanti huwa dak ta' *sub post office* fil-lokalità. Illum l-anzjani tagħna grazzi għal din l-inizjattiva, l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li ttieħdet minn xi Kunsill Lokali, jistgħu jinqdew f'kull bżonn tagħhom mingħajr il-ħtieġa li joqogħdu joħorġu r-Rabat.

Il-kuntatt maċ-ċittadini tagħna huwa wieħed importanti ħafna. Kuljum kull min irid jista' jkun jaf x'qed jiġri f' raħalna, permezz ta' *website* li tiġi aġġornata minn ħin għal ieħor. Ħsibna li din il-*website* tkun waħda interattiva għall-aħħar u wkoll ta' użu. Permezz tagħha, il-viżitatur jista' jagħmel kuntatt direttament ma' l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Il-librerija għandha rwol importanti wkoll, nagħtu importanza kbira lill-qari. Matul is-sena nieħdu inizjattivi sabiex inħeġġu l-qari mhux biss fost it-tfal imma aktar u aktar fost il-kbar. Ninvestu flus kbar f'dan il-qasam. Ta' kull sajf norganizzaw diversi korsijiet ta' *reading sessions* u korsijiet oħra li ngħinu lit-tfal u l-kbar ikomplu joħorġu l-potenzjal tagħhom.

Kif semmejt fil-bidu, l-bniedem huwa fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna, għalhekk irridu li kull proġett li nagħmlu nagħmluh għall-bniedem, b'hekk inkunu qed nagħtuh id-dinjità li tixraqlu. Nippruvaw inwettqu dan bil-fatti billi fil-festa u fil-Milied inqassmu *meals on wheels* u nżuru l-anzjani li jgħixu waħedhom. Nirrikonoxxu suċċessi li jkunu kisbu l-istudenti u ż-żgħażagħ tagħna bħal ma hija l-gradwazzjoni li norganizzaw għal dawk li jkunu temmew b'suċċess kors fl-università. U diversi inizjattivi oħra.

Hawn ippruvajt insemmi ftit mill-attivitajiet u l-ħidmiet prinċipali li nwettqu. L-isfida li toffri l-politika hija kbira imma meta hija magħmula bl-imħabba timmotivak biex tagħmel aktar. Hekk jiġri fil-Kunsill tagħna l-passat qed jimmotivana sabiex waqt li nkomplu ntejbu dak li bdejna inkomplu noħolmu u nwettqu, bħal ma ħa nagħmlu fil-futur qarib bil-proġett tal-pjazza, bil-proġett tal-*housing* li ser tibni l-awtorità tad-djar ġo San Lawrenz. Bit-tkomplija ta' l-investiment fl-edukazzjoni u bl-impenn sabiex inkomplu nattiraw fondi u proġetti mill-Unjoni Ewropea għall-lokalità tagħna.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Patri Anton Debono S.J. (1887 - 1956)

Wieħed mill-Għawdxin li ta kontribut kbir fil-qasam missjunarju huwa bla dubju ta' xejn Fr. Anton Debono S.J.

Twieled fir-Rabat Għawdex fil-25 ta' Frar 1887. Meta kiber ħass li Alla qiegħed isejjaħlu biex jiddedika ħajtu bħala reliġjuż mal-Ġiżwiti u għalhekk fil-15 ta' Settembru 1904 ingħaqad ma' din is-Soċjetà. Irċieva l-formazzjoni tiegħu fl-Italja u fl-Ingilterra fejn ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Lulju 1920.

F'Settembru ta' 1924 ħalla lil art twelidu u telaq minn Sqallija lejn l-Indja fejn beda jaħdem fost is-Santals, tribù aboriġinu fl-Indja li kellhom twemmin primittiv fl-ispirtu u li qatt ma kienu għadhom semgħu bl-aħbar it-tajba ta' Kristu. Ma nistgħux ma nsemmux li huwa kien l-ewwel saċerdot ġiżwita mill-Provinċja ta' Sqallija li dakinhar Malta kienet tagħmel magħha, li nbagħat biex jgħin fil-Missjoni ta' l-Indja u hekk jiftaħ it-triq għal missjunarji oħra. Ftit xhur wara huwa beda l-missjoni fost is-Santals f'Majlispur.

Huwa mpenja ruħu ħafna biex isir midħla tal-poplu li kien qiegħed jaħdem fostu. Anki fost l-eħrex tbatijiet Fr. Debono dejjem wera wiċċ ferħan u daħkan. Dejjem kien lest biex jgħin lil dawk li kienu fil-bżonn jew li kienu jeħtieġu l-għajnuna tiegħu. Għalhekk huwa kien stmat ħafna mill-poplu Santali, għax sabu fih ħabib u missier li xejn ma kien isibha bi tqila biex jgħinhom.

Iżda x-xogħol f'din il-missjoni ma kien xejn faċli. Ried jieħu ħsieb parroċċa u skola, kif ukoll ħtieġlu jivvjaġġa fuq karrettuni miġbuda mill-gniedes, kif ukoll jimxi taħt xemx tisreġ. Fl-istess ħin, ma kellux ħlief ikel fqir. Minħabba n-natura dgħajfa tiegħu, saħħtu ċediet taħt dawn il-kundizzjonijiet. Is-Superjuri tiegħu fl-1939 bagħtuh Calcutta fejn kompla jaħdem u fl-1947, wara 23 sena fl-Indja, inbagħat Malta għall-mistrieħ. Meta ħalla lix-xtut tagħna, qatt ma kien jaħseb li kien sejjer jerġa' lura, peress li f'dawk iż-żminijiet il-Ġiżwiti kienu jmorru l-missjoni għal għomorhom u ma kinux jerġgħu lura ħlief għal raġunijiet ta' saħħa.

Iż-żjara f'Malta, għenitu mhux biss biex jirpilja saħħtu, iżda wkoll biex isib benefatturi għall-missjoni fost is-Santals, u jħeġġeġ kemm jista' biex aktar żgħażagħ jispiraw ħajjithom mill-vokazzjoni missjunarja. F'Marzu 1948, Fr. Anton Debono reġa' lura lejn l-Indja, u miegħu ħa l-iskolastiku Franz Wirth u 'l Br. Ġużeppi Fenech. Malli wasal fl-Indja reġa' beda jaħdem fost is-Santals qisu żagħżugħ. Beda jaħdem fl-istazzjon missjunarju ġdid ta' Cilimpur, u b'hekk kellu jerġa' jibda mill-bidu. Ma ninsewx li issa kellu 61 sena.

Kien fil-Missjoni tas-Santals li Fr. Debono ċċelebra l-Ġublew tad-Deheb, jiġifieri ħamsin sena fil-Kumpanija ta' Ġesù, magħrufin bħala l-Ġiżwiti. Għal din l-okkażjoni bdew ġejjin offerti minn Calcutta, mill-Belġju u anki minn Malta biex jibni knisja f'Cilimpur.

Għat-tmiem tas-sena 1955 Fr .Debono beda jħoss uġigħ f'riġlejh. Waqt il-quddies ma kienx jiflaħ joqgħod iżjed fuq saqajh. Għalhekk bagħtuh Calcutta biex jinviżtah tabib. Mill-eżami mediku ħareġ li ma kienx hemm tama għalih. Iżda għamel operazzjoni li rnexxiet u s-Superjuri tiegħu bagħtuh biex jistrieħ. Iżda beda jħossu aħjar u reġa' beda jaħdem fl-artijiet tal-missjoni ta' Cilimpur u minn hemm mar iżur xi nsara, tmien mili 'l bogħod.

Kien hawnhekk li tatu puplesija li ħallietu paralizzat. Dan ġara f'Ġunju tal-1956. Issa t-tmiem tal-ħidma missjunarja kien wasal verament. Ittieħed Calcutta, fejn fl-14 ta' Lulju ta' l-istess sena ngħaqad mal-Mulej.

*(Din is-sensiela hija mibnija fuq serje ta' artikli 'Il-Pijunier tal-Missjoni tas-Santals' ta' Fr. John Scicluna S.J, li dehru bejn Marzu u Diċembru 2000 fir-Rivista "Lill-Ħbiena" flimkien ma' apprezzament ta' dan ir-reliġjuż fl-okkażjoni ta' mewtu minn P.A. Savona li deher fl-istess rivista f'Settembru 1956).*

**Angelo Xuereb**


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



**Kummentarju (4)** *tikteb* **SUSAN MULVANEY**

# Ewropa tal-Kontradizzjonijiet!



Kien fiħ tassew x'tixtarr u x'tirrifletti l-indirizz tal-Papa lill-membri tal-korp diplomatiku ftit ġimgħat ilu, meta fost kollox, wara li faħħar l-inizjattiva li jkun hemm moratorju fuq il-piena tal-mewt, issuġġerixxa moratorju simili dwar l-abort.

Il-Papa faħħar lill-Unjoni Ewropea għall-isforzi li qed tagħmel biex din il-piena kapitali tinqata'. Benedittu XVI qal li huwa feraħ meta fit-18 ta' Diċembru, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti addottat riżoluzzjoni li titlob lill-istati membri jagħmlu moratorju fuq il-piena tal-mewt. Iżda, meta t-tbissima ta' kburija minn wiċċ l-ambaxxaturi tal-pajjiżi tal-punent kienet lanqas għadha biss għaddiet, huwa ta daqqa ta' ħarta lill-istess pajjiżi Ewropej għall-ipokrisija li juru billi qal: "U nittama b'ħerqa kbira li din l-inizjattiva twassal għal dibattitu pubbliku dwar il-karattru sagru tal-ħajja umana." F'kelma waħda, l-Papa ġibed widnejn dawk il-gvernijiet kollha li jippermettu l-abort fil-pajjiżi tagħhom.

L-Ewropa saret kontinent tal-paradossi, tal-kontradizzjonijiet.

Għandna dibattitu sħiħ dwar id-drittijiet tal-persuna marida li titlob lit-tobba li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebha biex itemmulha ħajjitha. Forsi dan hu l-aħħar "dritt" fil-vokabularju tad-"drittijiet umani"! Iżda mbagħad, fl-istess parlamenti u sezzjonijiet tal-*media* li huma favur l-ewtanasja, insibu moviment qawwi u feroċi kontra t-tipjip. Għax it-tipjip joqtol! Ma tridx tkun persuna b'intelliġenza sopra-normali biex tagħraf l-implikazzjonijiet ta' dan kollu. Jekk it-tipjip joqtol, allura li persuna toqtol lilha nnifisha bit-tipjip hija xi ħaġa ħażina! Imma l-awtanasja le!

L-istorja li ħarġet minn Spanja dwar il-mod kif qed isiru aborti ta' nisa li t-tqala tagħhom tkun avanzata, donnha mhix ta' tħassib. Għal ħafna, il-fetu mhu xejn. Għalihom il-ħajja ma tibdiex mal-konċepiment, anki jekk il-lum ix-xjenza qed turina minn kmieni li "dan" juri moviment u reazzjoni għal kull periklu li jista' jkun hemm kontrieh.

Sirna ngħixu f'dinja fejn l-annimali huma ttrattati aħjar minn fetu uman.

Dawk il-movimenti favur id-drittijiet ta' l-annimali jenfasizzaw li m'għandniex naħqruhom. U tabilħaqq sewwa jagħmlu, għax hekk għandu jkun. Iżda mbagħad, l-istess riga ma tintużax mal-fetu. Anki jekk nagħżlu li ngħidu li dik it-tarbija li tinsab tikber fil-ġuf ta' mara li se ssir omm mhix esseri uman, irridu nammettu li hija xi ħaġa ħajja. Għalhekk, ta' l-inqas, għandna nittrattawh bħalma nittrattaw kreaturi ħajjin oħra, fosthom l-annimali. Iżda ftit li xejn nisimgħu li l-movimenti li jħambqu tant dwar id-drittijiet ta' l-annimali, u hekk għandu jkun, jagħmlu kampanji biex jipproteġu lit-tarbija mhix mwielda minn dak il-massakru. U fost dawn insibu l-*Green Peace* u l-*World Wildlife Fund*.

U dan hu paradoss. F'Settembru li għadda, l-Polonja qajmet għagħa għax ipprotestat meta l-Unjoni Ewropea kienet qed tipproponi l-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt. Il-gvern ta' dak iż-żmien allega li jum bħal dan ma tantx seta' jkun produttiv għax l-UE kienet diġà aboliet il-piena tal-mewt, u ssuġġerixxa li jkun hemm jum dedikat għan-nobiltà tal-ħajja umana kollha. Ħaġa bħal din, argumentaw, tagħmel aktar ġid.

Kelliemi għad-delegazzjoni Pollakka qal li min irid jitkellem dwar il-problema tal-mewt fil-kuntest tal-liġi għandu jiddiskuti wkoll l-ewtanasja u l-abort. Krzysztof Bosk, mil-Lega tad-Drittijiet Pollakka, li hu wkoll membru tal-Parlament Ewropew, qal li hija ipokrisija min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea li tippromwovi l-abort, mod ta' għajxien distruttiv u l-ewtanasja u fl-istess ħin tippretendi li jimpurtaha mill-valuri tal-ħajja f'każ wieħed biss – dak tal-piena kapitali.

X'ma qalulhomx lill-Pollakki għal din il-pożizzjoni? Xlewhom li huma medjevali. Għajruhom li "għadhom lura". Li huma reazzjonarji, li jħobbu d-demm.

Madankollu, l-Papa fakkar lill-Unjoni Ewropea li waqt li hu tajjeb li naraw li l-persuna umana għandha d-dinjità tagħha u għandna nipproteġuha, żgur li ma jagħmilx sens li jkollna Jum Kontra l-Piena Kapitali mingħajr ma jkollna wkoll jum dinji għas-santità tal-ħajja umana kollha, inkluża dik li għadha ma ratx id-dawl tax-xemx.



TIEQA FUQ L-AMBJENT

# Pjanti rari u endemiċi f'Għawdex



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Il-flora f'Għawdex hija ġeneralment l-istess bħal dik li tinstab fil-gżejjer l-oħra Maltin. Madankollu wieħed jinnota li hemm diversi differenzi. Ċerti speċi, bħaċ-**Ċentawrja tan-Nuffara** (Stemless Centaury - *Centaurea acaulis*) u t-**Tewm ta' Għawdex** (White Round-headed Garlic - *Allium arvense*) jinstabu f'Għawdex u ma jinstabux fil-gżira ta' Malta, għalkemm jinstabu f'pajjiżi oħrajn. Hemm xtieli slavaġ oħra li jinstabu f'Malta u ma jinstabux jikbru f'Għawdex. Insibu wkoll pjanti, bħall-**Mustarda Salvaġġa** (Charllock - *Sinapis arvensis*) u s-**Siġra tal-Virgi** (Chaste Tree - *Vitex agnus-castus*), li huma frekwenti f'Għawdex, filwaqt li huma rari ħafna fil-gżira ta' Malta. F'Għawdex insibu numru ta' speċi li huma endemiċi għall-Gżejjer Maltin, jiġifieri pjanti li ma jinstabux jikbru fis-selvaġġ f'pajjiżi oħra. Fost dawn anke nsibu xi pjanti endemiċi Għawdxin, jiġifieri jinstabu biss f'Għawdex u mkien iżjed. Mhux biss ma jinstabux fil-gżejjer Maltin l-oħra, imma lanqas jinstabu jikbru fis-selvaġġ fil-pajjiżi l-oħra kollha fid-dinja. Ngħidu li ma jikbrux fis-selvaġġ, għax jista' jagħti l-kas li jkunu jkabbruhom u jikkultivawhom f'xi ġonna botaniċi, bħala parti minn kollezzjoni botanika li ġeneralment tintuża fl-istudju tal-botanika.



*Sempreviva ta' Għawdex - pjanta endemika li tinstab biss fl-inħawi tad-Dwejra*

Waħda mill-pjanti endemiċi hija s-**Sempreviva ta' Għawdex** (Maltese Everlasting - *Helichrysum melitense*). Din tinstab tikber fis-selvaġġ fil-blat fl-inħawi tad-Dwejra u l-Qawra (inkluż fuq il-Ġebla tal-Ġeneral) biss u mkien iżjed, la fil-Gżejjer l-oħra Maltin u lanqas fl-ebda pajjiż ieħor. It-tabib Ġio Carlo Grech Delicata, li fl-1853 kien ippubblika l-ktieb *Flora Melitensis*........ b'aktar minn 700 speċi ta' pjanti, jgħid li kienet tikber f'Wied Babu. Jekk dan kien minnu, inqerdet minn hemm u llum tinsab biss f'Għawdex. F'*Catalogu tal-Pianti Indigene*, kontribuzzjoni ta' Carmelo Penza (kuratur tal-ġnien botaniku) li jidher f' *Li Storia ta Malta u Ghaudex*, tal-istorjografu Ġiovanni Faure, ippubblikat fl-1916, ukoll isemmi li kienet tinstab f'Wied Balluta. Iżda dan aktarx kien żball għaliex f'Wied Balluta ma jinstabx ħabitat addattat għal din il-pjanta. Fil-fatt qatt ma ġiet irrappurtata li tikber f'dak il-post minn xi botanista ieħor Malti. Is-Sempreviva ta' Għawdex hija arbuxell, jiġifieri pjanta pjuttost baxxa li tifforma njam kompatt u li jkollha diversi zkuk ewlenin ħergin mill-livell ta' l-art. Hija pjanta perenni, jiġifieri tgħix għal numru ta' snin. Togħla sa xi metru. Għandha weraq b'kisja ta' pil folt, tawwali u abjad tant li l-pjanta tidher ta' kulur griż ċar. Il-fjuri żgħar jiffurmaw bukketti żgħar, ta' kulur isfar jgħajjat,fit-truf taz-zkuk. Twarrad ġeneralment f'Mejju u Ġunju.

Pjanta oħra endemika hija ż-**Żigland ta' Għawdex** (Maltese Hyoseris - *Hyoseris frutescens*). Filwaqt li din tinstab imxerrda sew f'Għawdex, partikolarment fil-Widien tal-Kantra u tax-Xlendi u matul il-kosta fit-tramuntana, minn taċ-Ċawla sax-Xwejni, hija rari ħafna fil-gżira ta' Malta, fejn tinstab f'żewġ inħawi biss. Ġeneralment tikber fil-blat f'ħabitat ta' rdumijiet u sisien ta' qrib il-baħar. Hija arbuxell żgħir li jħaddar u jwarrad is-sena kollha. Il-fjuri sofor jixbħu lil tat-Tfief. Il-weraq kemxejn imlaħħam u jleqq, mifruq b'ħafna pizzi ġejjin għat-tond. Kienet deskritta għall-ewwel darba fl-1988 minn żewġ botanisti Taljani, Salvatore Brullo u Pietro Pavone. Dawn iż-żewġ botanisti, sena qabel (fl-1987), kienu wkoll iddeskrivew għall-ewwel darba pjanta oħra endemika għall-Gżejjer Maltin, il-**Bjanka ta' l-Irdum** (Maltese Cifforache - *Cremnophyton lanfroncoi*), bl-isem xjentifiku ddedikat lill-botanista Malti Edwin Lanfranco. Dan l-arbuxell jikber fix-xfar ta' sisien għoljin. Rari, u f'Għawdex tinstab fl-inħawi tad-Dwejra, fuq il-Ġebla tal-Ġeneral, f'Ta' Ċenċ u f'San Dimitri.

Insibu madwar tmien speċi oħra ta' pjanti endemiċi Maltin li jikbru f'Għawdex. **Widnet il-Baħar** (Maltese Rock-centaury - *Cheirolophus crassifolius*), il-pjanta nazzjonali, hija waħda minnhom. Ma tantx hi komuni f'Għawdex u tikber biss fix-xfar tas-sisien fin-nofsinhar tal-gżira fl-inħawi f'Ta' Ċenċ u tax-Xlendi. Hija arbuxell, b'weraq qisu manku ta' mgħarfa, lixx u kemxejn imlaħħam. Ir-ras tal-fjuri vjola, jixbħu lill-ward tax-xewk, u jikbru fit-truf ta' zkuk twal. Twarrad minn Mejju sa Lulju. Din il-pjanta kien iddeskriviha għall-ewwel darba l-botaniku Malti t-tabib Stefano Zerafa fl-1827 bħala *Centaurea spathulata*. Dan l-isem oriġinali xjentifiku tagħha, kellu jinbidel wara xi żmien għax kien diġà ntuża għal speċi oħra, qabel ma semmiegħa Zerafa. Pjanta endemika Maltija oħra li tinstab f'Għawdex, hija **l-Bebuna tal-Baħar** (Maltese Sea-Chamomile - *Anthemis urvilleana*). Annwali, jiġifieri hija pjanta li minn x'ħin tinbet miż-żerriegħa sa ma żżerra u tmut tieħu sena jew inqas. Frekwenti u tikber ċatta ma' l-art, ħdejn il-baħar, fejn ġieli tifforma twapet żgħar ta' fjuri sofor b'raġġi bojod, irranġati b'mod li hemm minnhom qishom neqsin.



*Bebuna tal-Baħar - endemika għall-Gżejjer Maltin u tikber ħdejn xatt il-baħar.*

Is-sottospeċi endemika (*melitensis*) tal-ġiżi kkultivat ukoll tinstab frekwenti f'Għawdex. Din magħrufa bħala **l-Ġiżi ta' Malta** (Maltese Stocks - *Matthiola incana melitensis*) u tikber fl-inħawi f'Ta' Ċenċ, il-Kantra, id-Dwejra, fuq il-Ġebla tal-Ġeneral, u fil-Ponta' ta' San Dimitri. Fil-gżira ta' Malta hija rari ħafna. Twarrad fir-rebbiegħa bi fjuri vjola ċari. Il-weraq ikun bajdani minħabba kisja pil folt u ġieli jkun bix-xifer immewweġ. **Is-Siġra ta' L-Irmied** (Maltese Salt Tree - *Darniella melitensis*), magħrufa wkoll bħala **Xebb**, hija pjanta oħra endemika. Filwaqt li f'Malta tikber biss f'ċerti nħawi matul il-kosta, f'Għawdex tikber anke fil-qalba tal-gżira u hija komuni f'diversi rħula u għoljiet, fosthom mas-swar taċ-Ċittadella u fil-blat ta' taħthom. Tikber qisha siġra folta, żgħira u togħla anke sa tlett metri, b'weraq irqiq imlaħħam. Ir-Russu, Viktor Petrovich Botchantzev, kien il-botanista li ddeskriviha għall-ewwel darba fl-1976.

**It-Tengħud ta' Malta** (Maltese Spurge - *Euphorbia melitensis*) magħrufa wkoll bħala Tengħud tax-Xagħri, il-**Limonju ta' Malta** (Maltese Sea Lavender - *Limonium melitense*),kif ukoll it-**Tewm Irqiq ta' Malta** (Maltese Dwarf Garlic - *Allium lojaconoi*), huma pjanti li ma jikbru mkien fid-dinja ħlief fil-Gżejjer Maltin, u b'xorti tajba nsibuhom ukoll frekwenti f'Għawdex.

Bħal f'kull gżira oħra, f'Għawdex insibu numru ta' pjanti li jkunu rari ħafna, għalkemm ikunu jinstabu komuni f'pajjiżi oħra. Waħda minn dawn, speċi ta' **Ċentawrja**, instabet tikber dan l-aħħar fuq l-Għolja tan-Nuffara, fl-2001, minn Rita Buttiġieġ, Għawdxija, meta kienet studenta fl-Università ta' Malta. Din il-pjanta, li kif kien jixraq issemmiet **Ċentawrja tan-Nuffara**, hi magħrufa biss minn fuq din l-għolja fil-gżejjer Maltin. Perenni, tikber baxx ma' l-art u twarrad fir-rebbiegħa bi fjuri sofor, li fil-forma jixbħu lil tax-xewk. Barra minn Malta tinstab frekwenti fit-Tuneżija u anke fuq il-gżira ta' Lampedusa. **Il-Felċi Rqiqa** (Common Spleenwort - *Asplenium trichomanes*) mhix xi pjanta settakolari. Pjanta żgħira u delikata, b'weraq żgħir, li tikber f'toqob u xquq fil-blat. Il-botanisti kienu ħasbu li din kienet inqerdet minn pajjiżna iżda dan l-aħħar, fl-2006, reġgħet instabet minn botanista żagħżugħ Malti Timothy Tabone, f'erja żgħira fil-blat fl-inħawi Ta' Ċenċ. Ma tinstab imkien iżjed fil-Gżejjer Maltin. **L-Ilsien l-Għasfur tal-Blat** (Shrubby Campion - *Silene fruticosa*) ukoll tinstab f'Għawdex biss fil-Gżejjer Maltin, u hija rari ħafna; tikber biss fiż-żrieżaq tal-blat f'Wied Sabbar (Ta' Ċenċ) u fil-Wied tax-Xlendi.

Ċerti speċi ta' pjanti jikbru biss f'ambjent li huwa addattat għalihom, u għalhekk meta t-tip ta' ambjent li jikbru fih ikun skars fil-pajjiż, jirriżulta li l-ispeċi jkunu skarsi wkoll. Każ tipiku huwa l-ambjent magħruf bħala l-**għaram tar-ramel** (bl-Ingliż - *sand dunes*). F'Għawdex dan it-tip ta' ambjent jinstab biss fil-bajja tar-Ramla, bejn ix-Xagħra u n-Nadur, fejn ftit 'l ġewwa mill-bajja jinġemgħu ħafna għaram tar-ramel. Hemm insibu diversi pjanti li huma addattati għal dan it-tip ta' ambjent u għalhekk f'Għawdex dawn jikbru hemm biss. Minbarra li huma rari huma fil-periklu li jinqerdu mill-gżira ta' Għawdex. Fost dawn il-pjanti rari li jikbru biss fir-Ramla, insibu x-**Xewk tar-Ramel** (*Sea Holly Eryngium maritimum*), **it-Tengħud tar-Ramel** (Sea Spurge - *Euphorbia paralias*), **in-Nefel tar-Ramel** (Sea Medick - *Medicago marina*), u **l-Pankrazju** (Sea Daffodil - *Pancratium maritimum*). Din ta' l-aħħar magħrufa wkoll bħala **Ġilju tar-Ramel** jew **Narċiż il-Baħar**. Għandha l-weraq kaħlani u jikber f'għamla spirali.



***Pankrazju*** *- dan il-ġilju abjad f'Għawdex jikber biss fl-għaram tar-ramel fir-Ramla.*

Twarrad f'ġilju jfuħ abjad fis-sajf u l-ħarifa. Perenni bil-basla li ġieli tkun fil-fond ħafna.

Fost il-pjanti rari f'Għawdex li huma spettakolari nsibu **l-Fjurdulis Sqalli** (Sicilian Iris - *Iris sicula*). Din hija endemika għal Sqallija u l-Gżejjer Maltin fejn hija rari ħafna. F'Għawdex kważi nqerdet u tinstab fis-selvaġġ f'roqgħa żgħira fil-blat fil-ġenb tal-Wied tax-Xlendi. Ir-ras tal-fjura kbira, vjola u togħla 'l fuq minn metru. Twarrad fir-rebbiegħa. Għandha weraq wiesa' jħaddar is-sena kollha. Mill-banda l-oħra l-**Kripsis ta' l-Ilma** (Swamp Pricklegrass - *Crypsis schoenoides*) mhi spettakolari xejn. Ħaxixa żgħira ċatta ma' l-art, kemxejn qasbija. Din fil-Gżejjer Maltin tikber biss fid-Dwejra, Għawdex, u hija rarissima.

Iżda l-iżjed pjanta rari li hija sinonima ma' Għawdex hi **l-Għerq Sinjur** (Malta Fungus - *Cynomorium coccinneum*), li tikber fuq il-Ġebla tal-Ġeneral, u xi drabi fuq il-blat tas-sisien tal-faċċata. F'Malta instabet tikber f'Dingli Cliffs. Din il-pjanta ħamranija, bla friegħi u b'weraq mhux żviluppat. Il-fjuri huma rqaq ħafna u jiksu l-parti kollha ta' fuq. Tikber fir-rebbiegħa. Hija parassita (bħal budebbus) u tikber fuq l-għeruq ta' arbuxelli li jittolleraw l-imluħa u jikbru qrib il-baħar. Fl-imgħoddi minħabba l-forma tagħha kienu jaħsbuha fungu u kienet tqanqal ħafna kurżità, għax kien maħsub li tikber fuq il-Ġebla tal-Ġeneral biss. Fil-fatt tikber f'diversi pajjiżi tal-Mediterran. Kien maħsub ukoll li kellha xi qawwa mediċinali u maġika. Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann min kien jinqabad jiġbru bla permess kien jispiċċa jaqdef fuq ix-xwieni bħala kastig.



***Għerq is-Sinjur*** *- rari ħafna - kien maħsub li jikber biss fuq il-Ġebla tal-Ġeneral.*

Dan it-tagħrif dwar il-pjanti rari u endemiċi juri kemm huwa importanti li nkunu nafu dwar il-flora ta' pajjiżna. Jeħtieġ li napprezzaw iżjed dan il-wirt naturali li jobbligana biex ma nħalluhx jinqered minn Għawdex. Huwa obbligu li dan il-wirt li jsebbaħ il-kampanja għawdxija jitħalla mhux mittiefes biex igawduh wkoll uliedna u wlied uliedna. L-"*off-roading*" illegali li jseħħ bil-vetturi fil-widien, il-ħruq bla rażan li kull sajf iseħħ kważi kullimkien f'Għawdex, u l-bexx bil-ħerbiċidi biex jitnaddfu postijiet għall-imnasab f'postijiet ta' importanza naturali u ekoloġika, qegħdin jagħmlu ħsara rreparabbli lil dan il-wirt naturali li huwa wkoll wirt nazzjonali.

*Riferenzi:*


- Borg, J.J., Lanfranco, E. u Sultana, J. 2007. *Nature in Gozo.* BirdLife Malta, Malta.
- Lanfranco, E. 1989. *Il-pjanti vaskolari endemiċi tal-Gżejjer Maltin.* F'Cortis, T. (editur). *L-Identità Kulturali ta' Malta.* DOI, Malta.
- Lanfranco, E.1995. *Il-Flora.* F'Sultana, J. (editur). *Il-Flora u l-Fawna ta' Malta.* Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, Malta.
- Lanfranco, E. 1996. *The Flora and Vegetation of Gozo.* F'Farrugia, J. u Briguglio, L. (edituri). *A Focus on Gozo.* University of Malta Gozo Centre, Malta.
- Lanfranco, E. u Lanfranco, G. 2003. *Il-Flora Maltija.* PIN, Malta.

*Ibża' għal Saħħtek*

# Il-Prevenzjoni Hija Aqwa mill-Kura



minn DR MARIO SALIBA MD MMCFD

Bosta nies jassoċjaw is-saħħa mal-mard u l-fejqan. Imma aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar is-saħħa qed tieħu tifsira wiesgħa. Illum nitkellmu dwar kif għandna ngħixu stil ta' ħajja 'l bogħod mill-mard. Nitkellmu fuq prevenzjoni aktar milli fuq kura u fejqan mill-mard. Kulħadd jagħraf l-importanza li nippromwovu s-saħħa minn kull aspett. Biex ikollna popolazzjoni f'saħħitha rridu lkoll nagħtu sehemna, għax minn dak li kull wieħed u waħda minna jagħmel jista' jkollu effett fuq is-saħħa tiegħu personali u ta' l-oħrajn.

Illum nisimgħu ħafna fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni dwar dan il-ħsieb. Hemm diversi programmi fuq ir-radju u t-televiżjoni dwar kif għandna nieħdu ħsieb saħħitna. Kulħadd sema' kemm huwa importanti li ngħixu stili ta' ħajja favur is-saħħa. Dawn id-drawwiet, biex ngħidulhom hekk, iridu jibdew fil-familja u fl-iskola meta uliedna għadhom żgħar. Irridu nkunu aħna l-kbar li nagħtuhom l-eżempju. Għalhekk l-importanza ta' dieta tajba, eżerċizzju regolari u ħajja mingħajr tipjip. Dawn huma affarijiet bażiċi. Id-dieta għandna nħalluha sempliċi kemm jista' jkun. Nevitaw kemm nistgħu ħlewwiet, laħmijiet u xaħmijiet. Dan ma jfissirx li ma nistgħu nieħdu xejn minn dawn l-affarijiet, imma rridu nkunu moderati u ma neħduhomx ta' kuljum. Veru li l-affarijiet li nieklu ta' kuljum ikun fihom dawn l-affarijiet, imma llum hawn l-għażla u sewwa nagħżlu l-ikel li nixtru u li nieklu. Il-frott frisk huwa l-aqwa tip ta' ikel li kulħadd għandu jiekol kuljum. Xejn ma hemm aħjar mill-frott li flimkien ma' ċerejali, legumi u ħaxix frisk jagħmlu l-bażi ewlenija tad-dieta Mediterranja.

F'Malta, bħal pajjiżi oħra Ewropej, l-iktar mard komuni huwa l-mard tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni u l-kanċer. L-ewwel tip ta' mard jista' jkun akut meta wieħed isofri minn attakk ta' qalb jew puplesija u jmut, jew kroniku, meta dak li jkun għal numru ta' snin ikollu bżonn jieħu l-kura bħalma huma pilloli għall-pressjoni, il-qalb jew taz-zokkor. Il-marda taz-zokkor hija ukoll parti minn dan it-tip ta' mard, għax id-diabete stess tista' twassal għall-mard tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni. Il-mard tal-kanċer jibqa' l-iktar mard kiefer għax f'ħafna każijiet ma jaħfirha lil ħadd, u wara numru ta' xhur jew forsi snin il-marid ikollu jċedi. Illum il-mediċina preventiva, barra li qiegħda tistudja dwar dan il-mard kollu rigward kura, qed tagħmel ukoll riċerka kontinwa dwar x'jikkawża dan il-mard biex kemm jista' jkun isiru interventi kmieni qabel il-mard jidħol 'l ġewwa u jkun tard wisq. Hawn għalhekk tidħol it-teknoloġija moderna, fejn illum għandna magni li kapaċi jittendu b'ċerti tipi ta' kanċer meta dawn ikunu għadhom fil-bidu.

Nafu fiċ-ċert li l-mard li ser ikollna fil-futur huwa l-mard kroniku, kif ukoll mard bħal Alhziemer jew dimenzja. Illum nafu li l-bniedem qed jgħix iktar u għalhekk għandu bżonn ta' kura fit-tul. Il-kura fil-komunità għalhekk hija importanti ħafna u l-gvernijiet qegħdin isaħħuha biex tkun ta' serħan għall-kura fl-isptarijiet. Illum l-ideja li dieħla f'kull pajjiż huwa li l-pazjenti kemm jista' jkun jingħataw kura mill-aħjar fil-post fejn igħixu, barra mill-isptarijiet, kemm jista' jkun kemm f'dik li hija saħħa ġenerali kif ukoll saħħa mentali. Illum pazjent kemm jista' jkun nirriabilitawh fil-komunità u nnaqsu ż-żmien li jagħmel l-isptar bla bżonn. Għalhekk il-kura primarja jew il-kura fil-komunità hija importanti ħafna.

Il-kura primarja mhix biss il-viżta li xi kultant wieħed jagħmel għand it-tabib tiegħu, imma hija proċess ta' kooperazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent u l-familja tiegħu. It-tabib jista' jservi ta' gwida lill-pazjent biex dan jieħu ħsieb saħħtu aħjar billi jagħmel użu tajjeb mis-servizzi kollha li hemm. It-tabib illum ma jistax jieħu ħsieb il-pazjenti tiegħu totalment waħdu. Għandu bżonn professjonisti oħrajn bħal *carers*, *nurses*, *social workers*, *counsellors*, psikoloġisti, fiżjoterapisti, farmaċisti, *dieticians* kif ukoll tobba speċjalisti oħrajn li jaħdmu fl-isptarijiet. Dawn kollha flimkien iridu jaħdmu biex il-kura li l-marid jingħata tkun waħda komprensiva u kemm jista' jkun fl-ambjent tiegħu u f'daru stess.





Dan huwa l-idejal modern ta' *teamwork*. Biex dan iseħħ irid ikun hemm kooperazzjoni bejn dawk involuti, kif ukoll kooperazzjoni bejn is-servizzi li jingħataw mill-istat u s-servizzi li jingħataw mill-privat. Il-pazjent mhux dejjem jista' jħallas għas-servizzi li jkollu bżonn, imma għandu dritt li jingħata dawn is-servizzi mill-istat. L-istat huwa fl-obbligu li jara li jkun ġust fis-servizzi li jingħataw liċ-ċittadini kollha u ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Illum it-tabib tal-familja huwa l-persuna l-iktar addattata li tista' tikkoordina dawn is-servizzi biex jintużaw b'mod aħjar u ma jkunx hemm ħela ta' riżorsi żejda fl-isptarijiet. Ħafna mill-viżti li jsiru fl-isptarijiet mhux dejjem ikun hemm bżonnhom.

Illum it-tabib irid jirrispetta dak li l-pazjent ikun iħoss u jitkellem miegħu dwar dak li għandu bżonn. Xi drabi l-aġenda tal-pazjent ma' tkunx l-istess bħal tat-tabib u jkun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni. Dan jista' jiġri meta pazjent jitlob xi ħaġa lit-tabib, li t-tabib iħoss li ma' jistax jagħmilha, bħal ngħidu aħna ċertifikat ta' mard biex ma nibgħatux it-tfal l-iskola meta ma jkunux veru morda. Meta l-aġenda tal-pazjent u tat-tabib ikunu jaqblu, jiġifieri l-għan ewlieni tal-viżta għand it-tabib tkun waħda ġenwina, mhux biex nużaw it-tabib għal xi skop tagħna, ir-relazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent tkun tajba u l-affarijiet jimxu aħjar għall-ġid tat-tnejn.

Il-prinċipji moderni li fuqhom hija msejsa l-kura primarja huma sitta. It-tabib tal-familja huwa l-persuna li jimmaniġġja l-kura primarja billi jservi ta' gwida u koodinatur; jkollu l-ħiliet biex isolvi l-problemi kollha tal-pazjent, jekk mhux waħdu bil-għajnuna ta' professjonisti oħrajn; jieħu ħsieb lill-pazjent fl-ambjent tiegħu u fil-familja; joffri kura komprensiva li tinkludi prevenzjoni, promozzjoni, kura waqt il-mard u riabilitazzjoni wara l-mard, kura paljattiva f'każ ta' kanċer u kura fit-tul għall-mard kroniku jew tax-xjuħija; u fl-aħħarnett kura ħolistika, jiġifieri kura mill-aspett mediku-bioloġiku, psikoloġiku u soċjali. Dan kollu jsir biex il-pazjent ikun iċ-ċentru ta' l-attenzjoni.

Illum nemmnu li l-pazjent għandu dritt li jkollu l-aqwa servizz ta' saħħa kemm preventiva u ta' kura fil-komunità u fl-isptarijiet. Il-mod kif ngħixu huwa importanti u qabel kollox il-pazjent huwa l-aqwa tabib tiegħu nnifsu. It-tabib jista' jgħinek biex tkun f'saħħtek, iżda hemm bżonn ir-rieda u l-kooperazzjoni tiegħek ukoll. It-tabib ma jistax itik is-saħħa, imma jista' jgħinek takkwistaha.

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*

***Mindudin***

(1) Illum fih għoxrin posta (7)
(7) Imsemmi għall-Madonna (5)
(8) Aġġettiv minn Bibbja (7)
(9) Il-lok qaddis tas-sigriet tas-seklu (6)
(11) Hekk kien l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ((5)
(13) Li ma jitħarrekx (4)
(14) Il-ħalliel it-tajjeb hekk għamel dwar il-ħażen tiegħu (7)
(15) Bħad-dubbien ta' l-idjoma (4)
(16) Warrabt minn hawn (5)
(17) Il-belt ta' Sant Antnin (6)
(21) Dan il-ħin hu addattat għall-konverżjoni (4, 3)
(22) Għamilt hekk fil-laħam il-ħaj (5)
(23) Mit-twemmin nagħmlu "emmnut", mill-imħabba nagħmlu "maħbub", u hekk nagħmlu mit-'tama' (7)

***Weqfin***

(2) Il-post ta' l-istudji għolja (10)
(3) Kien jgħammar f'post li mhux daru (8)
(4) Bl-4 wieqfa u bil-jewwilla ma timla l-ebda bixkilla (4)
(5) Il-kap tal-Knisja Universali (4)
(6) L-ewwel virtù teologali (4)
(9) Minn dawn tagħha tingħaraf is-sigra (5)
(10) Oħt il-għerf (10)
(12) Dell ġej mit-Taljan (5)
(13) Baqalna (8)
(18) Dawra durella mad-dar tiegħu (4)
(19) Li jinfirex f'kobor immens (4)
(20) Raġel hekk kien Ġużeppi l-għarus ta' Marija (4)




**TISLIBA - Jannar 2008**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Post Code* ____________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Frar 2008. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Novembru 2007 hi**
**M. Conċetta Buttigieg, 79, Triq Xandriku, Nadur.**


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
  **GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

MIX-XENA SPORTIVA

minn Joe Bajada



# Aktar attivitajiet f'Għawdex mill-Kunsill Malti għall-iSport

Il-Kunsill Malti għall-iSport kompla bil-ħidma tiegħu favur iktar prattika sportiva miċ-ċittadini għawdxin f'Għawdex stess. Dan l-aħħar ġew organizzati iktar attivitajiet miftuħa għal kulħadd. L-ewwel attività li saret kienet *Festival* ieħor



Sportiv bil-kollaborazzjoni mal-*Gozo Football Association* bħala parti mill-ftehim milħuq bejn iż-żewġ entitajiet. Għal dan il-*Festival* attendew iktar minn mitt tifel u tifla fejn hawn ġew ipprattikati diversi *fun games* u tipi ta' sport differenti fosthom anke logħob tal-*football*. Dan kollu sar fi sfond mużikali kkummissjonat mill-Kunsill Malti għall-iSport li offra wkoll flixken ta' ilma lil kulħadd.

Il-Kunsill Malti għall-iSport b'attivitajiet bħal dawn qed jesprimi b'mod attiv u prattiku li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fejn jidħol l-isport u li kulħadd għandu jingħata l-opportunità li jieħu sehem fl-isport għax dawn l-attivitajiet sportivi jirrispettaw id-dinjità umana. B'hekk ukoll it-tifsira ta' l-isport u dawn il-prinċipji mhux biss isiru magħrufa u aċċettati aktar, imma li jkun implimentat b'mod konkret u strateġiku fil-ħajja ta' kuljum. Dan kollu fl-isfond li l-isport huwa għodda b'saħħitha u effikaċi biex il-poplu tagħna jkun jista' anke jilħaq miri ambizzjuzi fit-titjib ta' l-i*standards* tal-kwalità tal-ħajja.

Attività oħra li kienet organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport kienet dik tal-*Bike Ride* li telqet mill-Port tal-Mġarr u baqgħet sejra lejn ir-raħal ta' San Lawrenz. Fiha ħadu sehem diversi ċiklisti Maltin uħud minnhom anke *champions* Nazzjonali, kif ukoll dilettanti oħra Għawdxin li huma ferm interessati li jiffurmaw klabb għawdxi taċ-Ċikliżmu. Interessanti ferm kienet anke il-parteċipazzjoni bir-rota taċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għall-iSport, Franco Azzopardi u tas Sindku ta' San Lawrenz, Noel Formosa. It-tluq ta' din il-*Bike Ride* ngħata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Din l-attività sportiva saret



bil-kollaborazzjoni tal-*Malta Cycling Federation*, il-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u l-*Gozo Football Association*. Bħala għajnuna għal dawn id-dilettanti għawdxin, il-GFA ġa offriet il-faċilitajiet tagħha biex dawn ikunu jistgħu jiffurmaw kumitat u jżommu l-laqgħat tagħhom fl-istess Kwartieri Ġenerali tal-GFA. Bħas-soltu l-Kunsill Malti għall-iSport reġa ħa ħsieb ukoll biex l-attivitajiet involut fihom, ikun preżenti wkoll tim mediku bħala prevenzjoni għal xi inċident li jista' jinqala'.

B'dawn l-attivitajiet il-Kunsill Malti għall-iSport kompla bil-ħidma fejjieda tiegħu biex jagħti dejjem iktar opportunitajiet lill-Għawdxin li jersqu iżjed lejn xi prattika sportiva u li jdaħħlu dejjem iktar il-kunċett sportiv fil-ħajja tagħhom u ta' dawk ta' madwarhom.

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*





## 6. Lejn il-Fortina ta' Ras il-Qala

*Immorru, immorru sar-raħal tal-Qala,*
*xħin naslu fil-pjazza, 'il fuq dritt induru;*
*imbagħad naqbdu t-trejqa li tieħu għall-Wileġ*
*sabiex il-fortina fit-tarf nett inżuru.*



*Mit-trejqa tal-Wileġ għall-qasam nerħulha*
*minn qalb il-kampanja li 'l ġewwa ddaħħalna;*
*in-niżla ftit dejqa fix-xagħri u fir-raba'*
*fl-inħawi magħrufa 'tan-Nemes" twassalna.*



*Hawnhekk qalb il-ħerba u l-egħlieqi mitluqa*
*f'dil-ponta hekk imbiegħda tal-Gżira Għawdxija,*
*biex kieku l-fortina dritt naslu dlonk naqbdu*
*mit-trejqa għan-niżla mal-blat il-mogħdija.*





*Weħidha għassiesa titfaċċa l-fortina,*
*weħidha fil-ħolma tal-ġrajja ta' darba,*
*tiftakar fil-għadab u l-qawwa ta' l-għadu,*
*tiftakar ta' niesna kull bikja u kull karba.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-Kunsill Lokali Qala

## IT-TRUNĊIERA TA' RAS IL-QALA... BEDA R-RESTAWR





TEMPUR
TEMPUR PRESSURE RELIEVING MATTRESSES AND PILLOWS




Tempur Pressure Relieving Mattresses and Pillows

Healthy back

Your mattress and pillow are more important than you think. Many physical pains are caused or aggravated by unnatural sleeping positions. TEMPUR is recommended by 30,000 medical professionals.

TEMPUR MATTRESS



ORDINARY SPRING MATTRESS





TEMPUR is an open cell visco-elastic, temperature sensitive material that conforms to the exact contours of your body. The open cells allow air to flow through the mattress maintaining the body temperature. The spherical cell structure gently moves around the curves of your body giving you total support where you need it but with no counter pressure.

www.arcidiacono.com

BORIS ARCIDIACONO

233, Tower Road • Sliema • Phone: 2133 3638/9 • Fax: 2133 3665
Rue D'Argens • Msida • Phone: 2133 1617, 2133 7608, 2133 0273 • Fax: 2133 7179